

Il-Ġurnal Uffiċjali

L 340

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 52

22 ta' Diċembru 2009

Werrej

- V *Atti adottati mill-1 ta' Diċembru 2009 taħt it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat Euratom*

ATTI LI L-PUBBLIKAZZJONI TAGĦHOM MHJIJEX OBBLIGATORJA

2009/964/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Diċembru 2009 dwar l-adozzjoni tal-Pjan ta' Ħidma għall-2010 għall-implimentazzjoni tat-tieni programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008-13), dwar l-għażla, l-aġġudikazzjoni u kriterji oħra għal kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-azzjonijiet ta' dan il-programm u l-ħlas Komunitarju għall-Konvenzjoni tal-Qafas tal-WHO dwar il-kontroll tat-Tabakk** (*notifikata bid-dokument C(2009) 10183*) 1

Prezz: 3 EUR

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

V

(Atti adottati mill-1 ta' Diċembru 2009 taħt it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat Euratom)

ATTI LI L-PUBBLIKAZZJONI TAGĦHOM MHIJIEK OBBLIGATORJA

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-18 ta' Diċembru 2009

dwar l-adozzjoni tal-Pjan ta' Ħidma għall-2010 għall-implimentazzjoni tat-tieni programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008-13), dwar l-għażla, l-aġġudikazzjoni u kriterji oħra għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-azzjonijiet ta' dan il-programm u l-ħlas Komunitarju għall-Konvenzjoni tal-Qafas tal-WHO dwar il-kontroll tat-Tabakk

(notifikata bid-dokument C(2009) 10183)

(2009/964/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 li tistabbilixxi t-tieni programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008-13) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/858/KE tal-15 ta' Diċembru 2004 li twaqqaf aġenzija eżekuttiva bl-isem Aġenzija Eżekuttiva għall-Programm dwar is-Saħħa Pubblika għat-tmexxija tal-azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa pubblika – b'applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 58/2003 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE (minn hawn 'il quddiem "id-Deċiżjoni tal-Programm") ħolqot it-tieni programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008-13), minn hawn 'il quddiem "it-tieni Programm tas-Saħħa".
- (2) It-tieni Programm tas-Saħħa huwa maħsub biex jikkomplementa, isostni u jżid il-valur lill-politiki tal-Istati Membri u jikkontribwixxi għal żieda fis-solidarjetà u l-prosperità fl-Unjoni Ewropea. L-għanijiet tal-Programm huma li jtejjeb is-sigurtà tas-saħħa taċ-ċittadini; il-promozzjoni tas-saħħa, inkluż it-tnaqqis tal-inugwaljanzi fis-saħħa; il-ħolqien u t-tixrid ta' informazzjoni u għarfien dwar is-saħħa.

- (3) Skont l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni tal-Programm, il-Kummissjoni għandha tadotta Pjan ta' Ħidma annwali li jiffissal-prijoritajiet u l-azzjonijiet li għandhom jiġu eżegwiti, inkluża l-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji, il-kriterji għall-perċentwali ta' kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja, speċjalment il-kriterji għall-valutazzjoni dwar jekk tkunx tapplika utilità eċċezzjonali, l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-istrategġiji konġunti u l-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 9 tal-istess Deċiżjoni.

- (4) Skont l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni tal-Programm, il-Kummissjoni għandha tadotta l-kriterji tal-għażla u tal-aġġudikazzjoni u kriterji oħra marbuta mal-kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-azzjonijiet tal-Programm b'konformità mal-Artikolu 4 tal-istess Deċiżjoni.

- (5) Skont l-Artikoli 4 u 6 tad-Deċiżjoni 2004/858/KE, l-Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi għandha twettaq ċerti attivitajiet għall-implimentazzjoni tal-programm għas-saħħa pubblika u għal dan l-għan għandha tingħata l-approprijazzjonijiet meħtieġa.

- (1) (6) Skont l-Artikolu 75 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽³⁾ (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament Finanzjarju"), deċiżjoni finanzjarja adottata mill-istituzzjoni jew l-awtoritajiet li lilhom ġew iddelegati s-setgħat mill-istituzzjoni għandha tippreċedi l-impenn tannefqa.

⁽¹⁾ ĠU L 301, 20.11.2007, p. 3.

⁽²⁾ ĠU L 369, 16.12.2004, p. 73.

⁽³⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

- (7) Skont l-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju, l-għotjiet għandhom ikunu soġġetti għal programm annwali, li jrid jiġi ppubblikat fil-bidu tas-sena finanzjarja.
- (8) Skont l-Artikolu 166 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 fuq ir-Regolamenti Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej⁽⁴⁾ (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament Finanzjarju"), il-programm ta' ħidma annwali għall-għotjiet għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni trid tispeċifika l-att bażiku, l-għanijiet u l-iskeda tas-sejħiet għall-proposti mal-ammont indikattiv u r-risultati mistennija.
- (9) Skont l-Artikolu 90 tar-regoli implimentattivi tar-Regolament Finanzjarju, id-deċiżjoni li tadotta l-programm ta' ħidma annwali msemmi fl-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju, tista' titqies li hi d-deċiżjoni għall-iffinanzjar fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 75 tar-Regolament Finanzjarju, sakemm din tikkostitwixxi qafas dettaljat biżżejjed.
- (10) Skont l-Artikolu 168(1)(c) u (f) tar-regoli implimentattivi tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li taġġudika għotjiet mingħajr sejħa għal proposti lil entitajiet b'monopolju *de jure* jew *de facto* sostanzjat kif għandu jkun.
- (11) Il-miżuri li din id-Deċiżjoni tipprovdi għalihom għandhom ikunu konformi mal-opinjoni tal-Kumitat għat-tieni programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008-13),

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-Pjan ta' Ħidma għall-2010 għall-implimentazzjoni tat-tieni programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008-13) kif stabbilit fl-Anness I u l-kriterji tal-għażla u tal-aġġudikazzjoni u kriterji oħra marbutin mal-kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-azzjonijiet skont it-tieni Programm Komunitarju fil-qasam tas-saħħa (2008-13), kif stipulat fl-Annessi II, IV, V u VI, u l-has Komunitarju lill-Konvenzjoni tal-Qafas tal-WHO dwar il-Kontroll tat-Tabakk huma adottati permezz ta' dan ta' hawnhekk.

Dawn iservu bħala d-deċiżjoni għall-iffinanzjar tal-għotjiet u l-kuntratti li l-aġġudikazzjoni tagħhom ma teħtieġx id-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

L-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma tiddependi fuq l-adozzjoni mill-Awtorità Baġitarja tal-allokkazzjonijiet baġitarji proposti mill-Kummissjoni fil-Abbozz Preliminari tal-Baġit 2010.

2. Fl-ambitu tal-baġit indikattiv massimu għal kull azzjoni speċifika, tibdil kumulattiv li ma jaqbiżx l-20 % mhuwiex meqjus bħala sostanzjali sakemm ma jaffettwax b'mod sinifikanti n-natura u l-għanijiet tal-Pjan ta' Ħidma. L-uffiċjal awtorizzanti, kif imsemmi fl-Artikolu 59 tar-Regolament Finanzjarju, jista' jadotta dan it-tibdil skont il-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja soda.

3. Id-Direttur Ġenerali tas-Saħħa u l-Konsumaturi għandu jiżgura l-implimentazzjoni globali ta' dan il-Pjan ta' Ħidma.

Artikolu 2

L-għotjiet identifikati f'dan il-Pjan ta' Ħidma għal entitajiet b'monopolju *de jure* jew *de facto* għandhom jiġu aġġudikati skont il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 168(1)(c) u (f) tar-regoli implimentattivi tar-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 3

L-allokkazzjonijiet baġitarji meħtieġa għall-ġestjoni tal-programm għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa pubblika (2008-13) għandhom jiġu ddelegati lill-"Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi" skont il-kundizzjonijiet u fl-ambitu tal-limiti tal-ammonti stabbiliti fil-Pjan ta' Ħidma fl-Anness I.

Is-sussidju operattiv imdaħħal fil-linja tal-baġit 17 01 04 30 għandu jitħallas lill-"Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi".

Artikolu 4

L-approprijazzjonijiet koperti mill-Pjan ta' Ħidma fl-Anness I jistgħu jintużaw biex jitħallas imgħax awtomatiku b'konformità mal-Artikolu 83 tar-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lid-Direttur Ġenerali għas-Saħħa u l-Konsumaturi.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2009.

Għall-Kummissjoni

Androulla VASSILIOU

Membru tal-Kummissjoni

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1.

ANNEX I

Pjan ta' Ħidma Annwali 2010 inklużi l-implikazzjonijiet baġitarji u l-kriterji għall-finanzjament marbutin mal-għotjiet

1. KUNTEST ĠENERALI

1.1. **Politika u kuntest legali**

Id-Deċiżjoni 1350/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾ (minn hawn 'il quddiem "id-Deċiżjoni tal-Programm") stabbilixxiet it-tieni programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008-13), minn hawn 'il quddiem "it-tieni Programm tas-Saħħa".

It-tieni Programm tas-Saħħa huwa maħsub biex jikkomplementa, isostni u jżid il-valur lill-politiki tal-Istati Membri u jikkontribwixxi għal żieda fis-solidarjetà u l-prosperità fl-Unjoni Ewropea. L-għanijiet tal-Programm huma li jtejjeb is-sigurtà tas-saħħa taċ-ċittadini; il-promozzjoni tas-saħħa, inkluż it-tnaqqis tal-inugwaljanzi fis-saħħa; il-ħolqien u t-tixrid ta' informazzjoni u għarfien dwar is-saħħa.

L-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni tal-Programm jiddikjara li l-Kummissjoni għandha tadotta:

- (a) il-Pjan ta' Ħidma annwali għall-implimentazzjoni tal-Programm li jstabbilixxi:
- (i) il-prijoritajiet u l-azzjonijiet li għandhom jiġu attwati, inkluża l-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji;
 - (ii) il-kriterji għall-perċentwali ta' kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja, inklużi l-kriterji għall-ivvalutar dwar jekk tapplikax utilità eċċezzjonali jew le;
 - (iii) l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-istrateġiji u l-azzjonijiet konġunti msemmija fl-Artikolu 9;
- (b) il-kriterji tal-għażla u tal-aġġudikazzjoni u kriterji oħra marbutin mal-kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-azzjonijiet tal-Programm b'konformità mal-Artikolu 4.

Skont l-Artikolu 75 tar-Regolament Finanzjarju (RF) applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, deċiżjoni finanzjarja adottata mill-istituzzjoni jew l-awtoritajiet li lilhom ikunu ġew iddelegati s-setgħat mill-istituzzjoni għandha tippreċedi l-impenn tan-nefqa. Skont l-Artikolu 90 tar-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament Finanzjarju (RF), id-deċiżjoni li tadotta l-programm ta' ħidma annwali msemmi fl-Artikolu 110 tar-RF, tista' titqies li hi d-deċiżjoni għall-iffinanzjar sakemm din tikkostitwixxi qafas dettaljat biżżejjed. Il-mira ta' dan id-dokument hi li dawn l-obbligi jiġu ssodisfati u li hu jippreżenta l-attivitajiet differenti skedati għall-2010, li hija t-tielet sena tal-implimentazzjoni tat-tieni Programm tas-Saħħa.

L-Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi (AESK) għandha tgħin lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma għall-2010 skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Pjan ta' Ħidma u skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2008) 4943 tad-9 ta' Settembru 2008 li tiddelegalha s-setgħat.

1.2. **Riżorsi**

Id-Deċiżjoni tal-Programm tiffissa baġit totali ta' EUR 321 500 000 għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2008 – 31 ta' Diċembru 2013.

L-awtorità baġitarja approvat baġit totali ta' EUR 47 100 000 ⁽⁶⁾ għall-2010 għal-linji baġitarji 17 03 06 u 17 01 04 02.

Linja baġitarja	
17 03 06 – Azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa	Eur 45 700 000
17 01 04 02 – Nefqa fuq ġestjoni amministrattiva	Eur 1 400 000
TOTAL	Eur 47 100 000

⁽⁵⁾ ĠU L 301, 20.11.2007, p. 3.

⁽⁶⁾ Ammont indikattiv, soġġett għall-approvazzjoni tal-Awtorità Baġitarja.

Il-linja baġitarja "17 01 04 02 – Nefqa fuq ġestjoni amministrattiva tal-programm" għandha tintuża għall-organizzazzjoni ta' laqgħat ta' ħidma u għall-laqgħat tal-esperti, għall-pubblikazzjonijiet, diversi attivitajiet ta' komunikazzjoni u nfiq kurrenti ieħor li jsofni l-implimentazzjoni tal-għanijiet tat-tieni Programm ta' Ħidma. Il-Kummissjoni tibqa' responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din il-linja baġitarja.

Il-kontribuzzjonijiet addizzjonali mingħand il-pajjiżi tal-EFTA li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (l-Iżlanda, il-Liechtenstein, u n-Norveġja) u mingħand pajjiżi kandidati li qed jipparteċipaw fil-Programm huma stmati li jlaħħqu EUR 1 186 920 mill-pajjiżi EFTA/ŻEE u EUR 1 38 000 mill-Kroazja ⁽⁷⁾.

Il-baġit totali għall-2010 għalhekk huwa stmat għal EUR 48 424 920:

- it-total għall-baġit operattiv huwa stmat għal EUR 46 984 640;
- it-total għall-baġit amministrattiv huwa stmat għal EUR 1 440 280.

Il-linja baġitarja għall-approprijazzjonijiet amministrattivi marbuta mal-EAHC hija 17 01 04 30.

1.2.1. Ammonti indikattivi

L-ammonti indikattivi fil-kapitoli li jmiss huma indikattivi. B'konformità mal-Artikolu 90(4) tar-RF, taħt kull mekkaniżmu ta' finanzjament huwa possibbli li jkun hemm varjazzjonijiet li ma jkunux sostanzjali fl-ambitu ta' +/- 20 % għal kull partita.

2. MEKKANIŻMI TA' FINANZJAMENT

Il-firxa sħiħa ta' mekkaniżmi ta' finanzjament offruta taħt it-tieni Programm tas-Saħħa għandha tiġi implimentata fl-2010. Il-baġit għas-sejħa għall-proposti għall-proġetti tnaqqas u saret konċentrazzjoni akbar fuq is-sejħiet għall-offerti u mekkaniżmi oħra ta' finanzjament, bħalma huma azzjonijiet konguntivi u għotjiet ta' operat. Dan jimmira li jimmassimizza l-effiċjenza u l-valur miżjud ta' azzjonijiet finanzjati, u jiżgura li l-finanzi jkunu mmirati b'mod aktar dirett biex jilhqgħu l-għanijiet tal-Programm. Madankollu, f'każ li r-riżorsi mill-baġit operattiv kellhom jibqgħu disponibbli fl-aħħar tal-2010, dawn għandhom jiġu allokati mill-ġdid għall-finanzjament ta' għotjiet li jintgħażlu bħala prijorità permezz tas-sejħa tal-2010 għal proposti għall-proġetti.

Il-mekkaniżmi kollha tra' finanzjament għandhom jitwettqu taħt ir-responsabilità tal-AESK, minbarra l-punti 2.7, 2.8 u 2.9, li jaqgħu taħt ir-responsabilità diretta tal-Kummissjoni, u wħud mis-sejħiet għall-offerti, (il-punt 2.2), li għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni. Is-sejħiet u l-informazzjoni rilevanti jiġu ppubblikati fil-websajt tal-AESK ⁽⁸⁾.

Għal kull waħda mit-temi diskussi fit-taqsimiet 3.2 Temi indirizzati fl-ewwel għan "Intejbu s-sigurtà tas-saħħa taċ-ċittadini", 3.3 Temi indirizzati fit-tieni għan "Il-promozzjoni tas-saħħa", u 3.4 Suġġetti indirizzati fit-tielet għan "Il-ġenerazzjoni u t-tixrid tal-informazzjoni u l-għarfien tas-saħħa", għandu jkun applikabbli biss il-mekkaniżmu tal-finanzjament indikat f'suġġett.

Skont il-premessa 33 tad-Deċiżjoni tal-Programm, għandha tiġi ffaċilitata l-kollaborazzjoni ma' pajjiżi terzi li mhumiex jipparteċipaw fil-programm. Iżda, dan ma għandu jinvolvi l-ebda kontribuzzjoni finanzjarja li taqa' taħt il-Programm għal dawk il-pajjiżi. Minkejja dan, l-ispejjeż tal-ivjaġġar u għall-għajxien għall-esperti mistiedna minn pajjiżi bħal dawn jew li sejrini hemm jistgħu jitqiesu bħala spejjeż eliġibbli f'każijiet eċċezzjonali, iġġustifikati kif xieraq, u fil-każijiet fejn dan jikkontribwixxi b'mod dirett għall-għanijiet tal-Programm.

2.1. Sejħa għal proposti għall-proġetti

L-għotjiet għandhom jiġu ffinanzjati taħt il-linja baġitarja 17 03 06 – Azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa. L-ammont indikattiv totali għas-Sejħa għal proposti għall-proġetti huwa stmat għal EUR 13 399 640 (madwar 28,5 % tal-baġit operattiv).

Sejħa għall-proposti għall-proġetti għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali fl-aħħar tliet xhur tal-2009 (data indikattiva). Hija għandha tiddeskrivi l-oqsma għall-finanzjament, il-kriterji tal-għażla u tal-aġġudikazzjoni u l-proċeduri għall-applikazzjoni u l-approvazzjoni.

⁽⁷⁾ Ammont indikattiv: Din iċ-ċifra hija l-ammont massimu u tiddependi mill-ammont annwali tal-kontribuzzjonijiet imħallsa mill-Pajjiżi EFTA/ŻEE u l-Pajjiżi Kandidati.

⁽⁸⁾ <http://ec.europa.eu/eahc/>

Il-proġetti kollha għandhom jipprovdu valur miżjud Ewropew għoli u għandhom ikunu innovattivi minnhom infushom. Iż-żmien li jidmum normalment ma għandux jaqbeż it-tliet snin. L-impatt mistenni ta' għandu jitkejjel permezz ta' indikaturi xierqa, preferibbilment bl-indikatur Snin ta' Ħajja Sana (Healthy Life Years). Fejn huwa rilevanti, l-informazzjoni għandha tinkludi kif se jittieħdu inkunsiderazzjoni l-perspettiva skont is-sessi u l-inugwaljanzi fejn tidħol is-saħħa.

Se jitqiesu għall-finanzjament bis proposti ta' proġetti li direttament jikkorrispondu għat-temi speċifiċi deskritti fit-taqsimiet 3.2, 3.3 and 3.4 u fejn "sejħa għall-proposti għall-proġetti" hija indikata bħala l-mekkaniżmu ta' finanzjament. Proposti li jindirizzaw biss il-qasam usa' tas-suġġett mingħajr ma jikkorrispondu mad-deskrizzjoni speċifika ta' tema speċifika mhumiex se jiġu kkunsidrati għal finanzjament.

Fejn rilevanti, il-proposti kollha jridu juru sinerġiji ma' attivitajiet attwali ta' riċerka ffinanzjati taħt it-tema tas-saħħa u temi oħra marbuta mas-7 Programm Qafas ta' Riċerka ⁽⁹⁾.

Fejn għandha x'taqsam l-allokkazzjoni tar-riżorsi għas-sejħa għal proposti għall-proġetti, għandu jiġi segwit bilanċ bejn l-għanijiet differenti ta' żvilupp tal-Programm, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-kwalità u l-kwantità tal-proposti li jkunu daħlu, sakemm ma jinqalgħu ebda emerġenzi partikolari fis-settur tas-saħħa (pereżempju, xi influwenza pandemika) li jkunu jiġġustifikaw riallokazzjoni ta' riżorsi.

Minħabba n-natura kumplementari u motivazzjonali tal-għotjiet Komunitarji, mill-inqas 40 % tal-ispejjeż tal-proġett iridu jiġu ffinanzjati minn sorsi oħra. Konsegwentement, il-kontribuzzjonijiet finanzjarji normali jistgħu jkunu sa 60 % kull proġett tal-ispejjeż eliġibbli għall-proġetti kkunsidrati. F'kull każ se tkun iddeterminata l-perċentwali massima li għandha tiġi aġġudikata.

Tista' tkun mistennija kontribuzzjoni Komunitarja massima mingħand kull benefiċjarju (jiġifieri, mingħand kull benefiċjarju prinċipali u mingħand kull benefiċjarju assoċjat) ta' 80 % tal-ispejjeż eliġibbli meta proposta tkun ta' utilità eċċezzjonali, kif speċifikat fil-punt 3.1. Mhux aktar minn 10 % tal-proġetti ffinanzjati għandhom jirċievu kontribuzzjoni Komunitarja ta' aktar minn 60 %.

Għandu jiġi nnutat li l-ammont indikattiv għall-parteċipazzjoni finanzjarja Komunitarja fil-proġetti magħżula jista' jiżdied sa mhux iżjed minn 10 % fejn għandu x'jaqsam l-ammont mitlub mill-benefiċjarju. Fi kwalunkwe każ ikun limitat għall-ammont meqjus bħala meħtieġ għall-eżekuzzjoni tal-proġett.

Detalji dwar il-kriterji tal-għażla u tal-aġġudikazzjoni u kriterji oħra marbuta mal-kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-azzjonijiet tal-Programm, skont l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Programm, jidhru fl-Anness II.

Detalji dwar l-eliġibilità tal-ispejjeż ta' vjaġġar u għajxien huma previsti fl-Anness III.

2.2. Sejħiet għall-Offerti

Is-servizzi tal-akkwisti għandhom jiġu ffinanzjati taħt 17 03 06 – Azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa. L-għadd indikattiv ta' kuntratti huwa speċifikat fil-punti 3.2, 3.3 u 3.4 ta' dan il-Pjan ta' F'idma. Il-kuntratti kollha huma kuntratti ta' servizz.

L-ammont indikattiv totali għas-sejħa għall-offerti huwa stmat li jlaħħaq EUR 15 165 000 (madwar 32,3 % tal-baġit operattiv). Is-sejħiet għall-offerti għandhom jiġu varati fil-Ġurnal Uffiċjali fl-ewwel sitt xhur tal-2010 (data indikattiva).

2.3. Azzjonijiet konġunti

L-azzjonijiet konġunti għandhom jiġu ffinanzjati taħt il-linja baġitarja 17 03 06 – Azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa. L-ammont indikattiv totali għas-sejħa għal proposti għall-azzjonijiet konġunti huwa stmat għal EUR 10 600 000 (madwar 22,6 % tal-baġit operattiv). Sejħa għall-proposti għall-azzjonijiet konġunti għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali fl-aħħar tliet xhur tal-2009 (data indikattiva).

Ċerti azzjonijiet se jkunu eliġibbli għal finanzjament bħala azzjonijiet konġunti mill-Komunità u wieħed jew aktar mill-Istati Membri jew mill-Komunità u l-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi oħra li jkunu qed jipparteċipaw fil-Programm. Il-pajjiżi parteċipanti se jiġu mistiedna jressqu proposti permezz ta' sejħa għal proposti għal azzjonijiet konġunti li ġew identifikati espliċitament bħala tali fil-punti 3.2, 3.3 u 3.4.

Dawn il-kontribuzzjonijiet Komunitarji jistgħu jiġu aġġudikati lil korp pubbliku jew korp li ma joperax bi skop ta' qligħ indikat mill-Istat Membru jew l-awtorità kompetenti kkonċernata. Azzjonijiet konġunti għandhom ikunu miftuħa għall-Istati Membri kollha u għal pajjiżi oħra li jipparteċipaw fil-Programm.

⁽⁹⁾ ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1.

Il-kontribuzzjoni Komunitarja għall-azzjonijiet konġunti ma għandhiex taqbeż il-50 %, ħlief f'każijiet ta' utilità eċċezzjonali fejn il-kontribuzzjoni Komunitarja ma għandhiex taqbeż is-70 %. Utilità eċċezzjonali tapplika għal dawk l-azzjonijiet konġunti li:

- jissodisfaw il-kriterji speċifikati fil-punt 3.1, u
- li fihom ikun hemm jipparteċipaw korpi minn mhux anqas minn 10 pajjiżi parteċipanti jew, fejn l-azzjoni tkun proposta minn entità minn Stat Membru li l-adeżjoni tiegħu mal-Unjoni Ewropea saret wara l-1 ta' Mejju 2004 jew minn pajjiż kandidat, ikollhom jipparteċipaw fihom 3 pajjiżi parteċipanti.

Il-kriterji ta' għażla u aġġudikazzjoni għal azzjonijiet konġunti huma dettaljati fl-Anness IV.

Dettalji dwar l-eliġibilità tal-ispejjeż ta' vjaġġar u għajxien jinsabu fl-Anness III.

2.4. Għotjiet operattivi

L-għotjiet operattivi għandhom jiġi ffinanzjati taħt il-linja Baġitarja 17 03 06 – Azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa. L-ammont indikattiv totali għas-sejħa għal proposti għall-għotjiet operattivi huwa smat għal EUR 2 000 000 (madwar 4,3 % tal-baġit operattiv). Minn dan l-ammont EUR 800 000 huma riżervati għal għotjiet operattivi ġodda speċifikament imsemmija fit-taqsimiet 3.2, 3.3 u 3.4 fejn "għotja operattiva" hija indikata bħala l-mekkaniżmu ta' finanzjament. EUR 1 200 000 huma riżervati għat-tiġdid tal-għotjiet operattivi aġġudikati skont il-Pjan ta' Ħidma tal-2009. Sejħa għall-proposti għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali fl-aħħar tliet xhur tal-2009 (data indikattiva).

Sostenn finanzjarju għall-attivitiet jista' jiġi aġġudikat lil dawk l-organizzazzjonijiet li jissodisfaw il-kriterji ppreżentati fl-Anness V.

Is-sostenn finanzjarju ma għandux jaqbeż is-60 % tan-nefqa involuta fit-twettiq tal-attivitajiet eliġibbli. Fil-każi ta' utilità eċċezzjonali, il-kontribuzzjoni Komunitarja ma għandhiex taqbeż it-80 %. Il-kriterji għal utilità eċċezzjonali huma definiti fil-punt 3.1.

Kif stipulat fl-Artikolu 4(2) tad-Deċizzjoni tal-Programm, it-tiġdid tal-kontributi finanzjarji stabbiliti fil-paragrafu 1(b) tal-entitajiet mhux governattivi u netwerks speċjalizzati jistgħu jkunu eżenti mill-prinċipju tat-tnaqqis gradwali. Bħala regola ġenerali, din l-eżenzjoni għandha tapplika għal organizzazzjonijiet applikanti li ma jirċievu l-ebda finanzjament mis-settur privat⁽¹⁰⁾ jew ikollhom kwalunkwe interess ieħor ta' kunflitt għat-tħaddim tagħhom (finanzjament tal-qalba). Għall-għotjiet operattivi mġedda l-oħra kollha, se jiġi applikat tnaqqis ta' 5 punti perċentwali meta mqabbel mal-perċentwali Komunitarja ta' kofinanzjament miftiehma fil-ftehim tal-għotja wara s-sejħa għall-proposti 2009.

2.5. Konferenzi fil-qasam tas-saħħa pubblika u l-valutazzjoni tar-riskju

Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-konferenzi organizzati fil-qasam tas-saħħa pubblika u l-valutazzjoni tar-riskju għandhom jiġu ffinanzjati taħt il-linja baġitarja 17 03 06 – Azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa. L-ammont indikattiv totali għas-Sejħa għal proposti għall-konferenzi huwa smat għal EUR 800 000 (madwar 1,7 % tal-baġit operattiv). EUR 200 000 għal konferenzi organizzati mill-Presidenza tal-Unjoni u EUR 600 000 għal konferenzi oħrajn. Sejħa għall-proposti għall-konferenzi għandha tinwieda fl-aħħar tliet xhur tal-2009 (data indikattiva).

Għal raġunijiet amministrattivi, il-konferenzi kollha eliġibbli għal kofinanzjament, appartu mill-konferenzi tal-Presidenza, iridu jsiru fl-2011.

2.5.1. Konferenzi organizzati mill-Presidenza tal-Unjoni Ewropea

Żewġ konferenzi organizzati mill-Presidenza tal-Unjoni Ewropea, waħda għal kull Presidenza fl-2010, huma eliġibbli għal kofinanzjament mill-Komunità ta' mhux aktar minn EUR 100 000 għal kull konferenza, bir-rata massima għal kofinanzjamenti Komunitarju ta' 50 % tal-ispejjeż eliġibbli totali.

Dawn l-avvenimenti, li huma ta' natura politika għolja u li jinvolvu rappreżentanza fl-ogħla livell kemm mill-Awtoritajiet Nazzjonali kif ukoll rappreżentanti Ewropej, għandhom jiġu organizzati esklussivament mill-Istat Membru li jkollu l-Presidenza fidejha. Minħabba r-rwol uniku tal-Presidenza fil-qafas tal-attivitajiet Komunitarji, l-Istat Membru responsabbli għall-organizzazzjoni tal-avveniment huwa kkusidrat bħala li għandu monopolju *de jure*.

⁽¹⁰⁾ It-terminu "settur privat" ikopri kumpaniji/intrapriżi/korporazzjonijiet li l-għan tagħhom hu li jagħmlu profitt, organizzazzjonijiet kummerċjali u entitajiet oħra irrispettivament min-natura legali tagħhom (irreġistrati/mhux irreġistrati), sjieda (totalment jew parzjalment tal-privat/tal-istat) jew daqs (kbar/żgħar), jekk mhumiex ikkontrollati mill-pubbliku.

Skont l-Artikolu 168(1)(c) tar-Regolament tal-Implimentazzjoni, għotjiet jistgħu jiġu allokati mingħajr sejħa għal proposti lil organizzazzjonijiet f'sitwazzjoni ta' monopolju *de jure* jew *de facto*, li dwar dan tkun ingħatat prova xierqa fid-deċiżjoni tal-aġġudikazzjoni.

Permezz tar-Rappreżentanza Permanenti, il-Presidenza għandha tressaq talba għal għotja lis-servizzi tal-Kummissjoni għall-konferenza kkonċernata mill-inqas erba' xhur qabel l-avveniment. It-talba għal għotja għandha tispeċifika t-tema tal-konferenza, l-abbozz tal-programm, il-baġit provviżorju u l-kompożizzjoni tal-kumitati xjentifiċi u organizzattivi.

Għall-2010 l-konferenzi tal-Presidenza previsti huma: Konferenza Annwali tal-e-health 2010 li għandha ssir f'Marzu 2010 taħt il-Presidenza Spanjola, u konferenza dwar il-ħaddiema fil-qasam tas-Saħħa li għandha ssir f'Settembru 2010 taħt il-Presidenza Belġjana.

2.5.2. Konferenzi oħra

Skont l-Artikolu 2(2) u l-punt 3 tal-Anness għad-Deċiżjoni tal-Programm, il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Komunità jistgħu jiġu aġġudikati għall-organizzazzjoni ta' konferenzi li:

- jikkorrispondu direttament ma' waħda mit-temi deskritti fit-taqsimiet 3.2, 3.3 u 3.4, ukoll jekk jissemma mekkaniżmu differenti ta' finanzjament;
- għandhom dimensjoni wiesgħa tal-Unjoni Ewropea, b'parteċipanti li ġejjin minn mill-inqas 10 pajjiżi li jipparteċipaw fit-tieni Programm tas-Saħħa;
- jiġu organizzati minn korp pubbliku jew minn korp li ma joperax bi skop ta' qligħ, stabbilit f'Pajjiż li jkun qed jipparteċipa fit-tieni Programm tas-Saħħa u li għandu esperjenza rilevanti f'kooperazzjoni fil-livell tal-UE.

Il-kriterji għall-aġġudikazzjoni tal-appoġġ finanzjarju għal organizzazzjonijiet Ewropej għall-organizzazzjoni tal-konferenzi huma speċifikati fl-Anness VI. Konferenzi magħżula huma eliġibbli għall-kontribuzzjoni Komunitarja għal mhux iktar minn EUR 100 000 għal kull konferenza (massimu ta' 50 % tal-baġit totali). Kull għotja aġġudikata tista' tipprovd finanzjament għal massimu ta' żewġ konferenzi. Konferenzi li jkopru firxa wiesgħa ħafna ta' kwistjonijiet differenti tas-saħħa, li huma ta' relevanza politika għolja ħafna, li għandhom għadd kbir ta' organizzazzjonijiet involuti u udjenza sinifikanti jistgħu b'mod eċċezzjonali jiġu aġġudikati kontribuzzjoni finanzjarja ta' mhux iktar minn EUR 200 000.

2.6. Kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali

Il-fondi għal azzjonijiet ma' organizzazzjonijiet internazzjonali għandhom jiġu ffinanzjati taħt il-linja baġitarja 17 03 06 – Azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa. L-ammont indikattiv totali huwa stmat għal EUR 3 500 000 (madwar 7,5 % tal-baġit operattiv).

Skont l-Artikolu 12 tad-Deċiżjoni tal-Programm, relazzjonijiet u kooperazzjoni ma' għaqdiet internazzjonali rilevanti għandhom ikunu mħeġġa. Dan għandu jsir ma' dawk l-organizzazzjonijiet internazzjonali li għandhom il-kapaċità meħtieġa biex jindirizzaw prijoritajiet tas-saħħa tal-Unjoni Ewropea kif identifikati fil-Pjan ta' Ħidma annwali. Hija għandha tkun ibbażata fuq kollaborazzjoni effettiva mal-Kummissjoni.

L-organizzazzjonijiet internazzjonali elenkati hawn taħt għandhom kapaċitajiet speċifiċi marbuta mal-isfera ta' attivita' tagħhom. Dan jagħmilhom partikolarment ikkwalifikati biex iwettqu ċerti azzjonijiet speċifikati fil-Pjan ta' Ħidma. Għalhekk l-għotjiet diretti huma meqjusa bħala l-iktar mekkaniżmu xieraq u effettiv għalihom. Barra minn hekk, għotjiet diretti għandhom itejbu s-sinerġiji u l-kapaċità ta' reazzjoni għall-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti.

Għall-Pjan ta' Ħidma attwali, organizzazzjoni internazzjonali hija definita bħala forma ta' kooperazzjoni intergovermentali stabbilita minn stati permezz tal-iffirmar ta' ftehim internazzjonali li hija reġistrata jew li tressqet biex tiġi rreġistrata mas-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti, li għandha struttura permanenti ta' organizzazzjoni u li hija mogħnija bi status legali bbażat fuq il-ftehim internazzjonali rilevanti li jippermetti l-eżerċitar tal-funzjonijiet tagħha u l-issodisfar tal-iskop tagħha.

Skont l-Artikolu 168(1) il-premessa (f) tar-Regolament tal-Implimentazzjoni, il-finanzjament għal azzjonijiet ma' organizzazzjonijiet internazzjonali għandu jiġi allokat permezz ta' ftehimiet ta' għotjiet mingħajr sejħa għall-offerti fuq temi identifikati speċifikament f'dan il-Pjan ta' Ħidma. L-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-uffiċċji nazzjonali jew regionali tagħhom mhumiex eliġibbli għall-finanzjament bħala beneficijarji ewlenin jew assoċjati fl-ebda sejħa għall-offerti.

L-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja jista' jkun ta' sa 60 % tal-ispejjeż eliġibbli għall-azzjonijiet meqjusa għal kull organizzazzjoni. L-Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumatur (EAHC) għandha tiddetermina l-kontribuzzjoni Komunitarja u l-perċentwali massima li għandha tiġi aġġudikata f'kull każ.

Skont il-premessa 33 tad-Deċiżjoni tal-Programm, attivitajiet li jinvolvu pajjiżi terzi li ma jipparteipawx fit-tieni Programm tas-Saħħa ma għandhomx jitqiesu bħala spejjeż eliġibbli. Dan japplika wkoll fir-rigward ta' ftehimiet ta' għotja ma' organizzazzjonijiet internazzjonali. Minkejja dan, l-ispejjeż tal-ivjaġġar u għall-għajxien għall-esperti mistiedna minn pajjiżi bħal dawn jew li sejrjn hemm jistgħu jitqiesu bħala spejjeż eliġibbli f'każijiet eċċezzjonali, iġġustifikati kif xieraq, u fil-każijiet fejn dan jikkontribwixxi b'mod dirett għall-għanijiet tat-tieni Programm tas-Saħħa.

Il-finanzjament jista' jiġi aġġudikat biss lill-organizzazzjonijiet internazzjonali li ġejjin fl-2010:

- L-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp (OECD)
- L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO)
- L-Osservatorju Ewropew għall-Politiki tas-Saħħa u s-Sistemi tas-Saħħa
- Il-Kunsill tal-Ewropa (CoE)
- Aġenzija Internazzjonali għar-Riċerka fuq il-Kanċer (IARC).

2.7. Kumitati Xjentifiċi

L-attività tal-Kumitati Xjentifiċi rilevanti għas-Saħħa Pubblika għandha tiġi ffinanzjata taħt il-linja baġitarja 17 03 06 – Azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa.

L-għan tal-Kumitati Xjentifiċi huwa li jipprovdu lill-Kummissjoni b'pariri indipendenti, ta' kwalità għolja dwar riskji għas-saħħa. Il-finanzjament maħsub biex jiżgura t-tħaddim tal-Kumitati Xjentifiċi skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/721/KE ⁽¹⁾: indennitajiet speċjali. L-indennitajiet speċjali jithallus lill-esperti għall-parteċipazzjoni tagħhom fl-aqgħat u għax-xogħol fuq opinjonijiet xjentifiċi.

Ammont globali ta' EUR 270 000 (madwar 0,6 % tal-baġit operattiv) għandu jiġi allokati għall-ħlas ta' benefiċċji għal parteċipanti fl-aqgħat relatati max-xogħol tal-kumitati xjentifiċi u ta' relaturi għat-tlestija tal-opinjonijiet tal-kumitati xjentifiċi, fil-qafas tal-Kumitati Xjentifiċi. ⁽²⁾ Dawn il-benefiċċji għandhom ikopru l-oqsma kollha rilevanti għat-tieni Programm tas-Saħħa, jiġifieri 100 % tal-ispejjeż għal SCHER (Kumitat Xjentifiku dwar Riskji għas-Saħħa u dawk Ambjentali) u 50 % (bħala perċentwali indikattiva) tal-ispejjeż għal SCENIHR (Kumitat Xjentifika dwar Riskji għas-Saħħa Emerġenti u Identifikati Riċentement) u għall-koordinazzjoni.

2.8. Attivitajiet oħra

Attivitajiet oħra bħal:

- l-organizzazzjoni ta' laqgħat ta' ħidma u laqgħat għall-esperti, inklużi seminars organizzati fl-ivell nazzjonali għal gruppi ta' esperti biex bejniethom iseħħ skambju tal-aħjar prattika fl-oqsma identifikati fil-Pjan ta' Ħidma annwali;
- il-pubblikazzjonijiet u d-diversi inizjattivi ta' komunikazzjoni għall-promozzjoni tat-tieni Programm tas-Saħħa;

għandhom jiġu ffinanzjati prinċipalment taħt il-linja baġitarja "17 01 04 02 – Nefqa għall-ġestjoni amministrattiva tal-programm" permezz ta' sejħiet għall-offerti.

Għal uħud mit-temi tekniċi speċifiċi, kif deskritt fil-kapitolu 3, huma previsti sejħiet għall-offerti premezz ta' ftehimiet amministrattivi maċ-Ċentru ta' Riċerka Konġunta (ĊRK) Huma għandhom jiġu ffinanzjati taħt il-linja baġitarja 17 03 06 – Azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa. Iċ-ĊRK mhux eliġibbli biex jirċievi finanzjament bħala benefiċjarju tal-għotjiet. Ammont globali ta' EUR 1 250 000 (madwar 2,7 % tal-baġit operattiv) għandu jiġi allokati għal dan l-iskop.

⁽¹⁾ ĠU L 241, 10.9.2008, p. 21.

⁽²⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 11.

2.9. Ħlas Komunitarju lill-Konvenzjoni tal-Qafas tad-WHO dwar il-Kontroll tat-Tabakk

Il-Komunità Ewropea hija membru sħiħ tal-Konvenzjoni tal-Qafas tad-WHO dwar il-Kontroll tat-Tabakk (Framework Convention on Tobacco Control – FCTC). Il-ħlas tal-kontribuzzjoni Komunitarja 2010-2011 lill-FCTC għandu jsir taħt il-linja baġitarja 17 03 05 “Ftehimiet internazzjonali u sħubija ta’ organizzazzjonijiet internazzjonali fil-qasam tas-saħħa pubblika u l-kontroll tat-tabakk”. Għalhekk il-kontribuzzjoni Komunitarja mhijiex finanzjata mill-Programm tas-Saħħa. Il-ħlas Komunitarju huwa bbażat fuq id-deċiżjoni dwar il-pjan ta’ ħidma u l-baġit għall-perjodu finanzjarju 2010-2011 li ttieħdet mit-Tielet Konferenza tal-Membri tal-Konvenzjoni f’Novembru 2008 (FCTC/COP/3/19).

Il-kontribuzzjoni tal-Komunità Ewropea hija ffixsata għal USD 283 374 għal perjodu ta’ sentejn (2010-2011). Il-pjan ta’ ħidma jinkludi, *inter alia*, l-organizzazzjoni tar-4 sessjoni tal-Konferenza tal-Membri, l-elaborazzjoni tal-protokoll dwar il-kummerċ illegali tat-tabakk, l-iżvilupp u l-ġestjoni tal-istrument ta’ rappurtar li jaqa’ taħt il-Konvenzjoni u l-iżvilupp tal-linji gwida għall-implimentazzjoni. Il-linji gwida għandhom jindirizzaw ir-regolamentazzjoni tal-kontenuti tal-prodotti tat-tabakk u l-iżvelar ta’ tagħhom biex jiġu implimentati l-Artikoli 9 u 10, kif ukoll l-edukazzjoni, il-komunikazzjoni, it-taħriġ u l-kuxjenza tal-opinjoni pubblika biex jiġi implimentat l-Artikolu 12. Is-Segretarjat tal-FCTC għandu jamministra l-fondi skont ir-regoli finanzjarji tad-WHO.

3. OQSMA TA’ PRIJORITÀ GĦALL-2010

Temi għall-2010 ntgħażlu skont id-Deċiżjoni tal-Programm u l-Istrateġija tas-Saħħa, kif stipulat fil-White Paper Flimkien għas-Saħħa: Approċċ Strateġiku għall-UE 2008-2013⁽¹³⁾, li jidentifikaw tliet komponenti ewlenin ta’ azzjoni dwar il-promozzjoni tat-tixjiħ san matul l-istadji kollha tal-ħajja, li jiġġieldu kontra t-theddid għas-saħħa u jappoġġjaw sistemi dinamiċi u innovattivi tas-saħħa. Dawn l-għanijiet globali huma indirizzati f’dan il-Pjan ta’ Ħidma permezz ta’ azzjonijiet orizzontali f’oqsma bħalma huma detrimenti għas-saħħa, kif ukoll azzjonijiet speċifiċi fuq mard u kundizzjonijiet partikolari. Huma jieħdu inkunsiderazzjoni wkoll it-temi fil-programm multi-annwali tas-saħħa tal-Grupp ta’ Ħidma tal-Kunsill dwar is-Saħħa Pubblika fil-Livell Għoli li ġie adottat f’Mejju 2009. Dawn huma: Is-saħħa hija l-għana – ir-relazzjoni bejn popolazzjoni f’saħħitha u produttività u prosperità ekonomika; Il-kwalità tal-kura tas-saħħa u s-sikurezza tal-pazjenti; Is-sostenibilità tas-sistemi tas-saħħa fil-konfront ta’ sfidi bħalma huma t-tixjiħ tal-popolazzjoni; Inugwaljanzi fis-saħħa fi ħdan l-Istati Membri u bejniethom; Is-sigurtà tas-saħħa – sorveljanza u reazzjoni għat-theddid għas-saħħa; Is-saħħa globali; Il-Bidla fil-Klima; L-informazzjoni dwar is-saħħa fil-livell tal-UE; u t-teknoloġiji tal-informatika u tal-komunikazzjoni. L-aspett tas-sessi u l-gruppi vulnerabbli jeħtieġ li jittieħed inkunsiderazzjoni fejn xieraq.

Attivitajiet li għandhom jiġu proposti għall-finanzjament li jaqa’ taħt it-temi għandhom jitqiesu fil-kuntest ta’ dawk li diġà ġew finanzjati fil-Programm preċedenti⁽¹⁴⁾ u l-programm attwali. Temi oħra jistgħu jiżiedu fi snin aktar tard fil-perjodu tal-Programm.

It-tieni Programm tas-Saħħa jimmira li jippromwovi sinerġiji ma’ Programmi Komunitarji oħra fil-qasam tas-saħħa, notevolment is-7 Programm tal-Qafas ta’ Riċerka taħt it-Tema tas-Saħħa tiegħu. Il-proposti mressqa taħt it-tieni Programm tas-Saħħa ma għandux ikollhom elementi sinifikanti li għandhom x’jaqsmu mar-riċerka. Għandhom isiru sforzi biex tiġi evitata d-duplikazzjoni parzjali jew totali bejn it-tieni Programm tas-Saħħa, l-FP7 u programmi Komunitarji oħra.

3.1. Kriterji għal utilità eċċezzjonali

B’konformità mal-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni tal-Programm, u l-impenn fl-Istrateġija għas-Saħħa tal-UE biex isir xogħol transsettorjali għal titjib fis-saħħa, għandha tingħata utilità eċċezzjonali lil proposti b’valur miżjud Ewropew sinifikanti fl-oqsma li ġejjin:

— Kontribut għal

- titjib fis-saħħa taċ-ċittadini Ewropej, kif imkejjel, fejn hu possibbli, permezz ta’ indikaturi xierqa, speċjalment permezz tal-indikatur Snin ta’ Ħajja Sana;
- tnaqqis fl-inugwaljanzi fejn tidħol is-saħħa fl-Istati Membri u r-reġjuni tal-UE u bejniethom;
- bini ta’ kapaċità għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta’ politiki effikaċi fis-settur tas-saħħa pubblika partikolarment fl-oqsma fejn l-aktar hemm hteġa;

⁽¹³⁾ http://ec.europa.eu/health/ph_overview/Documents/strategy_wp_mt.pdf

⁽¹⁴⁾ http://ec.europa.eu/health/ph_projects/project_en.htm

- involviment ta' parteċipanti ġodda (li mhumiex parteċipanti tradizzjonali) fejn tidħol is-saħħa fazzjonijiet sostnuti, kooperattivi u etikament b'saħħithom, kemm f'livell reġjonali u f'livell lokali kif ukoll bejn il-pajjiżi parteċipanti kollha. Dan jinkludi lis-settur pubbliku, lis-settur privat u lil dawg il-partijiet interessati minn qalb soċjetà ċivili usa' li l-miri ewlenin tagħhom mhumiex limitati għas-saħħa pubblika (pereżempju, minn qalb l-isferi taż-żgħażaġh, il-gruppi etniċi u sferi oħra ta' interess pubbliku bħalma huma l-ambjent u l-sport).

Il-proposti li jissodisfaw il-kriterji msemmija hawn fuq jistgħu jitqiesu bħala proġetti ta' utilità eċċezzjonali. L-applikanti jridu jkun kapaċi juru kif l-azzjoni proposta se tikkontribwixxi għall-kriterji msemmija hawn fuq billi jikkonformaw mal-kriterji speċifikati fit-taqsimiet li ġejjin.

3.1.1. Utilità eċċezzjonali tal-proġetti

Proposti għall-proġetti li jirrikjedu aktar minn 60 % ta' kofinanzjament jeħtieġ li jikkonformaw mal-kriterji li ġejjin:

- Mill-inqas 60 % tal-baġit totali tal-azzjoni jrid jintuża biex jiffinanzja lill-istaff. Dan il-kriterju huwa maħsub biex jippromwovi l-bini tal-kapaċitajiet għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki effettivi tas-saħħa pubblika.
- Mill-inqas 25 % tal-baġit tal-azzjoni proposta trid tiġi allokata lill-Istati Membri li għandhom PGD *per capita* (kif ippubblikat mill-Eurostat fl-aħħar rapport tiegħu tal-istatistika) fl-iċken kwartili tal-Istati Membri kollha tal-UE. Dan il-kriterju huwa maħsub biex jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-inugwaljanzi fis-saħħa fost l-Istati Membri tal-UE.
- Punteġġ ta' mill-inqas 5 minn 8 marki jrid jinkiseb għall-kriterji kollha tal-aġġudikazzjoni tal-grupp għar-relevanza għall-politika msemmija fl-Anness II. Dan il-kriterju għandu l-għan li jippromwovi t-titjib tas-saħħa taċ-ċittadini Ewropej, fis-sens tat-tisħiħ tar-relevanza politika.
- Mill-inqas 10 % tal-baġit irid ikun allokat għal organizzazzjonijiet li għadhom ma rċievew l-ebda finanzjament permezz tal-Programm tas-Saħħa tal-Komunità Ewropea f'dawn l-aħħar 5 snin. Dan il-kriterju għandu l-għan li jippromwovi l-involviment ta' operaturi ġodda għas-saħħa.

3.1.2. Utilità eċċezzjonali għal azzjonijiet konġunti

Proposti għal azzjonijiet konġunti li jirrikjedu aktar minn 50 % ta' kofinanzjament jeħtieġ li jikkonformaw mal-kriterji li ġejjin:

- Mill-inqas 60 % tal-baġit totali tal-azzjoni jrid jintuża biex jiffinanzja lill-istaff. Dan il-kriterju huwa maħsub biex jippromwovi l-bini tal-kapaċitajiet għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki effettivi tas-saħħa pubblika.
- Mill-inqas 25 % tal-baġit tal-azzjoni proposta trid tiġi allokata lill-Istati Membri li għandhom PGD *per capita* (kif ippubblikat mill-Eurostat fl-aħħar rapport tiegħu tal-istatistika) fl-iċken kwartili tal-Istati Membri kollha tal-UE. Dan il-kriterju huwa maħsub biex jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-inugwaljanzi fis-saħħa fost l-Istati Membri tal-UE.
- Punteġġ ta' mill-inqas 5 minn 8 marki jrid jinkiseb għall-kriterji kollha tal-aġġudikazzjoni tal-grupp għar-relevanza għall-politika msemmija fl-Anness IV. Dan il-kriterju għandu l-għan li jippromwovi t-titjib tas-saħħa taċ-ċittadini Ewropej, fis-sens tat-tisħiħ tar-relevanza politika.
- Mill-inqas 10 % tal-baġit irid ikun allokat għal organizzazzjonijiet li għadhom ma rċievew l-ebda finanzjament permezz tal-Programm tas-Saħħa tal-Komunità Ewropea f'dawn l-aħħar 5 snin. Dan il-kriterju għandu l-għan li jippromwovi l-involviment ta' operaturi ġodda għas-saħħa.
- Korpi minn mill-inqas 10 pajjiżi jew korpi minn 3 pajjiżi parteċipanti, jew fejn l-azzjoni tkun proposta minn korp minn Stat Membru li l-adeżjoni tiegħu mal-Unjoni Ewropea saret wara l-1 ta' Mejju 2004 jew minn pajjiż kandidat għandhom jipparteċipaw fl-azzjoni konġunta.

3.1.3. Utilità eċċezzjonali ta' għotjiet operattivi

Proposti ġodda għall-għotjiet operattivi li jirrikjedu aktar minn 60 % ta' kofinanzjament jeħtieġ li jikkonformaw mal-kriterji li ġejjin:

- Mill-inqas 25 % tal-membri jew tal-kandidati membri tal-korpi jew l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jiffurmaw in-netwerk speċjalizzat ikunu minn Stati Membri li għandhom PGD *per capita* (kif ippubblikat mill-Eurostat fl-aħħar rapport statistiku tiegħu) fl-iċken kwartili tal-Istati Membri kollha tal-UE.

- It-tnaqqis tal-inugwaljanzi fis-saħħa fil-livell tal-UE, f'dak nazzjonali jew reġjonali jkun manifestat fil-missjoni kif ukoll fil-programm annwali ta' ħidma tal-organizzazzjoni/netwerk speċjalizzat applikant(a).

Għal għotjiet operattivi li huma mġedda, l-istatus ta' utilità eċċezzjonali għandu jibqa' l-istess taħt is-sejħa għall-offerti 2009.

3.2. Temi indirizzati fl-ewwel għan "Intejbu s-sigurtà tas-saħħa taċ-ċittadini"

L-għan ta' attivitajiet f'din it-taqsimha huwa l-protezzjoni taċ-ċittadini minn theddid għas-saħħa.

Kapaċità effettiva ta' reazzjoni rapida hija meħtieġa biex tevita theddid għas-saħħa pubblika, pereżempju minn mard li jittieħed jew attacchi kimiċi jew bijoloġiċi kif ukoll mill-obbligu ambjentali li qed jiżded tal-mard. L-indirizzar ta' theddid bħal dan jeħtieġ li jiġi kkoordinat b'mod effettiv fil-livell tal-UE. Il-prinċipju tal-moviment ħieles iżid il-ħtieġa għall-viġilanza li tippermetti reazzjoni f'waqtha għal theddid ewlieni transkonfinali, bħalma huma l-pandemiji, l-bijoterroriżmu jew theddid tas-saħħa ambjentali, bħalma huwa t-tniġġis ambjentali li jimplika iktar minn Stat Membru wieħed jew permezz ta' organiżmi infettati li jgħorru l-mard. Dawn it-theddidiet jinvolvu kompetenzi intersettorjali bħalma huma l-protezzjoni ċivili u l-ambjent.

L-attivitajiet tat-tieni Programm tas-Saħħa jikkontribwixxu għal strateġiji u mekkaniżmi ta' implimentazzjoni meħtieġa biex jirreaġixxu għat-theddid għas-saħħa, inkluż theddid emerġenti, billi jappoġġjaw:

- il-ġestjoni tar-riskji marbuta mal-mard li jittieħed (CDs) abbażi ta' stima tal-impatt imwettqa miċ-Ċentru Ewropew għall-Kontroll tal-Mard (ĊEPKM) ⁽¹⁵⁾.
- l-attivitajiet li qed jiġu żviluppati mill-Kumitat tas-Sigurtà tas-Saħħa (HSC) ⁽¹⁶⁾ dwar viġilanza fuq sikurezza tas-saħħa, il-kapaċità għar-reazzjoni u l-ippjanar tal-Istati Membri kontra attacchi minn aġenti bijoloġiċi, kimiċi u radjoloġiċi.

3.2.1. Protezzjoni taċ-ċittadini kontra theddid għas-saħħa (Anness – il-punti 1.1.1, 1.1.2 u 1.2.3)

Biex tittejjeb il-protezzjoni taċ-ċittadini Ewropej kontra theddid għas-saħħa ġew definiti tliet oqsma ta' prijorità:

- il-prevenzjoni u l-kontroll ta' mard li jittieħed eżistenti jew emerġenti,
- viġilanza għal emerġenzi tas-saħħa,
- il-kapaċità għar-reazzjoni kontra attacchi CBRN (kimiċi, bijoloġiċi u radjoloġiċi).

3.2.1.1. Żvilupp ta' prevenzjoni u kontroll ta' mard eżistenti jew emerġenti li jittieħed (Anness – il-punti 1.1.1, 1.1.2 u 1.2.3)

L-għan tal-azzjonijiet li jaqgħu taħt din l-intestatura huwa li tissaħħaħ il-kapaċità li jiġu indirizzati gruppi li diffiċli jintlaħqu u li ssir konċentrazzjoni fuq l-effettività distribuzzjonali madwar il-popolazzjoni kollha, inklużi t-turisti, fir-rigward tal-kwistjonijiet ta' immunizzazzjoni ⁽¹⁷⁾, tuberkożi ⁽¹⁸⁾, epatite ⁽¹⁹⁾ u influwenza. ⁽²⁰⁾

⁽¹⁵⁾ Il-proposti li jidħlu mis-sejħiet tat-tieni Programm tas-Saħħa ma għandhomx jikkoinċidu ma' dawkl li jaqgħu taħt il-mandat tal-ECDC. Il-programm strateġiku multiannwali tal-ECDC 2007-2013 jinsab fil-websajt http://www.ecdc.europa.eu/en/About_us/Key_documents/Documents/ECDC_MAS_.pdf

⁽¹⁶⁾ http://ec.europa.eu/health/ph_threats/Bioterrorisme/docs/keydo_bio_05_en.pdf

⁽¹⁷⁾ Ara l-pariri xjentifiċi tal-ECDC dwar it-tilqim tat-tfal kontra l-influwenza staġjonali: http://ecdc.europa.eu/documents/pdf/Flu_vacc_18_Jan.pdf. Il-pariri xjentifiċi dwar l-HPV: http://ecdc.europa.eu/pdf/HPV_report.pdf. Pariri xjentifiċi dwar gruppi f'riskju għall-influwenza staġjonali: http://ecdc.europa.eu/en/files/pdf/Publications/priority_risk_groups_forinfluenza_vaccination.pdf

⁽¹⁸⁾ Pjan ta' azzjoni tat-TB tal-ECDC: http://ecdc.europa.eu/pdf/080317_TB_Action_plan.pdf. Dikjarazzjoni ta' Berlin dwar it-TB: <http://www.euro.who.int/document/e90833.pdf>

⁽¹⁹⁾ Paġni 107-115 tar-rapport tal-ECDC dwar l-istatus tal-mard komunikabbli fil-pajjiżi tal-UE u ż-ŻEE/EFTA: http://ecdc.europa.eu/en/Publications/AER_report.aspx

⁽²⁰⁾ Ara r-riżoluzzjoni tad-WHO dwar it-tilqim kontra l-influwenza staġjonali: http://www.who.int/gb/ebwha/pdf_files/WHA56/ea56r19.pdf

Il-prevenzjoni tal-mard hija marbuta mill-qrib mal-għarfien professjonali u kemm il-persuni lesti jipparteċipaw fi programmi tal-prevenzjoni dwar mard li jittieħed. Il-prevenzjoni torbot fuq strateġiji differenti kif muri mill-evidenza bbażata fuq il-pubblikazzjonijiet ⁽²¹⁾. Kampanji ta' komunikazzjoni, programmi ta' tilqim u taħriġ tal-professionisti. Hija tieħu inkunsiderazzjoni l-partikolaritajiet tal-popolazzjonijiet li huma diffiċli li jintlaħqu (irrispettivament tal-istatus residenzjali), popolazzjonijiet vulnerabbli bħalma huma popolazzjonijiet migranti, gruppita' minorità/emarġinati u popolazzjonijiet li jinsabu friskju (pereżempju mgħiba ta' vizzju/sexswali).

- Attivitajiet ta' prevenzjoni, inklużi kampanji ta' komunikazzjoni dwar mard speċifiku (tuberkolożi, epatite, influwenza staġjonali, H1N1) u dwar kwistjonijiet ta' tilqim immirati lejn il-pubbliku ġenerali u l-professionisti. L-iskop huwa li jiżied l-għarfien ġenerali u professjonali dwar il-kwistjonijiet ewlenin relatati mal-prevenzjoni tal-mard li jittieħed, inkluż dak li jista' jiġi evitat permezz tat-tilqim u l-identifikazzjoni tal-aqwa prassi dwar il-ġestjoni u l-kontroll ta' dawn il-kwistjonijiet fil-livell tal-Istati Membri, bħalma huwa t-titjib ta' servizzi u l-allokazzjoni mtejba tar-riżorsi. Dan għandu jgħin fl-adozzjoni ta' reazzjonijiet rilevanti ta' prevenzjoni u b'hekk jikkontribwixxi għal implimentazzjoni aqwa tal-pjanijiet nazzjonali fuq it-tuberkolożi, l-epatite u l-immunizzazzjoni. Il-valutazzjoni ta' dawn l-attivitajiet għandhom jikkontribwixxu għat-titjib tal-metodi ta' prevenzjoni mmirati lejn, b'mod partikolari, popolazzjonijiet li diffiċli jintlaħqu u gruppi ta' minorità/emarġinati.

[Sejħa għal proposti għall-proġetti]

- Taħriġ fuq mard speċifiku (tuberkolożi, epatite, influwenza staġjonali, H1N1) u kwistjonijiet relatati mat-tilqim għall-ħaddiema tas-saħħa primarja u għal "ħaddiema mhux fil-qasam tas-saħħa", bħalma huma nies li jaħdmu f'oqsma edukattivi jew soċjali. L-għan huwa li tiżied il-kapaċità tagħhom biex jittieħdu inkunsiderazzjoni l-ispeċifiċitajiet tal-popolazzjonijiet li diffiċli jintlaħqu, dawk vulnerabbli u dawk li jinsabu friskju u gruppi ta' minoritajiet/emarġinati fir-rigward tal-mard li jittieħed u kwistjonijiet relatati mat-tilqim, u b'hekk isir kontribut aqwa għal implimentazzjoni aħjar ta' pjanijiet nazzjonali fuq tuberkolożi, epatite u immunizzazzjoni. L-għodda validati ta' taħriġ u l-metodi żviluppatti fi ħdan din l-attività għandhom jinxterdu u jiġu adattati għal kuntesti nazzjonali.

[Sejħa għal proposti għall-proġetti]

Titjib tal-kontroll tal-mard li jittieħed

Il-kontroll tal-mard li jittieħed jirrikjedi għodod effettivi għas-segwitu u l-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-programmi tal-mard li jittieħed. L-attivitajiet li ġejjin għandhom l-għan li jivvalutaw l-integrazzjoni u l-mudelli tal-ġestjoni eżistenti u li jipprovdu perċezzjoni ulterjuri fl-allokazzjoni tar-riżorsi u l-impenji tal-Istati Membri fir-rigward tat-tuberkolożi.

- L-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-analiżi tar-riżultati ta' stħarriġ li għandu l-għan li jidentifika l-ġestjoni tat-tuberkolożi u l-forniment ta-servizzi fi ħdan sistema tas-saħħa fil-livell ta' Stat Membru. L-iskop tal-istħarriġ huwa li jippermetti analiżi deskrittiva tal-mudelli differenti fil-kuntest tal-prestazzjoni tal-programm. Deskrizzjoni dettaljata tal-mudelli ta' twassil tas-servizzi tat-tuberkolożi għandha tippermetti strateġija effiċjenti aktar għall-valutazzjoni tal-allokazzjoni tar-riżorsi u l-impenn għall-kontroll tat-tuberkolożi mill-Istati Membri.

[Sejħa għall-offerti]

Il-kontroll ta' mard li jittieghed li jista' jiġi evitat permezz tat-tilqim jirrikjedi idea ċara tal-kopertura tat-tilqima. L-għajnuna fl-iżvilupp ta' reġistri tat-tilqim (dejta bbażata fuq il-każijiet inklużi t-tilqim li ngħata, numri tal-lottijiet, dati tat-tilqim) huwa qasam importanti ta' żvilupp li jirrikjedi kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri. Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ĊEPKM) diġà kien qed jaħdem fuq din il-kwistjoni partikolari mal-istati membri.

- It-twaqqif ta' speċi ta' sett tal-għodda għar-reġistri tal-immunizzazzjoni, li jindika l-modi ta' kooperazzjoni maċ-ĊEPKM, u l-investigazzjoni tal-kondizzjonijiet tat-trasferiment, l-adattar u l-użu tiegħu fl-Istati Membri. L-iskop huwa t-titjib tas-sistemi nazzjonali, reġjonali u lokali ta' rappurtar dwar kwistjonijiet relatati mal-immunizzazzjoni ta' għodda komuni u b'hekk l-iffaċilitar tat-tqabbil bejn il-kopertura tal-immunizzazzjoni tal-Istati Membri.

[Sejħa għal proposti għall-proġetti]

3.2.1.2. It-titjib tal-viġilanza għal emerġenzi tas-saħħa u reazzjoni għalihom, inkluża l-bidla fil-klima, kwistjonijiet relatati mal-influwenza pandemika u kooperazzjoni interreġjonali (Anness – il-punti 1.1.1, 1.1.3 u 1.1.5)

Is-sostenn tal-viġilanza għal sitwazzjonijiet ta' kriżi

L-istrateġija għas-sostenn tal-viġilanza għas-sitwazzjonijiet tal-kriżi torbot fuq sinerġiji bejn bosta tipi differenti ta' attivitajiet.

⁽²¹⁾ http://ec.europa.eu/health-eu/doc/vaccination_workshop.pdf; http://ec.europa.eu/phea/technical_meetings/technical_meetings_en.html

- Attivitajiet previsti jinkludu dawn l-ġejjin: l-identifikazzjoni u l-iskambju tal-aqwa prassi, l-abbozzar tad-dokumenti, it-tħariġ, kwistjonijiet relatati mal-mezzi tal-massa u l-komunikazzjoni lill-pubbliku ġenerali u l-professjonisti, l-ipprogressar tal-iskemi tal-immudellar u t-tniki għall-ippjanar tal-emerġenza tas-saħħa, linji gwida ta' referenza, it-tħariġ tal-istaff u l-appoġġ tal-istaff biex jitttrattaw il-kurrikuli ta' tħariġ mhux previsti (in-natura tat-tħariġ, l-iskop, il-kontenut), it-tixrid tal-azzjonijiet ta' qofol identifikati fil-programm tal-Kumitat tas-Sigurtà tas-Saħħa u l-Inizjattiva tas-Sikurezza tas-Saħħa Globali ⁽²²⁾ (GHSI), il-valutazzjoni tal-asġetti loġistiċi tal-ġestjoni ta' sitwazzjoni ta' kriżi, inklużi kwistjonijiet ta' ssuktur tan-negozju u li jittieħdu inkunsiderazzjoni d-dimensjoni internazzjonali tal-avvenimenti.

[Sejħa għall-offerti]

- Organizzazzjoni ta' tħariġ tal-istaff u t-tweqqif ta' eżerċizzji fil-livell Ewropew bħala element fundamentali tal-viġilanza.

[Sejħa għall-offerti]

L-iżvilupp ta' għodda tal-informazzjoni, l-iskambju tal-informazzjoni u mekkaniżmi għall-għbir atad-dejta

- Il-monitoraġġ tal-mekkaniżmi ta' skambju ta' informazzjoni għall-ġestjoni ta' kriżi u konnessjoni ma' għodod ta' skambju internazzjonali tal-informazzjoni.

[Ftehim amministrattiv maċ-ĊRK]

- L-iżvilupp u t-titjib tal-għodod eżistenti tat-teknoloġija innovattiva tal-informatika u netwerks għall-iżvelar ta' theddid għas-saħħa u analiżi, bħalma hija sistema ta' informazzjoni ġeografika, skemi innovattivi ta' twissija bikrija u ta' previzzjoni, immudellar u l-għarfien tas-sitwazzjoni u għodod għall-ġestjoni tal-kriżi.

[Ftehim amministrattiv maċ-ĊRK]

- Sħarriġ fuq il-leġiżlazzjoni eżistenti fl-Istati Membri dwar il-għbir ta' dejta personali ⁽²³⁾ b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza tas-saħħa pubblika. L-iskop huwa li tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-protezzjoni tad-dejta f'ċirkustanzi bħal dawn. Ir-risultati għandhom jikkontribwixxu għaż-żieda tal-koordinazzjoni ta' attivitajiet ta' traċċar tal-kuntatti biex titrażżan it-theddida.

[Sejħa għall-offerti]

Tisħiħ tal-kollaborazzjoni bejn is-setturi

Kollaborazzjoni intersettorjali hija waħda mill-kwistjonijiet ewlenin tal-ippjanar u r-reazzjoni tal-viġilanza għall-emerġenzi tas-saħħa. Din teħtieġ li tiġi żviluppata f'oqsma differenti, bħalma huma sistemi ta' sorveljanza u ta' senjalazzjoni ⁽²⁴⁾ (pereżempju n-numru 112).

- L-iżvilupp ta' strateġija li torbot fuq il-lezzjonijiet miksuba fir-rigward tat-titjib tal-kollaborazzjoni intersettorjali fir-reazzjoni għall-emerġenzi tas-saħħa fl-oqsma tas-sorveljanza, il-viġilanza u r-reazzjoni u għal sistemi ta' senjalazzjoni fis-setturi rilevanti kollha. Qasam wieħed ta' tħassib huwa l-koordinazzjoni transkonfinali tal-interoperabilità u t-tisħiħ tar-reazzjonijiet komuni għaż-żieda fl-emerġenzi tas-saħħa. L-iskop huwa t-titjib tal-viġilanza u r-reazzjoni għall-emerġenzi tas-saħħa permezz tal-kollaborazzjoni mas-settur(i) rilevanti, pereżempju mas-servizzi tat-trasport, il-protezzjoni ċivili u l-forzi tas-sigurtà involuti fl-issuktur tal-attivitajiet, u biex jiġu identifikati modi għal titjib. Jeżisti interess partikolari fl-użu tar-risultati għall-ġestjoni intersettorjali tal-kriżi.

[Sejħa għal proposti għall-proġetti]

⁽²²⁾ L-ewwel laqgħa ministerjali tal-Inizjattiva tas-Sikurezza tas-Saħħa Globali (GHSI), biex tiġi diskussa s-sikurezza tas-saħħa globali saret f'Novembru 2001 f'Ottawa. Il-Kummissjoni Ewropea hija Membru tal-GHSI. <http://www.ghsi.ca/english/background.asp>

⁽²³⁾ Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

⁽²⁴⁾ Il-Kapitolu 5, li jibda p. 31 tal-gwida teknika dwar l-ippjanar tal-viġilanza ġenerika għal emerġenzi tas-saħħa pubblika fuq: http://ec.europa.eu/health/ph_threats/Bioterrorisme/keydo_bio_01_en.pdf

Appoġġ għall-adattar tas-settur tas-saħħa għall-konsegwenzi tal-bidla fil-klima

L-Ewropa qed tiegħu miżuri biex tindirizza t-tisħin globali u biex tipprevjeni bidliet possibbilment katastrofiċi kif spjegat fil-White paper tal-KE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima ⁽²⁵⁾.

- L-azzjonijiet ta' implimentazzjoni fid-dokument tal-impatti fuq is-saħħa tal-bidla fil-klima ⁽²⁶⁾ mehmuż mal-White paper tal-KE fir-rigward tal-kondizzjonijiet estremi tat-temp, l-immudellar ta' effetti fuq is-saħħa, it-taħriġ, u l-kunsiderazzjoni tal-impatt tal-bidla fil-klima fuq gruppi vulnerabbli, u l-kooperazzjoni maċ-ĊEPKM, id-WHO u pajjiżi ġirien.

[Sejħa għal proposti għall-proġetti]

3.2.1.3. Tisħiħ tal-kapaċità eżistenti ta' reazzjoni kontra t-theddid minn aġenti bijoloġiċi, kimiċi u radjoloġiċi kif ukoll mill-obbligu ambjentali li qed jiżdied tal-mard (Anness – il-punti 1.1.1. u 1.1.4.)

Attivitajiet għall-koordinazzjoni u l-appoġġ tal-viġilanza għas-sigurtà tas-saħħa u l-kapaċità ta' reazzjoni u l-ippjanar tal-Istati Membri kontra attacki minn aġenti bijoloġiċi, kimiċi u radjoloġiċi qed jiġu żviluppati mill-Kumitat tas-Sikurezza tas-Saħħa (HSC).

It-tieni Programm tas-Saħħa jkopri l-identifikazzjoni ta' theddid ulterjuri għas-saħħa u jindirizza l-interoperabilità bejn il-mekkaniżmi, is-sistemi tas-saħħa, il-pjanijiet u l-istrateġiji b'konċentrazzjoni partikolari għall-attivitajiet transsettorjali.

Appoġġ tal-laboratorji ta' referenza u titjib tal-valutazzjoni tat-theddid ta' sustanzi kimiċi tossiċi industrijali u radjoattivi

L-azzjonijiet previsti għandhom l-iskop li jappoġġjaw il-laboratorji ta' referenza tal-Istati Membri għas-sustanzi kimiċi u radjoattivi u l-valutazzjoni tat-theddid tas-sustanzi kimiċi industrijali tossiċi u radjoattivi.

- Stħarriġ u verifika finanzjarja ta' "laboratorji nazzjonali ta' referenza" għal sustanzi kimiċi u radjoattivi inkluż laqgħa ta' ħidma dwar il-kondiviżjoni ta' ħliet u kapaċitajiet. L-iskop tal-istħarriġ huwa l-investigazzjoni u l-forniment ta' prinċipju fundamentali għal skema tal-UE ta' laboratorji ta' referenza, li jagħtu impressjoni analitika tal-qagħda attwali ta' laboratorji ta' referenza fl-Istati Membri differenti u li jesploraw fid-dettall l-evidenza rilevanti bħala appoġġ tal-benefiċċji u l-iżvantaġġi potenzjali tal-ħolqien ta' netwerk ta' referenza tal-UE. Huwa għandu jinfirizza l-elementi minimi ta' kostituzzjoni ta' sistema tal-UE ta' laboratorji ta' referenza, inklużi elementi kritiċi għall-iżvilupp tagħha, u n-netwerking nazzjonali u internazzjonali bħala kundizzjoni obbligatorja għal azzjoni effettiva f'investigazzjonijiet u f'reazzjonijiet għal tifqigħat.

[Sejħa għall-offerti]

- It-twaqqif ta' networks ta' stima tar-riskju tas-sustanzi kimiċi industrijali tossiċi u tat-theddid u r-riskji radjoattivi. L-iskop huwa li tiġi żviluppata kapaċità ta' stima tar-riskju għal theddid tas-sustanzi kimiċi u radjoattivi.

[Sejħa għall-offerti]

- L-iżvilupp ta' kontramiżuri tas-saħħa pubblika bbażati fuq l-evidenza, u validati xjentifikament. L-iskop huwa li jiġu żviluppati protokollu fuq analiżi rapida tat-theddid u r-riskji fir-rigward tat-theddid tas-sustanzi kimiċi u radjoattivi.

[Sejħa għall-offerti]

Tisħiħ tal-kapaċità globali tas-sigurtà tas-saħħa

L-isfidi tas-sigurtà tas-saħħa tal-lum mhumiex limitati għal kwistjonijiet tas-saħħa diretti bħalma huma l-mard li jittieħed, jew theddid ta' rilaxx akċidentali jew apposta ta' aġenti bijoloġiċi, kimiċi u radjonukleari. Is-sigurtà tas-saħħa għandha tkun tħassib komuni għas-setturi ta' politika kollha.

⁽²⁵⁾ http://ec.europa.eu/environment/climat/adaptation/index_en.htm http://ec.europa.eu/health/ph_threats/climate/docs/com_2009_147_en.pdf

⁽²⁶⁾ Dokument ta' Ħidma mill-Persunal tal-Kummissjoni intitolat "Impatti fuq il-Bniedem, l-Annimali u s-Saħħa tal-Pjanti tat-Tibdil fil-Klima". http://ec.europa.eu/health/ph_threats/climate/climate_en.htm http://ec.europa.eu/health/ph_threats/climate/docs/com_2009-147_en.pdf

- L-appoġġ tal-prijoritajiet tal-Kumitat tas-Sigurtà tas-Saħħa ⁽²⁷⁾ għall-2010, inklużi t-taqsimiet u l-attivitajiet tal-gruppi ta' ħidma tal-Kumitat tas-Sikurezza tas-Saħħa.

[Sejħa għall-offerti]

- It-tqabbil ta' strateġiji, inklużi l-iffissar tal-punti ta' referenza, il-ġida, l-iskambji tal-aqwa prassi u l-mudelli ta' organizzazzjoni f'reazzjoni u f'analiżi ta' emerġenza tal-kondizzjonijiet għat-trasferiment u l-adattar għal kundestri oħra ⁽²⁸⁾. L-iskop huwa t-taffija tal-impatt tal-emerġenzi tal-massa u l-forniment ta' linji gwida li fuqhom jistgħu jiġu adattati miżuri tas-saħħa pubblika għal theddid li jista' jinfirx b'mod internazzjonali, pereżempju portijiet u ajruporti. Il-koordinazzjoni tar-reazzjoni Ewropea hija essenzjali għall-effiċjenza ta' kwalunkwe strateġija ta' ttrażzin jew biex tittardja l-firxa. Dan il-qafas huwa relatat ukoll għall-applikazzjoni komuni tar-Regolamenti Internazzjonali tas-saħħa tad-WHO (International Health Regulations – IHR).

[Sejħa għal proposti għall-proġetti]

- Iż-żieda tal-bini tal-kapaċitajiet għall-infurzar konġunt tal-liġi tas-sigurtà u l-operat tal-awtoritajiet tas-saħħa abbażi tad-dokument ta' ħidma tal-KE dwar It-tpaċija tas-sikurezza u s-saħħa ⁽²⁹⁾. Id-dokument jikkonċentra fuq il-kooperazzjoni bejn is-saħħa tan-nies u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fil-livell nazzjonali, bejn Stati Membri u fil-livell tal-UE, u jaġhti kumpilazzjoni tal-aqwa prassi li timmira li tgħin lill-Istati Membri biex itejbu l-istrutturi nazzjonali tagħhom, iqajmu kuxjenza tal-opinjoni pubblika u jsaħħu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni Ewropea.

[Azzjonijiet konġunti]

- Konferenza internazzjonali dwar is-sigurtà tas-saħħa globali ⁽³⁰⁾. L-iskop huwa li tiġi definita b'mod aħjar l-interdipendenza bejn is-setturi tas-sigurtà tas-saħħa u setturi oħra, biex jissaħħu r-rabtiet globali permezz tal-iskambju tal-għarfien u l-aqwa prassi dwar kwistjonijiet ta' sikurezza tas-saħħa u biex jiġi definiti għadd ta' oqsma ewlenin ta' sikurezza tas-saħħa. Il-konferenza se tlaqqa' operaturi Ewropej minn politiki tas-saħħa pubblika u politiki rilevanti oħrajn, operaturi internazzjonali bħalma huma L-Inizjattiva tas-Sigurtà tas-Saħħa Globali, il-G8, id-WHO, organizzazzjonijiet ta' difiża bħan-NATO, u organizzazzjonijiet umanitarji u dawk tas-soċjetà ċivili. Hija se tagħti wkoll opportunità għall-iżvilupp tal-komunikazzjoni fuq aspetti interni u esterni tas-sigurtà tas-saħħa.

[Sejħa għall-offerti]

3.2.2. Tittjejb is-sikurezza taċ-ċittadini (Anness – il-punti 1.2 u 1.2.3)

Fit-titjib tas-sikurezza taċ-ċittadini, il-konċentrazzjoni hija fuq żewġ oqsma ta' prijorità. prevenzjoni fil-qasam tas-sikurezza tal-pazjenti, u parir xjentifiku u valutazzjoni tar-riskju

3.2.2.1. Żvilupp ta' prevenzjoni fil-qasam tas-sikurezza tal-pazjenti

Ir-reżistenza antimikrobjali u l-infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa ⁽³¹⁾ huma ta' tħassib partikolari għall-professionisti tal-kura tas-saħħa. L-iskambju tal-informazzjoni u t-taħriġ huwa importanti għat-titjib tal-prassi tal-professionisti.

- Konferenza dwar l-iskambju tal-aqwa prassi u għodda fil-qasam tas-sikurezza tal-pazjenti. L-iskop huwa li jiġu ppreżentati l-ewwel riżultati ta' attivitajiet u għodod żviluppanti taħt is-Sejħa għall-Proposti għall-proġetti 2009 tat-tieni Programm tas-Saħħa u li tiġi definita strateġija għat-tixrid u l-użu. Il-konferenza se tlaqqa' l-awtoritajiet tas-saħħa pubblika, il-professionisti tas-saħħa, l-industrija u l-esperti fil-valutazzjoni tar-riskju. Ir-riżultati tal-konferenza għandhom jiffaċilitaw ukoll biex titwaqqaf rabta bejn id-definizzjoni tal-politiki dwar is-sikurezza tal-pazjenti fil-livell nazzjonali u f'dak Ewropew u fil-qasam tal-kura tas-saħħa u biex jittejjbu l-iskambju u l-iskemi ta' taħriġ għall-professionisti tas-saħħa speċjalment fir-reġjuni transkonfinali.

[Sejħa għall-offerti]

⁽²⁷⁾ http://ec.europa.eu/health/ph_threats/Bioterrorisme/docs/keydo_bio_05_en.pdf

⁽²⁸⁾ "Technical guidance on generic preparedness planning for public health emergencies", fuq http://ec.europa.eu/health/ph_threats/Bioterrorisme/keydo_bio_01_en.pdf

⁽²⁹⁾ http://s-sanco-europa/health/ph_threats/com/preparedness/prephome/cbrn_en.htm.

⁽³⁰⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: *Sikurezza tas-Saħħa Globali* ppjanata għall-Ħarifa tal-2009.

⁽³¹⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2002/77/KE tal-15 ta' Novembru 2001 dwar l-użu prudenti ta' aġenti antimikrobjali fil-mediċini għall-konsum uman:

http://eur-lex.europa.eu/pri/en/oj/dat/2002/l_034/l_03420020205en00130016.pdf

Ir-rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill dwar il-bażi tar-rapporti tal-Istati Membri dwar l-implementazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2002/77/KE tal-15 ta' Novembru 2001 dwar l-użu prudenti ta' aġenti antimikrobjali fil-mediċini għall-konsum uman (it-22 ta' Diċembru 2005):

http://ec.europa.eu/health/ph_threats/com/mic_res/com684_en.pdf

- Taħriġ tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa u l-edukaturi tas-saħħa. L-iskop huwa l-użu ta' għodda fi ħdan attivitajiet ifffinanzjati dkont il-Pjan ta' Ħidma 2009 tat-tieni programm tas-Saħħa bħala sfond komuni. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-ispeċifitajiet tal-prevenzjoni, b'mod partikolari dwar l-użu tajjeb tal-antibijotiċi f'popolazzjonijiet li diffiċli jintlaħqu (pereżempju irrispettament mill-istatus residenzjali, popolazzjoni migranta, gruppi ta' minorità/emarġinati).

[Sejħa għal proposti għall-proġetti]

3.2.2.2. Parir xjentifiku u valutazzjoni tar-riskju (Anness – il-punt 1.2.1)

- Il-forniment lill-Kummissjoni b'pariri ta' kwalità għolja, u indipendenti dwar ir-riskji għas-saħħa. Biex jiżgura t-tħaddim tal-Kumitati Xjentifiċi skont id-Deċiżjoni 2008/716/KE: indennitajiet speċjali. L-indennitajiet speċjali jithallus lill-esperti għal xogħlhom fuq opinjonijiet xjentifiċi.

[Kumitati Xjentifiċi]

- Djalogu dwar il-Valutazzjoni tar-Riskju permezz ta' Nano Workshop – Konferenza. L-iskop huwa li jitlaqqgħu x-xjenzati, l-assessuri tar-riskju, l-awtoritajiet pubbliċi, l-industrija u l-konsumatur u l-NGOs ambjentali biex jinvestigaw u jiddiskutu r-regolamentazzjoni xjentifika l-aktar avanzata, l-iżvuppi internazzjonali, il-governanza tar-riskju u l-komunikazzjoni u l-identifikazzjoni tal-mezzi xierqa biex tissaħħaħ il-gwida bħala appoġġ tal-iżvilupp bla periklu, integrat u responsabbli tan-nanoteknoloġiji.

[Sejħa għall-offerti]

- Djalogu dwar il-valutazzjoni tar-Riskju permezz ta' analiżi tal-prospetti dwar in-nanoteknoloġiji. L-iskop huwa l-identifikazzjoni u d-diskussjoni tal-kwistjonijiet tal-valutazzjoni tar-riskju li jitfaċċaw fuq quddiem nett permezz tal-introduzzjoni tat-tieni u t-tielet ġenerazzjoni tan-nanoteknoloġiji.

[Ftehim amministrattiv maċ-ĊRK]

- Djalogu dwar il-Valutazzjoni tar-Riskju permezz tat-2 Konferenza Internazzjonali. L-iskop huwa l-iffaċilitar tad-djalogu globali dwar il-valutazzjoni tar-riskju, fost l-ispeċjalisti tal-valutazzjoni tar-riskju, bl-involvement ta' korpi li jitrattaw mal-analiżi tar-riskju fl-UE u l-kollaboraturi tagħha ewlenin bi sħab mil-lat internazzjonali. Huwa relatat u jibni fuq id-Djalogu Transatlantiku tal-Valutazzjoni tar-Riskju tal-Kummissjoni Ewropea mal-Istati Uniti u l-Kanada. Din hija t-tieni konferenza internazzjonali biannwali dwar il-valutazzjoni tar-riskju, u ssegwi l-1 Konferenza li għet organizzata fit-13-14 ta' Novembru 2008.

[Sejħa għall-offerti]

- Komunikazzjoni tar-riskju permezz ta' taqsiriet f'lingwaġġ mhux speċjalizzat tal-opinjonijiet xjentifiċi. L-iskop huwa li jitħejjew testi għall-Internet li jirriproduċu opinjonijiet magħżula tal-Kumitati Xjentifiċi mhux tal-ikel f'għamla u f'lingwaġġ li jippermetti lill-persuni mhux professjonisti li jifhmu bla diffikultà l-kwistjonijiet.

[Sejħa għall-offerti]

- Assistenza teknika għall-Kumitati Xjentifiċi. L-iskop huwa t-tifttxija u l-irkupru ta' massa xjentifika kritika u ta' appoġġ editorjali għall-opinjonijiet xjentifiċi u għall-kontrol tal-kwalità tagħhom. Dan għandu jippermetti lill-Kumitati Xjentifiċi biex jikkonċentraw purament fuq kwistjonijiet xjentifiċi u fuq valutazzjoni tad-dejta xjentifika.

[Sejħa għall-offerti]

- rapporti kollaborattivi tal-pariri dwar l-aspetti ta' metodoloġija tal-valutazzjoni tar-riskju u dwar riskji emerġenti tas-saħħa, li jappoġġjaw jew jikkomplementaw l-attivitajiet tal-Kumitati u l-Bordijiet Xjentifiċi tal-UE, mħejjija b'mod konġunt minn bosta korpi konsultattivi xjentifiċi fl-Istati Membri.

[Sejħa għal proposti għall-proġetti]

- Kollaborazzjoni tal-valutazzjoni tar-Riskju permezz ta' laqgħat ta' ħidma dwar temi speċifiċi jew ġenerali realatati mal-valutazzjoni tar-riskju u x-xogħol tal-Kumitati Xjentifiċi mhux tal-ikel tal-Kummissjoni għall-promozzjoni u t-trawwim ta' djalogu ulterjuri fost l-esperti.

[Sejħa għall-offerti]

- Komunikazzjoni tar-riskju permezz tal-pubblikazzjoni tar-riżultati u x-xogħol imwettaq mill-Kumitati Xjentifiċi mhux tal-ikel fil-ġurnali xjentifiċi u f'mezzi tal-komunikazzjoni oħrajn. L-iskop huwa li tissaħħaħ il-viżibilità u l-apprezzament ta' dan ix-xogħol, kemm fiċ-ċrieki akademiċi kif ukoll fost il-pubbliku ġenerali.

[Sejħa għall-offerti]

- Komunikazzjoni tar-riskju permezz tar-reviżjoni u l-aġġornament tal-paġni fuq l-Internet tal-Kumitati Xjentifiċi u paġni tal-Internet relatati (pereżempju dwar in-nanoteknoloġiji, il-Kampijiet Elettromanjetiċi). L-iskop huwa li tissaħħaħ il-viżibilità u tittejjeb il-komunikazzjoni lill-ġurnalisti, il-partijiet interessati u l-pubbliku ġenerali.

[Sejħa għall-offerti]

- Komunikazzjoni tar-riskju permezz tal-iżvilupp ta' strateġija professjonali tal-komunikazzjoni, pereżempju billi jiġi organizzat workshop żgħir mal-ġurnalisti li jaħdmu fuq kwistjonijiet xjentifiċi.

[Sejħa għall-offerti]

- Valutazzjoni tar-riżorsi u l-ħtiġijiet attwali. L-iskop huwa li jiġi żgurat it-tħaddim tajjeb tal-Kumitati Xjentifiċi (analiżi komparattiva tal-aġenziji tal-UE li għandhom rwol komparabbli).

[Sejħa għall-offerti]

3.2.2.3. Sikurezza tad-demem, it-tessuti, iċ-ċelloli u l-organi (Anness – il-punt 1.2.2)

- Organizzazzjoni tas-sessjonijiet tat-taħriġ fil-qasam tat-tessuti u iċ-ċelloli għal għadd definit ta' assessuri. L-iskop huwa l-kisba ta' għarfien uniformi u mod ta' kif jitwettqu l-ispezzjonijiet madwar l-UE u biex jiżjed l-għadd ta' professjonisti mħarrġin. Il-proċess ta' konformità tal-prassi tal-ispezzjonijiet għandu jtejjeb il-kunfidenza reċiproka u għalhekk jistimula l-kollaborazzjoni fost l-Istati Membri.

[Sejħa għal proposti għall-proġetti]

- Il-kooperazzjoni *ad hoc* mal-Kunsill tal-Ewropa fuq temi speċifiċi marbutin mal-ġisem uman (demem, tessuti, ċelluli, organi), biex jiġu żviluppati u jissaħħu b'mod ulterjuri l-azzjonijiet ta' politika tal-UE f'dan il-qasam.

Biex tippromwovi u ttiproteġi s-saħħa umana, il-Kummissjoni tikkoopera mal-Kunsill tal-Ewropa dwar standards ta' kwalità għall-ġbir/kisba, l-ittestjar, l-ipproċessar, il-preservazzjoni, il-ħażna u d-distribuzzjoni tal-komponenti tad-demem, l-organi, it-tessuti u iċ-ċelloli. Din il-kooperazzjoni *ad hoc* tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tleġizlazzjoni u l-politiki Komunitarji f'dawn l-oqsma.

[Ftehim ta' għotja diretta mal-Kunsill tal-Ewropa]

Bl-għan ta' appoġġ tal-implimentazzjoni tal-10 azzjonijiet speċifiċi ta' prijorità tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Pjan ta' azzjoni dwar id-Donazzjoni tal-Organi u t-Trapjanti (2009-2015): Kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-Istati Membri" (COM(2008) 819 finali) ⁽³²⁾:

- (1) It-taħriġ tal-professjonisti tas-saħħa. L-Azzjonijiet ta' Prijorità 1 u 3 jaġhmlu enfażi partikolari fuq ir-rwol tal-koordinaturi tad-donaturi tat-trapjanti. L-iskop huwa li jiġi żgurat li l-Istati membri jistabbilixxu professjonisti tas-saħħa ta' qofol bħal dawn u jipprovduhom b'taħriġ kontinwu. Ir-riżultat għandu jkun għadd miżjud ta' koordinaturi tat-trapjanti mħarrġa. Intwera li professjonisti ta' qofol tas-saħħa huma fundamentali biex jiżjed r-rati ta' donazzjonijiet tal-organi.

[Sejħa għall-offerti]

- (2) Azzjonijiet ta' promozzjoni (Azzjoni ta' prijorità 6) u kooperazzjoni reġjonali. L-idea ta' Pjan ta' Azzjoni hija biex tissaħħaħ l-azzjonijiet tal-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni tal-Istati Membri fir-rigward ta' donazzjoni u trapjant tal-organi. L-iskop huwa li tiġi ffaċilitata kooperazzjoni bħal din bejn l-Istati Membri ma' sistemi żviluppati sewwa ta' trapjanti u Stati Membri li huma fil-proċess li jtejbu jew jiżviluppaw is-sistemi tagħhom ta' trapjanti. Permezz ta' dan il-proċess reċiproku ta' taġlim għandhom jissaħħu l-effiċjenza u l-aċċessibilità tas-sistemi tat-trapjanti.

[Azzjonijiet koġunti u Għotjiet operattivi]

⁽³²⁾ http://ec.europa.eu/health/ph_threats/human_substance/oc_organs/docs/organs_action_mt.pdf

- (3) Il-finanzjament ta' workshop bl-iskop ta' kif għandha tittejjeb l-informazzjoni lill-pubbliku ġenerali u l-professjonisti tas-saħħa dwar żviluppi ġodda fil-qasam (l-Azzjoni ta' Priorità 4 + 5). L-iskop huwa li fost affarijiet oħra jittejjeb il-livell tal-informazzjoni li l-pubbliku jirċievi fir-rigward tad-donazzjoni u t-trapjanti tal-organi. Il-workshop jista' jindirizza temi bħalma huma t-titjib tal-ħiliet ta' komunikazzjoni tal-professjonisti tas-saħħa u tal-gruppi ta' appoġġ, u inklużi seminars dwar modi ta' ġestjoni ta' publiċità negattiva. Dan għandu jwassal għal apprezzament u għarfien miżjud tad-donazzjoni u t-trapjanti tal-organi.

[Sejħa għall-offerti]

3.3. Temi indirizzati fit-tieni għan "Il-promozzjoni tas-saħħa"

L-attivitajiet f'din it-taqsimha huma mfassla biex jippromwovu s-saħħa u jevitaw il-mard gravi skont il-priorità globali li jitnaqqsu l-inugwaljanzi fis-saħħa madwar l-UE kollha billi jindirizzaw fatturi determinanti ewlenin – bħalma huma n-nutrimenti u l-attività fiżika, il-konsum tal-alkoħol, it-tabakk u d-drogi – kif ukoll fatturi determinanti usa' tas-saħħa u ambjenti sani. Dan għandu jieħu inkunsiderazzjoni d-dimensjoni tas-sessi.

Fl-2010, l-azzjonijiet li jaqgħu taħt il-kappa ta' dan l-għan se jimmiraw li jikkontribwixxu għal tnaqqis fl-inugwaljanzi fejn tidħol is-saħħa fl-Istati Membri u r-reġjuni tal-UE u bejniethom; biex jippromwovu l-istrateġija Saħħa fil-Politiki Kollha kif ukoll biex jivvalutaw u jinċentivaw investiment sostenibbli fis-saħħa fl-livelli nazzjonali u reġjonali, u għaldaqstant isostnu t-temi strateġiċi mfisra fl-istrateġija tas-Saħħa tal-UE. Attivitajiet ta' kooperazzjoni bejn ir-reġjuni tal-UE u l-awtoritajiet lokali bl-iskop ta' promozzjoni ta' kollaborazzjonijiet bi sħab huma mħeġġa ħafna.

3.3.1. It-thegħiġ ta' modi ta' għajxien aktar sani u t-tnaqqis fl-inugwaljanzi fejn tidħol is-saħħa (Anness – Punt 2.1)

3.3.1.1. Promozzjoni tal-Istrateġija Saħħa fil-Politiki Kollha (Anness – punt 2.1.2)

- L-istudju fuq il-verifika tal-impatt ekonomiku tal-integrazzjoni tas-saħħa f-politiki oħra, inkluża l-valutazzjoni tal-effetti dwar saħħa inġenerali u l-impatti ta' distribuzzjoni fuq is-saħħa tal-popolazzjoni. L-iskop huwa l-identifikazzjoni tal-valur miżjud għall-ekonomiji Ewropej u l-forniment lil min ifassal il-politika u lil partijiet interessati oħra ta' argumenti ta' integrazzjoni tas-saħħa. Dan għandu jindika l-prospetti għall-kollaborazzjonijiet bi sħab u s-sinerġiji ma' politiki oħra li jaffetwaw is-saħħa, pereżempju l-politiki soċjali, il-politika ta' koeżjoni, il-kompetittività, it-trasport u l-ambjent, u b'hekk jinħolqu opportunitajiet li minnhom igawdi kullħadd.

[Sejħa għall-offerti]

3.3.1.2. Bini ta' kapaċitajiet għas-saħħa pubblika (Anness – punt 2.1.1)

- L-iżvilupp ta' pjanijiet ta' azzjoni u ta' strateġiji fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet tas-saħħa pubblika. L-iskop huwa t-titjib tal-kapaċitajiet tas-sistemi u l-organizzazzjonijiet Ewropej tas-saħħa pubblika inklużi s-sistemi tas-saħħa pubblika, is-soċjetà ċivili, l-NGOs u l-universitajiet. Il-pjanijiet għandhom jimmiraw l-iżvilupp tal-professjonisti tas-saħħa pubblika kif ukoll l-iżvilupp tal-ħiliet tas-saħħa pubblika u l-għarfien ta' dawk li għadhom mhumiex professjonisti *full-time* tas-saħħa pubblika iżda li ħidmiethom għandha tibbenefika minn għarfien ulterjuri tas-saħħa pubblika (inklużi professjonisti, maniġers u amministraturi tas-saħħa). Huma għandhom jindirizzaw ukoll l-iżvilupp ta' għodda, għarfien u sistemi għall-appoġġ tal-prassi tas-saħħa pubblika, inkluż it-titjib tal-ħiliet tal-komunikazzjoni. Il-kompiti jistgħu jinkludu netwerking u kondiviżjoni tal-prassi t-tajba, żvilupp ta' programm tat-taħriġ, sistemi ta' informazzjoni u aspetti tas-saħħa pubblika tal-amministrazzjoni pubblika.

[Sejħa għal proposti għall-proġetti]

- L-iżvilupp ta' għodod, proċeduri, il-prassi t-tajba u xogħol bi prova biex titjeb l-interazzjoni bejn ir-riċerkaturi tas-saħħa pubblika u l-iżvilupp tal-politiki fil-livell tal-UE. B'mod partikolari l-konċentrazzjoni għandha tkun fuq tmexxija, infrastruttura u kapaċità fuq perspettiva li tifrex fuq medja u qasira ta' żmien kif ukoll l-iżvilupp ta' kriterji u elementi ta' qofol. L-iskop huwa li tiġi appoġġjata d-definizzjoni tal-proposti tas-saħħa tal-politika u l-iżvilupp bil-ħsieb ta' tisħiħ tas-soċjetà ċivili u l-NGOs fil-qasam tas-saħħa b'mod partikolari fl-istati Membri l-ġodda u l-pajjiżi ċentrali u dawk tal-Lvant Ewropej.

[Sejħa għal proposti għall-proġetti]

- Għotjiet ta' operat lil networks u organizzazzjonijiet Ewropej mhux governattivi li jkopru kwistjonijiet orizzontali wesgħin tas-saħħa pubblika li huma ta' relevanza għall-iżvilupp tal-aġenda tas-saħħa tal-UE u b'interess fl-iżvilupp globali tal-politika tas-saħħa pubblika. L-iskop ewlieni huwa t-tisħiħ tan-networks u l-organizzazzjonijiet rilevanti biex tittejjeb u tiġi promossal-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili u l-NGOs fil-livell Ewropea, nazzjonali, reġjonali u lokali fl-implimentazzjoni tal-istrateġija tas-saħħa.

[Għotjiet operattivi]

3.3.1.3. Tnaqqis fl-inugwaljanzi fejn tidhol is-sahha (Anness – punt 2.1.2)

- Appoġġ tekniku u xjentifiku għall-Grupp tal-Esperti tal-UE u gruppi assoċjati inklużi gruppi xjentifiċi, gruppi tal-partijiet interessati u netwerk reġjonali dwar inugwaljanzi fis-saħħa kif ukoll xogħol tekniku biex jinkludi l-iżvilupp ta' metodoloġija u implimentazzjoni ta' programm ta' ħidma dwar stima tal-impatt tal-inugwaljanza tas-saħħa għal 3 snin. L-iskop huwa li jiġu implimentati azzjonijiet fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Inugwaljanzi fis-saħħa ⁽³³⁾.

[Azzjonijiet konġunti]

- Assistentz teknika fit-tħejija ta' rapport dwar inugwaljanzi fis-saħħa fl-UE. L-iskop huwa li jiġu implimentati azzjonijiet fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Inugwaljanzi fis-saħħa.

[Sejħa għall-offerti]

3.3.2. *Promozzjoni ta' modi ta' għajxien aktar sani u t-tnaqqis fl-għadd ta' mard serju u ta' korrenti billi jiġu indirizzati l-fatturi determinanti tas-saħħa (Anness – punt 2.2)*

3.3.2.1. Tfal u żgħażagħ (Anness – punt 2.2.1)

- Identifikazzjoni u valutazzjoni tal-effettività tal-aqwa prassi bl-iskop ta':
 - (a) promozzjoni tas-saħħa u l-benesseri tat-tfal u z-għażagħ permezz ta' edukazzjoni informali u mhux formali u permezz ta' ħidma soċjali/taż-żgħażagħ, li tibni fuq l-esperjenzi u l-eżempji tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u l-organizzazzjonijiet tal-assistenza soċjali;
 - (b) prevenzjoni taż-żgħażagħ milli jwettqu mġiba riskjuża.
 - (c) l-iskejjel u istituti oħra ta' edukazzjoni jsiru ambjent san u ambjent għall-promozzjoni tas-saħħa, ukoll permezz tal-implimentazzjoni ta' kwistjonijiet tas-saħħa fil-krrikulu tal-iskejjel, kif ukoll permezz tal-inizjattiva tas-saħħa taż-żgħażagħ.

[Sejħa għal proposti għall-proġetti]

- Analiżi tal-aqwa prassi fil-forniment ta' servizzi jew investment fl-attivitatiet li jipromwov u s-saħħa mmirati lejn iż-żgħażagħ fil-livell lokali, speċjalment fiż-żoni urbani l-kbar. Il-Kummissjoni biħsiebha tuża r-riżultati tal-attività ffinanzjata għall-iżvilupp tal-inizjattiva taġġha tas-saħħa taż-żgħażagħ, filwaqt li tintegra r-riżultat tal-Konferenza dwar is-saħħa taż-żgħażagħ li saret f'Lulju 2009 fi Brussell.

[Sejħa għal proposti għall-proġetti]

3.3.2.2. Saħħa u xogħol (Anness – punt 2.2.1)

- Żvilupp u appoġġ tal-aqwa prassi biex jippermettu lil dawk li għandhom marda kronika jibqgħu jaħdmu jew biex immorru lura fis-suq tax-xogħol. Dan jinkludi programmi ta' rijabilitazzjoni u attivitatiet oħra, partikolarment dawk li jinvolvu kollaborazzjoni bejn is-settur tal-kura tas-saħħa u settur tal-impjegi. L-iskop huwa l-appoġġ tal-Istrateġija Komunitarja għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-xogħol 2007-2012. ⁽³⁴⁾

[Sejħa għal proposti għall-proġetti]

⁽³³⁾ Publikazzjoni mistennija f'Ottubru 2009.

⁽³⁴⁾ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Intejbu l-kwalità u l-produttività fuq ix-xogħol: Strateġija Komunitarja 2007-2012 għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol COM/2007/0062.

3.3.2.3. Nutriment u attività fiżika (Anness – punt 2.2.1)

- Segwitu tar-riformolazzjoni tal-ikel manifatturat – skambju tal-prassi t-tajba fir-rigward tat-tnaqqis tal-livelli ta' xaħam, xhamijiet saturati u trans xaħmijiet, melħ u zokkor fl-ikel manifatturat li jiffoka fuq aspetti tekniċi u ekonomiċi ta' riformulazzjonijiet f'intrapriżi ta' daqs żgħir u medju. L-iskop huwa appoġġ tas-segwitu tal-implimentazzjoni tal-White Paper dwar Strateġija għall-Ewropa dwar kwistjonijiet ta' saħħa relatati man-Nutriment, il-Piż Żejjed, u l-Obeżità ⁽³⁵⁾.

[Sejħa għal proposti għall-proġetti]

- L-iżvilupp u/jew l-implimentazzjoni tal-prassi t-tajba dwar il-mod kif għanha tiġi promossal-attività fiżika f'żoni żvantaġġati mil-lat soċjo-ekonomiku permezz ta' ppjanar li jħares fil-futur tal-infrastruttura permezz ta' politiki ta' rekreazzjoni u azzjonijiet tal-komunità sħiħa. L-iskop huwa appoġġ tas-segwitu tal-implimentazzjoni tal-White Paper dwar Strateġija għall-Ewropa dwar kwistjonijiet ta' saħħa relatati man-Nutriment, il-Piż Żejjed, u l-Obeżità u l-Linjigwida ta' Attività Fiżika tal-UE ⁽³⁶⁾.

[Sejħa għal proposti għall-proġetti]

- Kondiviżjoni tal-għarfien Prattiku ta' inizjattivi bbażati fil-komunità biex jitnaqqsu l-piż żejjed u l-obeziżità. L-iskop huwa appoġġ tas-segwitu tal-implimentazzjoni tal-White Paper dwar Strateġija għall-Ewropa dwar kwistjonijiet ta' saħħa relatati man-Nutriment, il-Piż Żejjed, u l-Obeżità u kontribut ulterjuri tal-iżvilupp tal-politika u l-attivitàjiet.

[Sejħa għall-offerti]

3.3.2.4. Saħħa sesswali u l-HIV-AIDS (Anness – punt 2.2.1)

B'konformità mal-komunikazzjoni tal-Kummissjonji dwar il-ġlieda kontra l-HIV/AIDS ⁽³⁷⁾ u b'konformità mal-iżvilupp lejn inizjattivi politiki li jikkonċentraw fuq iż-żgħażaġh u s-saħħa sesswali, għandha tingħata prijorità partikolari li dan li ġej.

Is-saħħa sesswali u ż-żgħażaġh

- Stħarriġ dwar l-għarfien taż-żgħażaġh (12 – 17) dwar is-saħħa sesswali u dik riproduttiva madwar l-istati Membri kollha tal-UE. L-iskop huwa li tittejjeb il-bażi tal-għarfien għal diskussjoni dwar azzjoni adattata fil-livell Ewropew dwar is-saħħa sesswali taż-żgħażaġh.

[Sejħa għall-offerti]

- L-identifikazzjoni tal-prassi t-tajba dwar il-metodi u l-isfondi adattati għall-informazzjoni taż-żgħażaġh kollha dwar is-saħħa sesswali u dik riproduttiva b'enfasi partikolari fuq gruppi emarġinati u li diffiċli jintlaħqu bl-għan li jintnaqqsu l-infezzjonijiet trasmessi sesswalment u effetti oħra li jistgħu jitkejju, bħalma huma tqala mhux ippjanata fost l-adoloxxenti u vjolenza sesswali. L-iskop huwa li jiġu promossi d-diskussjoni u l-iskambju tal-informazzjoni dwar is-saħħa sesswali fil-livell tal-UE għall-iżvilupp ulterjuri tal-politika tal-UE.

[Sejħa għal proposti għall-proġetti]

- L-identifikazzjoni ta' metodi użati mill-esperti tal-kummerċjalizzazzjoni biex jintlaħqu ż-żgħażaġh u jiġi vverifikat jekk dawn il-metodi jistgħux jaħdmu u jekk jistgħux jintużaw għall-komunikazzjoni tas-saħħa sesswali liż-żgħażaġh. L-iskop huwa li tiġi appoġġjata/promossa d-diskussjoni dwar is-saħħa sesswali fil-livell tal-UE għall-iżvilupp ulterjuri tal-politika tal-UE.

[Sejħa għall-offerti]

Hiv/Aids

B'konformità mal-Istrateġija tas-Saħħa għall-promozzjoni ta' kura ta' kwalità tajba, ekwità u solidarjetà u biex jissaħħa il-leħen tal-UE fis-Saħħa Globali, it-tieni komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-ġlieda kontra l-HIV/AIDS stipula dettalji dwar l-għanijiet tal-Unjoni Ewropea biex jinkiseb tnaqqis tal-infezzjonijiet ġodda tal-HIV f'viżjoni li tifrex fuq medda medja ta' żmien u biex tittejjeb il-kwalità tal-ħajja ta' nies li qed jgħixu bl-HIV/AIDS jew li huma affetwati minnha fl-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi ġirien. L-attivitàjiet li ġejjin għandhom ikunu elementi ta' qofol fil-kontribuzzjoni għal reazzjoni effettiva għall-HIV/AIDS fl-UE u l-viċinat tagħha.

⁽³⁵⁾ <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2007:0279:FIN:MT:PDF>

⁽³⁶⁾ White Paper dwar l-isport:

<http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2007:0391:FIN:MT:PDF>

⁽³⁷⁾ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew (COM(2005) 654 finali tal-15.12.2005).

- Żvilupp tal-istrategġi biex jintlaħqu l-popolazzjonijiet li jinsabu l-iktar friskju u biex jiġu żviluppati, b'kooperazzjoni mal-partijiet interessati, mezzi xierqa ta' komunikazzjoni filwaqt li jiġu rispettati l-isfondi kulturali u soċjekonomiċi speċifiċi. L-iskop huwa l-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-HIV/AIDS.

[Sejħa għal proposti għall-proġetti]

- Promozzjoni kkombinata u prevenzjoni mmirata komplementati b'sorveljanza sinifikanti, aċċess għall-aktar trattament avanzat, l-ittestjar tal-HIV u infrastruttura effettiva. L-iskop huwa l-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-HIV/AIDS.

[Sejħa għal proposti għall-proġetti]

- Koordinazzjoni u ffaċilitar tal-iskambju tal-prassi t-tajba u trasferiment tal-għarfien prattiku dwar il-prevenzjoni tal-HIV, l-ittestjar, it-trattament u l-kura fost l-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi ġirien tal-Ewropa tal-Lvant b'konċentrazzjoni partikolari fuq dawk li jużaw id-droga billi jittaqbu. L-iskop huwa l-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-ġlieda kontra l-HIV/AIDS.

[Għotjiet operattivi]

3.3.2.5. Saħħa mentali (Anness – punt 2.2.1)

B'konformità mal-metodu strateġiku globali dwar is-saħħa mentali ⁽³⁸⁾, kif rifless fil-Patt Ewropew għas-Saħħa Mentali u l-Benesseri ⁽³⁹⁾, il-konċentrazzjoni għandha tkun fuq attivitajiet li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tar-riżultati tal-konferenzi tematiki organizzati matul l-2009 dwar "Saħħa Mentali fiż-Żgħażaġħ u l-Edukazzjoni" ⁽⁴⁰⁾ u dwar "Prevenzjoni tad-Dipressjoni u s-Suwiċidju" ⁽⁴¹⁾.

- L-involvement taż-żgħażaġh fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji għall-integrizzjoni tal-promozzjoni tas-saħħa mentali u l-prevenzjoni tad-diżordnijiet mentali f'xenarji edukattivi u inizjattivi taż-żgħażaġh. L-iskop huwa li jinkisbu riżultati akadeġmiċi, soċjali u sanitarji mtejbien. Dan għandu jippermetti lill-Komunità biex tħeġġeġ operaturi oħra biex iwettqu strateġiji simili.

[Sejħa għal proposti għall-proġetti]

- Promozzjoni tal-ħolqien ta' netwerks reġjonali u lokali u strateġiji ta' implimentazzjoni għall-promozzjoni tas-saħħa mentali, il-prevenzjoni tad-diżordni mentali u l-prevenzjoni tas-suwiċidju, li jinvolvu l-awtoritajiet tas-saħħa u awtoritajiet pubbliċi oħrajn kif ukoll lil partijiet interessati mhux parti mill-qasam tas-saġġa u s-soċjetà ċivili. Dan għandu jieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li d-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet meħuda fir-reġjuni u l-muniċipalitajiet għandhom impatt ta' qofol fuq is-saħħa mentali tal-popolazzjoni. L-iskop huwa li jiġu żviluppati eżempji ta' azzjoni dwar saħħa mentali, li l-Komunità tkun tista' tiġbed l-attenzjoni dwarhom bħala prassi tajba.

[Sejħa għal proposti għall-proġetti]

- Promozzjoni tal-kooperazzjoni interdixiplinarja bejn il-professjonisti tas-saħħa li tindirizza r-rabtieit bejn is-saħħa mentali u dik fiżika u li tibni fuq il-komprensioni dejjem tikber tal-interdipendenza tagħhom. Konċentrazzjoni partikolari ssir fuq l-identifikazzjoni tal-possibilitajiet għall-prevenzjoni tad-dipressjoni f'kopatologġja mal-mard fiżiku. L-iskop għandu jkun l-identifikazzjoni tal-benefiċċji għal azzjoni bħal din għas-saħħa u l-kwalità tal-ħajja ta' pazjenti u s-sostenibilità tas-sistemi tas-saħħa. Dan għandu jippermetti lill-Kummissjoni biex tappoġġja l-Istati Membri biex itejbu l-kwalità tal-kura u jiżguraw s-sostenibilità tas-sistemi tas-saħħa.

[Sejħa għal proposti għall-proġetti]

- Studju, magħmul minn tliet partijiet, li jivvaluta s-sistemi, is-sitwazzjonijiet u r-riżultati tas-saħħa mentali fl-Istati membri. L-iskop huwa l-appoġġ tal-Patt tas-Saħħa Mentali għall-kisba ta' għarfien ulterjuri. L-ewwel parti tiddekrivi s-sistemi tas-saħħa mentali tal-Istati membri, il-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi tal-EFTA/ŻEE, filwaqt li tenfasizza d-differenzi u s-similaritajiet tagħhom; it-tieni parti tiikumpila informazzjoni dwar livelli tas-saħħa mentali u l-mard mentali f'dawn il-pajjiżi; it-tielet parti tidentifika l-benefiċċji mil-lat ta' saħħa, edukazzjoni, impjeg u prestazzjoni soċjali mill-investment fis-saħħa mentali u l-promozzjoni u l-prevenzjoni tagħha mil-lat tas-sanità.

[Sejħa għall-offerti]

⁽³⁸⁾ Il-Green paper ' (COM(2005) 484 finali tal-14.10.2005).

⁽³⁹⁾ http://ec.europa.eu/health/ph_determinants/life_style/mental/mental_health_en.htm

⁽⁴⁰⁾ Konferenza tematika "Saħħa mentali fiż-Żgħażaġħ u l-Edukazzjoni", 29-30 ta' Settembru, Stockholm, l-Iżvezja, organizzata mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għas-Saħħa u l-Konsumaturi u d-Dipartiment Żvediż għas-Saħħa Pubblika.

⁽⁴¹⁾ Konferenza tematika "Prevenzjoni tad-Dipressjoni u s-Suwiċidju", 10-11 ta' Diċembru 2009, Budapest, l-Ungerija, organizzata mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għas-Saħħa u l-Konsumaturi u l-Ministeru tas-Saħħa tal-Ungerija.

3.3.2.6. Prevenzjoni tal-vizzji

Tabakk (Anness – punt 2.2.1)

Azzjonijiet relatati mat-tabakk huma żviluppati b'konformità mal-istrategġija globali tal-UE fir-rigward tal-kontroll tat-tabakk kif ukoll il-Konvenzjoni Qafas għall-Kontroll tat-Tabakk.

- Studju dwar disponibilità, aċċessibilità, użu u ambjent regolatorju għal prodotti ġodda tat-tabakk u n-nikotina. L-iskop huwa l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe lakuna fil-leġiżlazzjoni eżistenti tal-KE (pereżempju prodotti mhux koperti mil-leġiżlazzjoni tat-tabakk, l-ikel jew il-mediċina).

[Sejħa għall-offerti]

- Appoġġ fl-implimentazzjoni tal-politika tal-UE tal-kontroll tat-tabakk, partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam ma' li titqajjem kuxenza dwar ir-riskji għas-saħħa.

[Sejħa għall-offerti]

- Appoġġ ta' politika xjentifika newtrali. L-iskop ta' din l-attività huwa li jinkiseb appoġġ b'saħħtu għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni Qafas dwar il-Kontroll tat-Tabakk (FCTC). Ir-riżultat tal-proġett għandu jkun: appoġġ għad-DĠ SANCO fir-rwol tiegħu bħala Katalist Ewlieni għall-iżvilupp tal-linjigwida tal-FCTC għall-ittestjar u l-kejl tal-prodotti tat-tabakk u t-theddim effettiv tan-Netwerk Ewropew tal-Laboratorji Governementali tat-Tabakk.

[Ftehim amministrattiv maċ-ĊRK]

Alkoħol (Anness – punt 2.2.1)

B'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strategġija tal-UE għal sostonn lill-Istati Membri biex titnaqqas il-ħsara relatata mal-alkoħol ⁽⁴²⁾, u biex tiġi żviluppata b'mod ulterjuri politika għal tnaqqis fil-ħsara relatata mal-alkoħol, għandha tingħata prijorità partikolari lil dawn li ġejjin:

- Impresjoni ġenerali li tifrex mal-UE kollha tas-suq u r-regolamentazzjoni fir-rigward tat-tipi ta' xarbiel alkoħoliċi b'appell partikolari għal minuri (alcopops, xorb alkoħoliku mħallat lest, birer aromatizzati, xarbiel enerġetiċi alkoħoliċi kif ukoll prodott oħra bħalma huma gels u ġelati alkoħoliċi). Analiżi tas-sitwazzjoni fil-livell tal-UE għandu jikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet tal-Istati Membri fil-qafas tal-istrategġija tal-alkoħol tal-UE, b'attenzjoni speċjali fuq il-protezzjoni tat-tfal u ż-żgħażaġh.

[Sejħa għall-offerti]

- Studji ulterjuri dwar l-aċċessibilità finanzjarja għax-xorb alkoħoliku fl-UE, li jibnu fuq is-sejbiet fir-rigward tar-rabtiel bejn l-aċċessibilità finanzjarja, il-konsum u l-ħsara ppreżentati fi studju riċenti kkummissjonat mid-DĠ SANCO ⁽⁴³⁾.

[Sejħa għall-offerti]

- Kooperazzjoni bejn il-KE u l-Uffiċċju Reġjonali tad-WHO għall-Ewropa dwar żvilupp ulterjuri tal-ġbir konġunt tad-dejta u l-bażi komuni tal-għarfien relatati mas-sitwazzjoni tal-politiki tal-alkoħol fl-Istati Membri. Dan huwa segwitu ta' proġett preċedenti li fih fl-2008 twettaq sħarriġ konġunt tal-konsum, il-ħsara u l-politiki tal-alkoħol, fost oħrajn għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-istrategġija tal-alkoħol tal-UE. Kooperazzjoni ssuktata fuq l-iżvilupp tal-istrument tal-istħarriġ u l-preżentazzjoni tad-dejta hija essenzjali għall-appoġġ u l-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-istrategġija tal-alkoħol tal-UE wkoll fil-futur.

L-għan għal dan il-proġett huwa t-titjib tal-monitoraġġ tal-iżviluppi u l-fatturi ta' indikazzjoni relatati mal-alkoħol fl-Istati Membri biex tissaħħaħ l-implimentazzjoni tal-istrategġija tal-alkoħol tal-UE, biex tiġi evitata d-duplikazzjoni fl-obbligi ta' rrapportar għall-Istati Membri. Id-WHO tinsab f'pożizzjoni unika biex tirrevedi u tiżviluppa l-fatturi ta' indikazzjoni fil-livell Ewropew. Ftehim ta' għotja diretta mad-WHO biex tiġi żviluppata sistema Ewropea għandu jiżgura li l-istrategġija Ewropea tkun koerenti u kompatibbli bis-sħiħ mal-istrategġija globali. Dan għandu jiffaċilita analiżi komparattiva ħafifa bejn l-UE, l-Istati Membri u partijiet oħra tad-dinja.

[Ftehim għal għotjiet diretti mad-WHO]

⁽⁴²⁾ COM(2006) 625 tal-24 ta' Ottubru 2006.

⁽⁴³⁾ The affordability of alcoholic beverages in the European Union, RAND Europe, 2009. http://ec.europa.eu/health/ph_determinants/life_style/alcohol/news_rand_en.htm

Drogi illegali (Anness – punt 2.2.1)

B'konformita mal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi⁽⁴⁴⁾ u l-Pjanijiet ta' Azzjoni⁽⁴⁵⁾, il-programm ta' prevenzjoni u informazzjoni marbuta mad-Droga⁽⁴⁶⁾ tad-DĠ JLS, u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-ħsara fejn tidħol is-saħħa assoċjata mad-dipendenza mid-droga⁽⁴⁷⁾, għandha ssir konċentrazzjoni partikolari fuq l-attivitajiet li ġejjin ta' tnaqqis tad-domanda għad-droga:

- Żvilupp, implimentazzjoni u linjigwida tal-iskambju tal-prassi t-tajba/standards ta' kwalità għal interventi u servizzi ta' tnaqqis fil-ħsara, li jieħdu inkunsiderazzjoni ħtiġijiet speċifiċi ta' dawk li jużaw id-droga (skont is-sess, l-isfond kulturali, l-età u t-tip ta' droga), u li jiffukaw fuq drogi sintetiċi. Użu tad-droga sintetika (pereżempju Stimulanti tat-tip tal-Amfetamina – ATS) huwa xejra li qed tiżdied fl-UE (cf. rapport annwali taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq-Drogi (European Monitoring Centre for Drugs and Drug Addiction -EMCDDA)), b'mod partikolari fost iż-żgħażaġh. L-iskop huwa t-tisħiħ tal-kwalità u l-effettività tal-attivitajiet ta' tnaqqis tad-domanda, kif mitlub mill-Pjan ta' Azzjoni tal-UE l-għan 8, l-azzjoni 17⁽⁴⁸⁾, bl-għan aħħari ta' trażżin tal-użu tad-droga. Ir-riżultat għandu jikkontribwixxi wkoll għall-ħidma preparatorja ta' inventarju tal-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-EMCDDA, previst fl-azzjoni 18 tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE hawn fuq. Dan għandu jgħin lill-Istati Membri biex iwettqu stħarriġ dwar id-disponibilità u l-effettività ta' servizzi tal-prevenzjoni, it-ttrattament, it-tnaqqis tal-ħsara u r-riabilitazzjoni.

[Sejħa għal proposti għall-proġetti]

- Forniment tal-appoġġ tekniku lill-Kummissjoni għat-tħejjija ta' rapport ta' progress dwar ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2003. L-azzjoni hija prevista fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE 2009-2012 (l-azzjoni 23). L-iskop huwa l-valutazzjoni tal-kopertura mtejba ta' servizzi ta' tnaqqis tal-ħsara, ibbażata fuq l-ewwel rapport adottat fl-2007, li jagħmel użu sħiħ mill-interventi ta' effettività evidenzjata, b'mod partikolari fis-servizzi tal-ħabs u ta' riintegrazzjoni, għal niex li tpoġġew fuq kura ta' segwitu wara li ħarġu mill-ħabs. Dan għandu jippermetti lill-Kummissjoni biex tqis, flimkien mal-Istati Membri, jekk hemmx ħtieġa ta' rakkomandazzjonijiet ulterjuri.

[Sejħa għall-offerti]

3.3.2.7. Prevenzjoni ta' mard maġġuri u kroniku u mard rari (Anness – punt 2.2.2)

Mard maġġuri u kroniku

Kankru

- Implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni dwara l-Azzjoni kontra l-Kankru: Partenarjat Ewropew⁽⁴⁹⁾. L-iskop globali huwa l-appoġġ tal-Istati Membri u partijiet interessati oħra biex jaħdmu flimkien b'mod aktar effiċjenti u effettiv fil-livell Ewropew fl-indirizzar tal-problema tal-kankru, bl-użu ta' strutturi innovattivi ta' kooperazzjoni u governanza. Il-Partenarjat, billi jlaqqa' l-partijiet interessati Ewropej b'għan u b'impenn komuni li titnaqqas il-problema tal-kankru, għandu jipprovdi lill-Istati Membri u partijiet interessati oħra b'qafas għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni, ir-riżorsi, l-aqwa prassi u l-għarfien espert fil-prevenzjoni u l-kontroll tal-kankru. Għandu jgħin ukoll biex jidentifika azzjoni komuni fil-livell Ewropew li tista' tagħti valur miżjud għall-isforzi nazzjonali.

[Azzjoni konġunta]

- Appoġġ tekniku, xjentifiku u amministrattiv għall-Partenarjat Ewropew għall-Azzjoni Kontra l-kankru. Il-Komunikazzjoni dwara l-Azzjoni kontra l-Kankru: Il-Partenarjat Ewropew jidentifika l-azzjonijiet speċifiċi f'erba' oqsma: prevenzjoni u promozzjoni tas-saħħa, kura tas-saħħa, riċerka tal-kankru, u informazzjoni u dejta. Il-Partenarjat għandu jidentifika azzjonijiet ulterjuri li għandhom jiġu implimentati biex jilhqnu l-għanijiet kif stipulati fil-Komunikazzjoni bi skop globali li titnaqqas il-problema tal-marda fl-UE. L-iskop ta' dan il-kuntratt huwa li jagħti appoġġ tekniku u pariri għall-Partenarjat Ewropew.

[Sejħa għall-offerti]

- Fil-kuntest ġenerali tal-azzjoni Ewropea kontra l-kankru, il-forniment ta' dejta ta' kwalità għola, informazzjoni u għarfien dwar il-kankru, fost oħrajn fl-oqsma tar-reġistrazzjoni tal-kankru, l-iscreening tal-kankru, fatturi ta' riskju tal-kankru u strateġiji ta' prevenzjoni tal-kankru, żvilupp ta' skema volontarja Ewropea bi prova ta' akkreditazzjoni għall-iscreening tal-kankru tas-sider u segwitu bbażat fuq il-linjigwida Ewropej għall-assigurazzjoni tal-kwalità fl-iscreening u d-dijanjożi tal-kankru tas-sider. Skema ta' akkreditazzjoni/ċertifikazzjoni aċċettata b'mod estensiv

⁽⁴⁴⁾ <http://register.consilium.europa.eu/pdf/mt/04/st15/st15074.mt04.pdf>

⁽⁴⁵⁾ http://ec.europa.eu/health/ph_determinants/life_style/drug/documents/action2012_en.pdf

⁽⁴⁶⁾ http://ec.europa.eu/justice_home/funding/drugs/funding_drugs_en.htm

⁽⁴⁷⁾ ĠU L 165, 3/7/2003, p. 31.

⁽⁴⁸⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 10.

⁽⁴⁹⁾ http://ec.europa.eu/health/ph_information/dissemination/diseases/cancer_en.htm#1

ibbażata fuq il-linjigwida Ewropej ta' assigurazzjoni tal-kwalità għandha tippermetti lin-nisa biex jgħarfli liema unitajiet tas-sider jissodisfaw l-istandards Ewropej ta' assigurazzjoni tal-kwalità u għandha tkun għodda addizzjonali prezzjuża għall-Istati Membri fl-iżgurar li jintlaħqu l-istandards tal-kwalità. L-iskop huwa l-formiment ta' skema bi prova biex tesplora l-potenzjal għall-użu ta' dan il-mekkaniżmu biex jithegħeġ titjib kontinwu ta' kwalità fil-kankru tas-sider madwar l-UE kollha.

Il-missjoni tal-IARC hija li tikkoordina u ttwettaq riċerka fuq il-kawżi tal-kankru uman, il-mekkaniżmi tal-karcinogenezi, u biex tiżviluppa strateġiji xjentifiċi għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-kankru. L-IARC hija l-unika organizzazzjoni tat-tip tagħha fil-qasam tal-kankru, u hija tipprovdi appoġġ xjentifiku u għarfien xjentifiku ta' kwalità għolja fil-qasam tal-kankru li fuqhom jorbot id-DĠ SANCO.

[Ftehim għal għotjiet diretti mad-IARC]

Saħħa kardjovaskulari

- L-iżvilupp ta' strateġiji u linjigwidi Ewropej biex jidentifikaw metodi strateġiċi ta' prassi tajba madwar is-soċjetà sħiħa biex jindirizzaw mard mhux komunikabbli, partikolarment mard tal-qalb u s-sistema ta' ċirkolazzjoni, b'konċentrazzjoni fuq l-inugwaljanzi u l-kondizzjonijiet soċjali, li jorbtu ma' metodu strateġiku usa' biex jiġi indirizzat il-mard mhux komunikabbli. Dan għandu jinkludi rappurtar tas-sitwazzjoni attwali u analiżi tagħha fir-rigward tal-mard kardjovaskulari u ta' ċirkolazzjoni fl-UE. L-iskop huwa l-użu tar-riżultati għall-iżvilupp tal-inizjattivi tal-Komunità dwar saħħa kardjovaskulari, li jibnu fuq l-inizjattivi diġà ffinanzjati mill-Komunità.

[Sejħa għal proposti għall-proġetti]

Il-marda tal-Alzheimer u dimenzji oħrajn

- Azzjoni teknika għall-appoġġ tat-titjib tal-ġbir ta' dejta epidemjoloġika aħjar dwar dimenzji fl-Istati Membri, analiżi tal-għodda ta' żvelar bikri għad-degradazzjoni konjittiva fil-livell Ewropew u f'dak nazzjonali biex jiġu definiti rakkomandazzjonijiet tal-aqwa prassi u t-twaqqif ta' pjattaforma biex tivvaluta l-prassi attwali fuq drittijiet u biex tippreserva l-awtonomija tal-persuni li jbatu mid-dimenzji kif ukoll biex tippromwovi d-dimensjoni tad-dimenzja fl-azzjonijiet tad-determinanti tas-saħħa fil-livell tal-UE biex jiġi definit sett ta' rakkomandazzjonijiet għall-istil ta' ħajja ta' moħħ san. L-iskop huwa l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Inizjattiva Ewropea dwar il-marda ta' Alzheimer u dimenzji oħrajn ⁽⁵⁰⁾.

[Azzjoni konġunta]

Disturbi tal-Ispettru tal-Awtiżmu (ASD)

- Implimentazzjoni tal-fażi bi prova tal-Protokoll Ewropew tal-Prevalenza Awtistika kif definit fis-Sistema Ewropea tal-Infurmazzjoni tal-Awtiżmu. Dan huwa meħtieġ biex tinkiseb informazzjoni valida tal-prevalenza tal- ASD f'bosta pajjiżi Ewropej kfi ukoll biex jiġu definiti metodi għall-ippjanar ta' studju usa' ta' prevalenza tal-ASD fl-Ewropa. Il-protokoll għandu jipprova jstabilixxi kif l-awtoritajiet tas-saħħa pubblika taw definizzjoni tal-ASD bħala kondizzjoni, jekk kienx hemm protokoll eżistenti ta' żvelar, inkluża identifikazzjoni bikrija u jekk jeżistux reġistri tal-każijiet u kif jiġu ppreservati. L-iskop huwa l-ġabra ta' informazzjoni inizjali biex tingħata informazzjoni Ewropea kumparabbli dwar l-ASD, li tibni fuq il-ħtiġijiet li diġà ġew identifikati fil-livell Ewropew.

[Sejħa għal proposti għall-proġetti]

Mard newrodeġenerattiv:

- It-tnejja tal-ewwel fażi ta' Reġsirtu tal-Isklerożi Multipla Ewropea (MS) bħala sistema transnazzjonali ta' ġbir tad-dejta fl-Ewropa abbażi ta' proġetti bi prova ttestjati fi proġetti preċedenti tal-UE fil-qasam li tiffoka fuq l-iżvilupp ta' sett tad-dejta minimu, maqsum f'parti medika u parti soċjo-ekonomika f'ċerti kundizzjonijiet (bħalma hija struttura modulari tar-reġistru, li tippermetti kontribut mir-reġistri nazzjonali eżistenti u futuri). L-iskop huwa l-appoġġ tal-iżvilupp tar-reġistri Ewropej tal-Isklerożi Multipla, biex jipprovdu informazzjoni kumparabbli u attendibbli fil-livell Ewropew.

[Sejħa għal proposti għall-proġetti]

⁽⁵⁰⁾ http://ec.europa.eu/health/ph_information/dissemination/documents/com2009_380_m.pdf

- Appoġġ għall-ħolqien tan-netwerks ta' azzjoni dwar mard newrodeġenerattiv jew li jew li għandu x'jaqsam mal-iżvilupp newroloġiku li mhuwiex kopert mill-azzjonijiet eżistenti tal-UE (pereżempju l-Parkinson, l-epilepsija, eċċ.). Dawn in-netwerks għandhom jikkostitwixxu strument ta' qofol biex iżidu l-kooperazzjonital-partijiet interessati u inizzjattivi ta' kunsens dwar l-aqwa prassi u l-għarfien epidemjoloġiku dwar dan il-mard u jikkontribwixxu għall-iżvilupp tar-riċerka klinika. L-iskop huwa li jkun hemm informazzjoni Ewropea kumparabbli aqwa fil-qasam tal-mard newrodeġenerattiv jew li għandu x'jaqsam mal-iżvilupp newroloġiku, wara l-Komunikazzjoni dwar Alzheimer u dimenzji oħrajn.

[Sejħa għal proposti għall-proġetti]

Mard rari

- Azzjoni teknika li tappoġġja l-iżvilupp tal-bażi tad-dejta Orphanet dwar mard rari u drogi orfni li hija amministrata minn konsorzju kbir ta' soċji Ewropej u li hija l-aktar bażi tad-dejta importanti tal-mard rari fid-dinja. Biex jiġi implimentat it-twaqqif ta' inventarju dinamiku tal-UE tal-mard rari se jkun meħtieġ li l-bażi tad-dejta tiġi żviluppata aktar. L-iskop huwa l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni u fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill għal Azzjoni Ewropea fil-qasam tal-mard rari ⁽⁵¹⁾ billi jingħata punt uniku ta' referenza li jżid il-valur fil-livell Ewropew billi jlaqqa' l-informazzjoni rilevanti kollha dwar il-mard rari.

[Azzjoni konġunta]

- Azzjoni teknika għall-appoġġ tan-netwerk tas-Sorveljanza Ewropea dwar Anomaliji Konġenitali (EUROCAT) amministrata minn konsorzju kbir ta' soċji Ewropej biex tinholq sistema tad-dejta ta' prevalenza sostenibbli għal 90 subgrupp ta' anomaliji koġenitali li tiġi aġġornata kull sena. L-iskop huwa l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet identifikati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni u r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill għal Azzjoni Ewropea fil-qasam tal-mard rari.

[Azzjoni konġunta]

- Il-ħolqien ta' mekkaniżmu għall-iskambju ta' għarfien bejn l-Istati Membri u l-awtoritajiet Ewropej dwar il-valutazzjoni xjentifika tal-valur miżjud kliniku għal mediċini orfni. L-iskop huwa l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni u fir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill għal Azzjoni Ewropea fil-qasam tal-mard rari permezz tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni f'dan il-qasam bejn l-Istati Membri b'mod effiċjenti kemm jista' jkun.

[Sejħa għall-offerti]

- Titjib u rfinar tad-definizzjoni tal-mard rari li jieħdu inkunsiderazzjoni l-aspetti ta' inċidenza kif definiti fil-fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni u fir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill għal Azzjoni Ewropea fil-qasam tal-mard rari. L-iskop huwa l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni u fir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill għal Azzjoni Ewropea fil-qasam tal-mard rari, li jirriflettu b'mod partikolari t-tħassib dwar id-definizzjoni tal-mard rari espress waqt id-diskussjoni fil-Parlament Ewropew.

[Sejħa għal proposti għall-proġetti]

- Appoġġ għall-ħolqien tar-reġistri l-ġodda dwar mard rari. Dawn ir-reġistri għandhom jikkostitwixxu strumenti ewlenin biex iżidu l-għarfien dwar mard rari u jżviluppaw riċerka klinika. Dawn huma l-uniku mod li jiġbor id-dejta biex jinkiseb daqs suffiċjenti ta' kampjun għal riċerka epidemjoloġika u/jew riċerka klinika. Se jiġu kkunsidrati sforzi kollaborattivi biex tiġi stabbilita ġabra ta' dejta u l-preservazzjoni tad-dejta, sakemm dawn ir-riżorsi jkunu miftuħa u aċċessibbli. L-iskop huwa l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni u fir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill għal Azzjoni Ewropea fil-qasam tal-mard rari kif ukoll fir-rakkomandazzjonijiet tal-Forum ta' Livell Għoli tal-Forum Farmaċewtiku. ⁽⁵¹⁾

[Sejħa għal proposti għall-proġetti]

- Appoġġ tal-issuktar tan-netwerks eżekuttivi eżistenti tal-UE dwar informazzjoni u reġistri dwar mard rari f'bosta oqsma (pereżempju ERCUSYN, REGISCAR, EuroMyasthenia). L-iskop huwa l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni u fir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill għal Azzjoni Ewropea fil-qasam tal-mard rari kif ukoll fir-rakkomandazzjonijiet tal-Forum ta' Livell Għoli tal-Forum Farmaċewtiku.

[Għotjiet operattivi]

⁽⁵¹⁾ http://ec.europa.eu/health/ph_threats/non_com/rare_10_en.htm

3.3.2.8. Ambjenti sani (Anness – punt 2.2.3)

B'konformità mal-Pjan Ewropew tal-Ambjent u l-Azzjoni tas-Saħħa ⁽⁵²⁾, se tingħata konċentrazzjoni partikolari lill-attivitajiet li ġejjin:

- L-iskambju tal-aqwa prassi fl-Istati Membri dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-mard respiratorju kroniku bħalma hija l-ażma u l-Mard Pulmonari Kroniku ta' Ostruzzjoni. Mard respiratorju bħlam ahija l-ażma huwa wieħed mill-kawżi l-iktar komuni ta' patoloġija fit-tfal. Id-WHO tal-Ewropa identifikat żieda importanti tar-rata tal-ażma għat-tfal fl-Ewropa. L-Istudju Internazzjonali tal-Ażma u l-Allerġiji fit-Tfulija (ISAAC) sab 11,5 % prevalenza medja annwali ta' sintomi tal-ażma awtorapportati fit-tfal li għandhom età bejn it-13 u l-14-il sena fl-Ewropa. L-attivitajiet attwali jippruvaw inaqqsu l-esponiment tan-nies għal fatturi magħrufa ewlenin ta' riskju, pereżempju t-tabakk u sustanzi oħra li jniġġsu l-arja. Huwa importanti wkoll l-appoġġ tal-ħidma tal-Istati membri dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-mard respiratorju kliniku u l-identifikazzjoni u t-tixrid tal-aqwa prassi. Dan għandu jwassal għal titjib sinifikanti tal-kwalità tal-ħajja ta' nies affetwati billi tiġi żgurata ġestjoni xierqa tal-marda u fl-aħħar mill-aħħar titnaqqas il-patoloġija.

[Sejħa għal proposti għall-proġetti]

- Proġett bi prova dwar kejl tal-kwalità tal-arja fil-magħluq ta' sustanzi ewlenin li jniġġsu f'ambjenti differenti fl-Istati membri tal-UE biex jittestjaw protokoll li għadhom kemm ġew żviluppati. Uħud mill-Istati Membri diġà jwettqu monitoraġġ perijodiku tal-kwalità tal-arja fil-magħluq. Iċ-ĊRK żviluppa protokoll standard dwar kif jitwettaq il-monitoraġġ ta' sustanzi ewlenin li jniġġsu fil-magħluq. Dawn il-protokoll jeħtieġ li jiġu ttestjati/validati bl-għajna ta' kampanja fuq il-kamp. L-iskop huwa l-forniment lill-Istati membri b'għodda attendibbli, validata biex jitwettaq monitoraġġ u jinkiseb ċertu livell ta' armonizzazzjoni li għandha trendi riżultati attendibbli u kumparabbli madwar l-Istati membri kollha.

[Ftehim amministrattiv maċ-ĊRK]

- Identifikazzjoni tal-aqwa prassi fl-Istati membri għat-titjib tal-kwalità tal-arja fil-magħluq b'referenza għas-sistemi ta' tisħin/tisjir u tal-arja kundizzjonata (manutenzjoni, ventilazzjoni eċċ.). L-iskop huwa l-forniment lill-Istati Membri bi prassi tajba dwar miżuri ta' benefiċċju tal-ispejjeż biex tittejjeb il-kwalità tal-arja fil-magħluq fid-djar.

[Sejħa għal proposti għall-proġetti]

3.3.2.9. Prevenzjoni tal-korrimenti ⁽⁵³⁾ (Anness – punt 2.2.4)

- Implimentazzjoni ta' Pjan ta' Azzjoni tas-Sikurezza tat-Tfal (PAST) fil-pajjiżi l-ġodda, aġġornament tal-informazzjoni eżistenti u l-espansjoni tal-PAST eżistenti fi pjanijiet nazzjonali għall-gruppi ta' etajiet kollha. L-iskop huwa li tiġi mmirata s-sikurezza tat-tfal, partikolarment dil-pajjiżi l-ġodda u biex jinkisbu 27 sommarju tal-pajjiżi tal-prestazzjonijiet tal-istati Membri fir-rigward tal-livell ta' sikurezza mogħti lit-tfal u l-adolesxenti, abbażi ta' 'l fuq minn 100 strateġija u politika ta' prevenzjoni fil-livell nazzjonali. Ir-riżultati ta' dawn il-valutazzjoni tad-dokumenti tar-rapport huma mmirati fl-aħħar mill-aħħar għaż-żieda tal-livell tas-saħħa kollha tat-tfal.

[Sejħa għal proposti għall-proġetti]

- Thejjiġa ta' rapport ta' valutazzjoni erba' snin wara l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2007 ⁽⁵⁴⁾. Biex jiġi determinat jekk il-miżuri proposti humiex effettivi u biex tiġi vvalutata l-ħtieġa għal azzjoni ulterjuri, l-iskop huwa li jingħata appoġġ tekniku għat-thejjiġa ta' rapport dwar l-implimentazzjoni tal-politika tal-Komunità. Se tittieħed dejta mill-Bażi tad-dejta tal-Korrimenti u għandhom jitpaċew il-lakuni (pereżempju permezz ta' analiżi xjentifika, għir addizzjonali tad-dejta mill-Istati Membri u l-partijiet interessati). Dan għandu jippermetti lill-Kummissjoni biex tqis, flimkien mal-Istati Membri, jekk hemmx ħtieġa ta' rakkomandazzjonijiet ulterjuri.

[Sejħa għall-offerti]

- Il-prevenzjoni tal-korrimenti u l-promozzjoni tas-sikurezza permezz ta' Konferenza Ewropea. L-iskop huwa l-għajna lill-gvernijiet tal-Istati Membri u lil partijiet interessati oħra fl-identifikazzjoni tal-prijoritajiet ta' azzjoni fil-livell nazzjonali kif ukoll l-iffaċilitar tal-iżvilupp ta' pjanijiet nazzjonali, infrastrutturi u kapaċitajiet għall-promozzjoni fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali. Il-parteċipanti għandhom jirrappreżentaw Ministri tas-saħħa, dipartimenti tal-

⁽⁵²⁾ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew – Il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-Ambjent u s-Saħħa 2004-2010 (COM(2004) 416 finali tad-9.6.2004).

⁽⁵³⁾ L-attivitajiet implimentati biex titnaqqas il-ħsara kkawżata mill-alkoħol (ara aktar 'il fuq), u speċjalment dawk immirati lejn it-trażżin tas-sewqan taħt l-influenza tal-alkoħol, ukoll jikkontribwixxu għall-prevenzjoni tal-korrimenti.

⁽⁵⁴⁾ <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:C:2007:164:0001:0002:MT:PDF>

gvern u aġenziji rilevanti oħra, professjonisti tas-saħħa, persuni li jipprattikaw fil-prevenzjoni tal-korrimenti u l-promozzjoni tas-sikurezza, persuni akademiċi u s-settur privat. Hija għandha turi l-impenn Komunitarju għall-prevenzjoni tal-korrimenti, partikolarment fost gruppi vulnerabbli. Hija għandha taġti rakkomandazzjonijiet għal azzjoni ulterjuri, u b'hekk tgħin lill-Istati Membri biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2007.

[Għotja għall-konferenza]

- Azzjoni konġunta jew dejta tal-korrimenti u monitoraġġ fil-livell Ewropew. Dejta u informazzjoni Ewropea kumparabbli dwar aċċidenti u korrimenti hija meħtieġa biex tappoġġja l-politika u l-azzjoni f'dan il-qasam u għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill. Din l-azzjoni timmira li tibni fuq il-Bażi tad-dejta tal-Korrimenti żviluppata s'issa biex tespandi l-kopertura tal-pajjiżi, ittejjeb il-kwalità, ir-rappreżentanza u kumparabilità tad-dejta, u twitti t-triq għal integrazzjoni tal-IDB f'sistema Ewropea tal-istatistika.

[Azzjoni konġunta]

3.4. Temi indirizzati fit-tielet għan "Niġġeneraw u nxerrdu l-informazzjoni u l-għarfien marbuta mas-saħħa"

3.4.1. Skambju tal-għarfien u l-aqwa prassi (Anness – punt 3.1.)

- Il-valutazzjoni tal-interventi tal-kura tas-saħħa timmira li tiżgura li s-sistemi tal-kura tas-saħħa qed jaħdmu b'mod effiċjenti. L-azzjoni konġunta tal-2009 dwar il-valutazzjoni tat-teknoloġiji tar-riskju (health technologies assessment – HTA, li tkopri l-prodotti farmaċewtiċi, it-tagħmir mediku u l-interventi tal-kura tas-saħħa) tippromwovi kollaborazzjoni fil-livell tal-UE dwar kwistjonijiet xjentifiċi u metodoloġiċi relatati mal-HTA. Issa huwa importanti li din il-kooperazzjoni tiġi akkumpanjata permezz tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-HTA fl-istati membri. L-iskop ta' din l-azzjoni huwa li jiġu identifikati l-ħtiġijiet ta' organizzazzjoni ta' wħud mill-Istati Membri biex iwaqqfu/jiżviluppaw il-kapaċità u l-għarfien espert tagħhom ta' HTA, jew fil-livell nazzjonali inkella f'dak transkonfinali. il-proġett għandu wkoll janalizza s-sorsi potenzjali tal-appoġġ Komunitarju, notevolment mill-politika tal-koeżjoni tal-UE (użu tal-fondi strutturali).

[Sejħa għal proposti għall-proġetti]

- Djalogi politiċi dwar valuri fundamentali ta' qofol, u d-definizzjoni u l-infurzar tad-drittijiet tal-pazjenti madwar l-Ewropa kollha. L-iskop huwa l-valutazzjoni flimkien mal-Istati membri u l-partijiet interessati fil-livell tal-UE ta' kif id-drittijiet tal-pazjenti jiġu żviluppati u infurzati. Dan għandu jikkontribwixxi għad-diskussjonijiet dwar inizjattivi relatati, attwali jew li ġejjin tal-Kummissjoni.

Dawn id-djalogi ta' politika jeħtieġ li jinvolvu firxa wiesgħa ta' operaturi tal-politika tas-saħħa u għandhom jipprovdu riżultati prezzjużi għal ħidma futura fil-livell tal-UE. L-Osservatorju Ewropew dwar Sistemi u Politiki tas-Saħħa joffri l-għarfien espert, ir-riżorsi umani u l-kuntatti rilevanti meħtieġa biex jiġi koperti l-ispettru sħiħ, biex isawwar l-udjenza mmirata u jikkontribwixxi r-riżultati mixtieqa.

[Ftehim għal għotja diretta mal-Osservatorju Ewropew għall-Politiki u s-Sistemi tas-Saħħa]

- Konferenza dwar Saħħa globali. ir-raba' prinċipju tal-Istategġija tas-Saħħa huwa t-tisħiħ tal-leħen tal-UE fis-saħħa globali. Konferenza maġġuri dwar dan is-suġġett fl-2010 għandha ssaħħaħ dan il-prinċipju. L-iskop huwa l-iffaċilitar ta' djalogo mal-Istati Membri u operaturi u soċji globali ewlenin li jitratta s-saħħa gloabli bl-għanijiet ta' identifikazzjoni tal-oqsma ta' prijorità għall-koordinazzjoni u l-azzjoni, u l-kontirbut għal Komunikazzjoni proposta tal-Kummissjoni dwar Saħħa Globali li għandha tiġi adottata aktar tard fl-2010.

[Sejħa għall-offerti]

3.4.2. Ġabra, analiżi u tixrid tal-informazzjoni dwar is-saħħa (Anness – punt 3.2.1)

- Preservazzjoni u ssuktar ta' Sistema Ewropea ta' Informazzjoni tas-Saħħa u l-Għomor biex jittejjbu u jiġu armonizzati l-kalkoli u l-iżvilupp tal-indikatur strutturali għas-Snin Sani tal-Ħajja – HLY. Is-sistema hija funadamentali biex tipprovdi dejta armonizzata u attendibbli għall-appoġġ tat-tfassil tal-politika fir-rigward ta' sistemi tas-saħħa kif ukoll il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u l-impatt tal-politiki. L-attività tffitex li tiżgura appoġġ tekniku xieraq għall-kalkolu u l-iżvilupp ulterjuri tal-indikatur ewleni fis-snin li ġejjin.

[Azzjonijiet konġunti]

- Integrazzjoni tal-indikaturi tas-saħħa perinatali fis-sistemi ta' monitoraġġ tas-saħħa pubblika bħalma huwa l-ECHIM (Monitoraġġ tal-Indikaturi tas-Saħħa tal-Komunità Ewropea) u t-tħejjija tal-integrazzjoni teigħu fil-ħidma tas-sistema Ewropea tal-istatistika (Eurostat). Żvilupp tal-kapaċità fil-livell Ewropew u fil-livell nazzjonali biex jinkiseb livell għoli ta' rappurtar. L-iskop huwa li jkun hemm dejta u informazzjoni fuq bażi ta' rutina dwar is-saħħa perinatali, li hija essenzjali għal kopertura sħiħa tal-indikaturi tal-ECHI, u li hija qasam ta' valur miżjud potenzjali għal azzjoni fil-livell Ewropew fid-dawl tal-varjazzjonijiet fis-saħħa perinatali madwar l-UE kollha.

[Sejħa għal proposti għall-proġetti]

- Impatt tal-investimenti tal-Fondi Strutturali fuq il-benefiċċji miksuba fis-saħħa. L-iskop huwa l-valutazzjoni, għal għadd ta' pajjiżi bi prova, ta' kif il-kunsiderazzjonijiet u l-impatt tas-saħħa ġew integrati fit-tfassil u t-tmedika ta' investimenti sinifikanti f'oqsma oħra ta' politika, bħalma huma t-trasport, l-ambjent u t-TIK, matul il-perjodu 2007/2013. Dan għandu jgħin għall-kisba ta' tagħlimiet għat-tħejjija tal-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss 2014/2020 tal-fondi strutturali.

[Sejħa għall-offerti]

- L-implimentazzjoni ta' moduli tad-DĠ għas-Saħħa u l-Konsumaturi (it-tabakk, il-mard rari, is-saħħa viżiva, is-saħħa tas-smiġh, is-saħħa mentali id-drittijiet tal-pazjenti) fl-istrumenti ta' sħarriġ tal-Kummissjoni (Ewrobarometru).

[Sejħa għall-offerti]

3.4.2.1. Sistema Ewropea ta' Informazzjoni dwar is-Saħħa (Anness – Punt 3.2.1)

- Identifikazzjoni u żvilupp tal-għodda mmirata biex tiffaċilita li riċetti mediċi jingħarfu minn Stat Membru ieħor. Azzjoni teknika għall-appoġġ tat-titjib tal-għbir, il-valutazzjoni u l-validazzjoni ta' riċetti mediċi madwar il-fruntieri kollha tal-Istati Membri, biex jiġi promoss il-fluss tal-informazzjoni medika rilevanti, jiżdienu l-kwalità u l-kumdità tat-trattament taċ-ċittadini meta jmorru minn post għal ieħor fl-Unjoni Ewropea. L-iskop huwa l-iżvilupp ta' rakkomandazzjonijiet dwar sett ewlieni tad-dejta, pjan rikonossibbli tal-informazzjoni u l-prassi tal-professjonisti tas-saħħa għall-appoġġ u l-validazzjoni tar-riċetti madwar il-fruntieri kollha.

[Sejħa għall-offerti]

- Implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni dwar Telemediċina – pjattaforma għall-involvement tal-partijiet interessati⁽⁵⁵⁾. Azzjoni teknika għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni dwar it-Telemediċina, partikolarment il-parteċipazzjoni tal-professjonisti tas-saħħa u l-pazjenti fit-tfassil, il-validazzjoni u l-implimentazzjoni tal-għodda tal-eHealth, partikolarment tat-Telemediċina. Din l-azzjoni se tiġi kkoordinata mal-appoġġ relatat tad-DĠ INFSO, mal-ħidma tal-istrutturi eżistenti ta' governanza tal-Istati Membri dwar l-eHealth u mal-prijoritajiet tal-Presidenza. L-iskop huwa l-appoġġ għall-ħidma teknika tal-istruttura tal-governanza, partikolarment fir-rakkomandazzjonijiet li qed jiġu żviluppati dwar kif jiġu involuti l-professjonisti tas-saħħa u l-pazjenti fl-eHealth u biex jiġu indirizzati l-ostakli għall-implimentazzjoni tas-soluzzjonijiet tal-eHealth fi ħdan l-Istati Membri.

[Azzjonijiet konġunti]

- Applikazzjonijiet tal-Web 2.0 għall-informazzjoni u t-tiswir tas-setgħa tal-pazjenti, is-sikurezza tal-pazjenti, ir-rappurtar ta' effetti negattivi, il-valutazzjoni tal-kwalità tas-sistemi tas-saħħa u l-koordinazzjoni tas-sistemi tas-saħħa. Azzjoni teknika għall-valutazzjoni tal-kwalità u l-validità ta' għodda bbażata fuq l-Internet għall-informazzjoni u t-tiswir tas-setgħa tal-pazjenti, is-sikurezza tal-pazjenti, ir-rappurtar ta' effetti negattivi, il-valutazzjoni tal-kwalità tas-sistemi tas-saħħa u l-koordinazzjoni tas-sistemi tas-saħħa. L-utilità, ir-rappreżentanza, il-ġustizzja u l-valur ta' tbassir għandhom jiġu vvalutati b'mod partikolari għal: lezzjonijiet lill-pazjenti; għaodda ta' networking soċjali li jirrapurtaw dwar esperjenzi tal-pazjenti, il-kwalità tat-trattament u s-sikurezza tal-pazjent; banek għall-ħażna ta' informazzjoni tas-saħħa bbażata fuq l-Internet. L-iskop huwa t-tħejjija għall-valutazzjoni tal-użu potenzjali ta' dawn l-għodod għas-sistemi tas-saħħa b'mod ġenerali u għat-tixrid tal-aqwa prassi relatata.

[Sejħa għal proposti għall-proġetti]

⁽⁵⁵⁾ http://ec.europa.eu/health/ph_information/e_health/e_health_en.htm

- L-aqwa prassi għall-involvement tal-professjonisti tas-saħħa u l-pazjenti fit-tfassil, il-validazzjoni u l-implimentazzjoni tal-għodod tal-eHealth. Azzjoni teknika għall-appoġġ tal-parteċipazzjoni tal-professjonisti tas-saħħa u l-pazjenti fit-tfassil, il-validazzjoni u l-implimentazzjoni tal-għodod tal-eHealth. Dawn l-għodod għandhom jiġu vvalutati mil-lat tal-kapaċità tagħhom li jżidu l-fluss tal-informazzjoni li ssalva l-ħajja u li jiffrankaw il-ħin tal-professjonisti tas-saħħa, li jżidu l-kwalità u l-koordinazzjoni tat-trattament u tas-sikurezza tal-pazjent, u li jikkontribwixxu għal sistemi tas-saħħa dinamiċi. L-iskop huwa l-valutazzjoni u t-tfassil ta' modi sani u prattiċi biex jiġu involuti l-professjonisti u l-pazjenti fl-eHealth.

[Sejħa għal proposti għall-proġetti]

- Kooperazzjoni foqma ta' qofol tal-ħidma tal-Kumitat tas-Saħħa tal-OECD fl-oqma li ġejjin: immudellar tal-impatt fuq is-suq tax-xogħol tal-interventi tas-sistemi tas-saħħa, speċifikament il-prevenzjoni, partikolarment fil-qasam tal-obeżità. L-iżvilupp ta' informazzjoni dwar is-saħħa tal-ħaddiema, speċifikament dwar il-provvista tal-kapital disponibbli għas-settur tal-kura tas-saħħa; pubblikazzjoni konġunta ta' rapport ta' relazzjoni unika tal-KE/OECD dwar dejta tas-saħħa u analiżi; żvilupp ta' modi biex titejjeb il-prassi tal-ipprogrammar tal-istatistika (taħriġ konġunt, għodod ta' appoġġ, studji ta' validazzjoni); promozzjoni tal-parteċipazzjoni tal-Istati membri u l-pajjiżi ġirien li mhumiex membri tal-OECD fil-ġbir tad-dejta tal-OECD. Id-dejta li toħroġ mill-kooperazzjoni se tikkontribwixxi għat-tfassil tal-politika, partikolarment fl-oqma tal-kura tas-saħħa, is-sistemi tas-saħħa u s-sikurezza tal-pazjent.

L-għotja diretta mal-OECD hija meħtieġa biex tiżgura l-kooperazzjoni u l-għarfien espert tal-Kumitat tas-Saħħa tal-OECD l-oqma msemmija hawn fuq. L-OECD hija l-unika organizzazzjoni li tista' tipprovi dan, u l-attivitajiet jibnu direttament fuq ħidma preċedenti.

[Ftehim għal ghotjet diretti mad-OECD]

- Tqabbil bejn sistemi tas-saħħa. Is-sħubija tal-Kummissjoni fl-Osservatorju Ewropew dwar il-Politik tas-Saħħa u s-Sistemi tas-Saħħa, għall-appoġġ tal-ħidma prinċipali tal-Osservatorju u għat-tisħiħ tal-integrizzjoni tad-dimensjonijiet Ewropej u dawk transkonfinali fil-ħidma tal-Osservatorju, bl-iskop li jsir l-aqwa użu mill-għarfien espert partikolari tagħhom u l-kapaċità għall-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropea tas-saħħa.

L-Osservatorju huwa bank ta' ħażna ta' għarfien espert, analiżi indipendenti u pariri rispettati, u ħidmietu hija komplementari għas-servizzi tal-Kummissjoni. Għar-raġunijiet ta' hawn fuq, ikun iktar effettiv u effiċjenti li ssir kooperazzjoni mal-Osservatorju, li tikkontribwixxi għall-konsistenza bejn ir-riżultati tal-Osservatorju u l-għanijiet tal-KE fl-ambitu tas-saħħa pubblika. Dawn l-attivitajiet ma jistgħux jingħataw minn ebda istituzzjoni oħra u jsegwu u jibnu fuq ħidma preċedenti.

[Ftehim għal għotja diretta mal-Osservatorju Ewropew għall-Politika tas-Saħħa u s-Sistemi tas-Saħħa]

- - Il-ħolqien ta' mekkaniżmi għall-ġbir flimkien tal-aktar dejta, informazzjoni, xhieda u konsulenza teknika avvanzata u moderna dwar suġġetti speċifiċi marbutin mas-saħħa bħala appoġġ għas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni tas-Saħħa u Kondivizzjoni tal-Għarfien. L-iskop huwa li jingħataw dejta u informazzjoni bbażati fuq l-evidenza liċ-ċittadini, il-politiċi, il-partijiet interessati u l-esperti tal-UE.

[Sejħa għall-offerti]

3.4.2.2. Tixrid u applikazzjoni ta' informazzjoni dwar is-saħħa (Anness – Punt 3.2.2)

- Żvilupp tekniku għall-Porta tas-Saħħa Pubblika tal-UE u għodod oħra tat-TIK. L-iskop huwa t-titjib tal-ġestjoni tal-portal permezz ta' links awtomatizzati u manutenzjoni tal-kontenut u biex jiġu żviluppati għodod tat-TI li jappoġġjaw il-ġbir u t-tixrid tal-informazzjoni tas-saħħa.

[Sejħa għall-offerti]

- Il-promozzjoni tar-riżultati tal-Ewwel Programm tas-Saħħa Pubblika (2003-2008), inkluża konferenza speċifika u pubblikazzjonijiet. L-iskop huwa t-tixrid tar-riżultati tal-programm lill-pubbliku ġenerali u l-partijiet interessati kif ukoll il-preżentazzjoni tal-aqwa proġetti bħala mudell għall-applikanti futuri.

[Sejħa għall-offerti]

- Appoġġ tal-attivitajiet li għandhom l-iskop li jipromwovu It-Tieni Programm tas-Saħħa (2008-2013) u l-komunikazzjoni tar-riżultati tiegħu biex titrawwem il-parteċipazzjoni u jinxterdu r-riżultati tal-programm; valutazzjoni ta' nofs il-perjodu tal-Programm.

[Sejħa għall-offerti]

- Organizzazzjoni tal-attivitajiet tal-komunikazzjoni, inklużi kampanji u avvenimenti, bħalma huwa l-premju tal-ġurnaliżmu tas-saħħa tal-UE. L-iskop huwa t-tixrid tal-informazzjoni dwar ir-riżultati tal-Programm u l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tas-Saħħa liċ-ċittadini u l-partijiet interessati.

[Sejħa għall-offerti]

- Netwerk ta' esperti legali, ekonomiċi u sanitarji li jindirizzaw ostakli u intoppi nazzjonali kif ukoll fil-livell ta' Komunità fil-ġbir, l-analiżi u l-użu tal-informazzjoni tas-saħħa fil-livell tal-Komunità fl-oqsma rilevanti tal-"acquis tal-Komunità". Din l-azzjoni timmira li ttipprovdi l-ewwel stima tal-impatt konsistenti u komprensiva, legali, ekonomika u sanitarja għall-politiki futuri fl-informazzjoni tas-saħħa.

[Sejħa għal proposti għall-proġetti]

3.4.3. *Analiżi u rappurtar (Anness – Punt 3.2.3)*

- rapporti addizzjonali tas-saħħa f'oqsma bħal dawn kif meħtieġ, partikolarment fil-Kummissjoni l-ġdida. L-iskop huwa biex jippermetti l-ġbir rapidu ta' informazzjoni u analiżi dwar suġġetti partikolari kif meħtieġ, partikolarment bħala appoġġ għall-iżvilupp ta' politiki ġodda taħt il-Kummissjoni l-ġdida u bħala appoġġ għall-Istrateġija tas-Saħħa.

[Sejħa għall-offerti]

ANNEX II

Kriterji għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji għal proġetti taħt it-tieni programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008-13)

Id-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, Artikolu 4.1 (a)

Dan id-dokument japplika biss għall-kofinanzjament ta' azzjonijiet individwali taħt it-tieni Programm tas-Saħħa permezz ta' għotjiet wara sejħa għal proposti għall-proġetti.

1. PRINĊIPJI ĠENERALI

1. Ir-Regolament Finanzjarju u r-Regoli Implimentattivi tiegħu huma d-dokumenti ta' referenza għall-implimentazzjoni tat-tieni Programm tas-Saħħa.

2. L-għotjiet iridu jkunu konformi ma' dawn il-prinċipji li ġejjin:

— ir-regola tal-kofinanzjament: huwa meħtieġ kofinanzjament estern minn sors li ma jkunx sors ta' fondi Komunitarji, jew permezz ta' riżorsi proprji tal-benefiċjarju jew inkella riżorsi finanzjarji ta' terzi. Kontribuzzjonijiet imħallsa b'oġġetti u mhux bil-flus mingħand terzi jistgħu jitqiesu bħala kofinanzjament jekk ikunu kkunsidrati meħtieġa jew xierqa (l-Artikolu 113 tar-Regolament Finanzjarju u 172 tar-Regoli Implimentattivi).

— ir-regola ta' bla profitt: l-għotja ma għandux ikollha l-għan jew l-effett li tiġġenera profitt għall-benefiċjarju (l-Artikoli 109(2) tar-Regolament Finanzjarju u 165 tar-Regoli Implimentattivi).

— ir-regola ta' bla retroattività: l-ispejjeż eliġibbli għall-iffinanzjar għandhom jiġu onorati wara li jkun ġie ffirmat il-kuntratt. F'każijiet eċċezzjonali, jista' jkun aċċettabbli li spejjeż li kienu onorati mid-data ta' sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-għotja jiġu kkunsidrati, iżda mhux daww onorati aktar kmieni (l-Artikolu 112 tar-Regolament Finanzjarju).

— ir-regola ta' bla akkumulazzjoni: għotja waħda biss tista' tingħata għal xi azzjoni speċifika mwettqa minn xi benefiċjarju partikolari għal kull sena finanzjarja (l-Artikolu 111 tar-Regolament Finanzjarju) ⁽⁵⁶⁾.

3. Il-proposti għall-azzjonijiet (il-proġetti) għandhom jiġu vvalutati fuq il-bażi ta' tliet kategoriji ta' kriterji:

— il-kriterji tal-esklużjoni u l-eliġibilità, biex tiġi vvalutata l-eliġibilità tal-applikant – l-Artikolu 114 tar-Regolament Finanzjarju;

— il-kriterji tal-għażla, biex tiġi vvalutata l-kapaċità finanzjarja u operattiva tal-applikant għat-tkomplija tal-azzjoni proposta – l-Artikolu 115 tar-Regolament Finanzjarju;

— il-kriterji tal-għoti, biex tiġi vvalutata l-kwalità tal-proposta bil-kunsiderazzjoni tal-kost tagħha.

Dawn it-tliet kategoriji ta' kriterji għandhom jiġi kkunsidrati konsekuttivament matul il-proċedura ta' valutazzjoni. Proġett li ma jasalx biex jissodisfa r-rekwiżiti ta' waħda mill-kategoriji ma jiġix ikkunsidrat fl-istadju ta' valutazzjoni li jkun imiss u għandu jiġi eliminat.

4. Fir-rigward tat-Tieni Programm tas-Saħħa, għandha tingħata prijorità lil proġetti li:

— ikollhom karattru innovattiv fir-rigward tas-sitwazzjoni eżistenti u ma jkunux ta' natura rikorrenti;

— jipprovdu valur miżjud fil-livell Ewropew fil-qasam tas-saħħa: il-proġetti jridu jipproduċu ekonomiji ta' skala rilevanti, jinvolvu numru xieraq ta' pajjiżi eliġibbli fejn għandu x'jaqşam l-ambitu tal-proġett u jridu jkunu jistgħu jiġu rreplikati bnadi oħra;

— jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-politika Komunitarja fis-settur tas-saħħa u joffrulha sostenn;

⁽⁵⁶⁾ Dan ifisser li azzjoni speċifika, ippreżentata minn applikant wieħed għal għotja, tista' tiġi approvata għal kofinanzjament mill-Kummissjoni biss darba fis-sena, irrispettivament mit-tul ta' żmien li tieħu din l-azzjoni.

- jagħtu attenzjoni xierqa lil struttura effikaċi ta' ġestjoni, proċess ċar ta' valutazzjoni u deskrizzjoni preċiża tar-riżultati mistennija;
- jinkludu pjan għall-użu u t-tixrid tar-riżultati flivell Ewropew lil udjenzi xierqa fil-mira tagħhom.

2. KRITERJI TA' ESKLUŻJONI U ELIĠIBILITÀ

1. L-applikanti għandhom jitħallew barra milli jipparteċipaw fi proċedura ta' għoti f'rabta mat-tieni Programm tas-Saħħa jekk:

- (a) ikunu falluti jew qed jingħalqu, għandhom in-negozju tagħhom amministrat mill-qrati, daħlu fi ftehim mal-kredituri, issospendew l-attivitàjiet ta' negozju tagħhom, huma s-suġġett ta' proċedimenti li jikkonċernaw dawn il-kwistjonijiet jew jinsabu f'xi sitwazzjoni analoga li ġejja minn xi proċedura simili prevista fil-leġiżlazzjoni jew fir-regolamenti nazżjonali;
- (b) ikunu nstabu ħatja ta' xi offiża li tirrigwarda l-kondotta professjonali tagħhom minn sentenza li għandha s-saħħa ta' *res judicata*;
- (c) ikunu ħatja ta' kondotta professjonali ħażina serja pprovata bi kwalunkwe mezz li l-awtorità kontraenti tista' tiġġustifika;
- (d) ma jkunux jistgħu jissodisfaw l-obbligi marbuta mal-ħlas ta' kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali jew il-ħlas ta' taxxi skont id-dispożizzjonijiet legali tal-pajjiż li fih ikunu stabbiliti jew dawk tal-pajjiż tal-Uffiċjal Awtorizzanti jew dawk tal-pajjiż fejn għandu jkun attwat il-kuntratt;
- (e) kienu suġġetti għal sentenza b'saħħa ta' *res judicata* minħabba frodi, korruzzjoni, implikazzjoni f'xi organizzazzjoni kriminali jew xi attività oħra illegali ta' ħsara għall-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet;
- (f) ikunu preżentement soġġetti għall-penali amministrattivi msemmija fl-Artikolu 96(1) tar-Regolament Finanzjarju;
- (g) ikunu rċevew għajjnuna illegali, li dwarha l-Kummissjoni kienet adottat deċiżjoni negattiva li tinvolvi ordni għal irkupru, u l-għajjnuna ma tkunx ġiet irkuprata skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999.

Prova: Il-kandidati għandhom jipprovdu dikjarazzjoni fuq unurhom, iffirmata u datata kif xieraq, li tafferma li ma jkunux jinsabu fl-ebda waħda mis-sitwazzjonijiet elenkati hawn fuq.

2. Kawalunkwe proposta li tasal wara li jiskadi ż-żmien li fih jintlaqgħu l-proposti, kwalunkwe proposta jew proposti mhux kompluta li tonqos milli tissodisfa r-rekwiżiti formali stipulati fis-sejħa għall-proposti mhijjex se titqies għall-finanzjament. Dan ma japplikax fil-każ ta' żbalji klerikali ovmi fis-sens tal-Artikolu 178(2) tar-regoli tal-Implimentazzjoni.

Kull applikazzjoni jrid ikollha d-dokumenti mitluba fis-sejħa għall-proposti, inklużi d-dokumenti li ġejjin:

- Id-dejta amministrattiva dwar is-soċju ewlieni u s-soċji assoċjati;
- Deskrizzjoni teknika tal-proġett;
- Il-baġit globali tal-proġett u l-livell ta' kofinanzjament Komunitarju mitlub.

Prova: Il-kontenut tal-applikazzjoni.

3. L-azzjonijiet li diġà jkunu bdew sad-data li fiha tkun irreġistrata l-applikazzjoni għall-għotja se jitħallew barra milli jipparteċipaw fit-tieni Programm tas-Saħħa.

Prova: Id-data tal-bidu skedata u t-tul ta' żmien skedat tal-azzjoni jridu jiġu speċifikati fl-applikazzjoni għall-għotja.

3. KRITERJI TAL-GĦAŻLA

Dawk il-proposti biss li jkunu ssodisfaw ir-reqwiziti tal-kriterji ta' esklużjoni għandhom ikunu eliġibbli għall-valutazzjoni. Il-kriterji kollha ta' għażla li ġejjin għandhom ikunu sodisfatti.

1. Kapaċità finanzjarja

L-applikanti jrid ikollhom sorsi ta' finanzjament stabbli u suffiċjenti biex ikunu jistgħu jżommu l-attività tagħhom għaddejjja matul il-perjodu kollu li fih tkun qed titwettaq l-attività u biex ikunu jistgħu jipparteċipaw fil-kofinanzjament tagħha.

Prova: L-applikanti għandhom jipprovdu l-kontijiet bankarji tal-qligħ u t-telf u l-karta bilanċjali tal-aħħar sentejn finanzjarji sħaħ.

Il-verifika tal-kapaċità finanzjarja ma tapplikax għall-entitajiet pubbliċi, jew għal organizzazzjonijiet pubbliċi internazzjonali maħluqa permezz ta' ftehimiet intergovernattivi jew għal aġenziji speċjalisti li nħolqu b'dawn il-ftehimiet.

2. Kapaċità operattiva

L-applikant irid ikollu r-riżorsi professjonali, il-kompetenzi u l-kwalifiki meħtieġa biex ikun jista' jwettaq u jtemm l-azzjoni proposta.

Prova: L-applikanti jridu jissottomettu r-rapport annwali tal-attivitàjiet l-aktar riċenti tal-organizzazzjoni inklużi d-dettalji operattivi, finanzjarji u tekniċi u l-curricula vitae tal-istaff professjonali rilevanti fl-organizzazzjonijiet kollha involuti fil-proġett.

3. Dokumenti addizzjonali għandhom jiġu ppreżentati fuq talba tal-Kummissjoni.

Jekk issir talba għalih, l-applikanti jridu jippreżentaw rapport ta' verifika finanzjarja esterna magħmul minn awditur approvat, li jiċċertifika l-kontijiet għall-aħħar sena finanzjarja disponibbli u li jipprovdi valutazzjoni tal-vijabilità finanzjarja tal-applikant.

4. KRITERJI TAL-AĠĠUDIKAZZJONI

Dawk il-proġetti biss li jkunu ssodisfaw ir-reqwiziti tal-kriterji tal-esklużjoni u l-għażla għandhom ikunu eliġibbli għal valutazzjoni ulterjuri fuq il-bażi ta' dawn il-kriterji ta' aġġudikazzjoni li ġejjin.

1. **Rilevanza politika u kontestwali tal-proġett** (40 punt, valur minimu: 20 punt)

(a) Il-kontribut tal-proġett biex jissodisfa l-għanijiet u l-prijoritajiet tat-tieni Programm tas-Saħħa, kif definit fil-Pjan ta' Ħidma għall-2010 (8 punti);

(b) Ir-rilevanza strateġika f'termini ta' rilevanza għall-Istrateġija Sanitarja tal-UE ⁽⁵⁷⁾ u f'termini tal-kontribut mistenni għall-għarfien eżistenti u l-implikazzjonijiet għas-saħħa (8 punti);

(c) Valur miżjud f'livell Ewropew fis-settur tas-saħħa pubblika (8 punti):

— l-impatt fuq il-gruppi mmirati, l-effett għaż-żmien fit-tul u effetti multiplikaturi potenzjali, bħalma huma attivitajiet replikabbli, trasferibbli u sostenibbli;

— kontribut għall-politiki rilevanti u programmi oħra tal-UE u kumplementarjetà, sinerġija u kompatibilità magħhom;

(d) Pertinenza tal-kopertura ġeografika (8 punti)

L-applikanti jridu jiżguraw li kopertura ġeografika tal-proġett tkun xierqa fir-rigward tal-għanijiet tagħha, waqt li jifisser l-irwol tal-pajjiżi eliġibbli bħala soċji u r-rilevanza tar-riżorsi tal-proġett jew il-popolazzjonijiet destinatari li dawn jirrappreżentaw.

Il-proposti b'dimensjoni nazzjonali jew subnazzjonali (jiġifieri, li jinvolvu biss pajjiż eliġibbli wieħed jew reġjun ta' pajjiż eliġibbli) se jiġu rifjutati.

⁽⁵⁷⁾ COM(2007) 630 finali; http://ec.europa.eu/health/ph_overview/strategy/health_strategy_en.htm.

- (e) Adegwatezza tal-proġett mal-kuntest soċjali, kulturali u politiku (8 punti)

L-applikanti jridu jorbtu l-proġett mas-sitwazzjoni tal-pajjiżi jew iż-żoni speċifiċi involuti, filwaqt li jiżguraw il-kompatibilità tal-azzjonijiet previsti mal-kultura u l-fehmiet tal-gruppi mmirati.

2. **Kwalità teknika tal-proġett** (30 punt, valur minimu: 15-il punt)

- (a) Bażi ta' prova (6 punti)

L-applikanti jridu jinkludu l-analiżi tal-problema u jiddeskrivu b'mod ċar il-fatturi, l-impatt, l-effettività u l-applikabilità tal-miżuri proposti;

- (e) Speċifikazzjoni tal-kontenut (6 punti)

L-applikanti jridu jiddeskrivu b'mod ċar l-għanijiet u l-miri, il-gruppi fil-mira, inklużi fatturi ġeografiki rilevanti, metodi, effetti u riżultati mistennija;

- (c) In-natura innovattiva, il-komplementarjetà teknika u l-evitar tad-duplikazzjoni ta' azzjonijiet eżistenti oħra f'livell tal-UE (6 punti)

L-applikanti jridu jidentifikaw b'mod ċar il-progress li hu pplanat li jikseb il-proġett fl-ambitu tas-settur frabta mal-metodi l-aktar moderni u jiżguraw li la jkun hemm duplikazzjoni mhux xierqa u lanqas irkib fuq xulxin, la parzjali u lanqas totali, bejn il-proġetti u l-attivitajiet li diġà qed jitwettqu f'livell Ewropew u f'livell internazzjonali.

- (d) Strateġija ta' valutazzjoni (6 punti)

L-applikanti jridu jfissru b'mod ċar it-tip u l-adegwatezza ta' dawk il-metodi proposti u l-indikaturi magħżula.

- (e) Strateġija ta' tixrid (6 punti)

L-applikanti jridu jispjegaw bl-eżempji b'mod ċar l-adegwatezza tal-istrateġija prevista u l-metodoloġija proposta biex jiżguraw it-trasferibilità tar-riżultati u s-sostenibilità tat-tixrid.

3. **Kwalità ta' ġestjoni tal-proġett u l-baġit** (30 punt, valur minimu: 15-il punt)

- (a) Ippjanar u organizzazzjoni tal-proġett (5 punti)

L-applikanti jridu jiddeskrivu l-attivitajiet li għandhom jitwettqu, l-iskeda taż-żmien u l-miri intermedji, ir-riżultati tanġibbli tal-proċess tal-iżvilupp, in-natura u t-tqassim tal-kompiti, l-analiżi tar-riskju.

- (b) Kapaċità organizzattiva (5 punti)

L-applikanti jridu jiddeskrivu l-istruttura tal-ġestjoni, il-kompetenza tal-istaff, ir-responsabilitajiet, il-komunikazzjoni interna, it-teħid tad-deċiżjonijiet, il-monitoraġġ u s-supervizzjoni;

- (c) Kwalità tal-kollaborazzjonijiet bi sħab (5 punti)

L-applikanti jridu jiddeskrivu l-kollaborazzjonijiet bi sħab previsti mil-lat ta' estensività, rwoli, u responsabilitajiet, relazzjonijiet fost is-soċji differenti, sinerġija u komplementarjetà tad-diversi soċji fil-proġett u l-istruttura tan-netwerk.

- (d) Strateġija tal-komunikazzjoni (5 punti)

L-applikanti jridu jiddeskrivu l-istrateġija tal-komunikazzjoni mil-lat ta' pplanar, gruppi mmirati, adegwatezza tal-mezzi użati, u viżibilità tal-kofinanzjament Komunitarju.

- (e) Baġit globali u ddettaljat inkluża l-ġestjoni finanzjarja (10 punti, valur minimu: 5 punti)

L-applikanti jridu jiżguraw li l-baġit huwa rilevanti, xieraq, ibbilanċjat u konsistenti fih innifsu, bejn is-soċji u fir-rigward tal-għanijiet speċifiċi tal-proġett. Il-baġit għandu jittqassam fost is-soċji f'livell minimu raġjonevoli, waqt li tiġi evitata frammentazzjoni eċċessiva.

L-applikanti jridu jiddeskrivu ċ-ċirkuwiti finanzjarji, ir-responsabilitajiet, il-proċeduri ta' rappurtar u l-kontrolli.

Kwalunkwe proġett li ma jirnexxilux jikseb il-valur minimu se jiġi rrifjutat.

Wara l-valutazzjoni tar-riskju, titħejja lista ta' proposti rakkomandati għall-finanzjament, klassifikati skont l-għadd totali tal-punti mogħtija. Skont id-disponibilità tal-baġit, il-proposti li jkunu ġew ikklassifikati fl-ogħla postijiet jingħataw kofinanzjament. Il-bqija tal-proposti rakkomandati għal kofinanzjament jiddaħħlu f'lista ta' riżerva.

ANNEX III

ELIĠIBILITÀ GĦALL-ISPEJJEŻ TAS-SAFAR U S-SUSSISTENZA

Dawn il-linjigwida japplikaw għall-ħlas lura tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u s-sussistenza:

- tal-istaff impjegat mill-benefiċjarju (il-benefiċjarji ewlenin u assoċjati) tal-għotjiet u l-esperti mistiedna mill-benefiċjarju biex jipparteċipaw fil-gruppi ta' ħidma;
- meta jkun previst b'mod espliċitu fil-kuntratti ta' servizz.

(1) L-allokazzjonijiet ta' sussistenza b'rata fissa jkopru l-ispejjeż ta' sussistenza kollha li jsiru matul il-missjonijiet, inklużi l-lukandi, ir-ristoranti u t-trasport lokali (taxis u/jew it-trasport pubbliku). L-allokazzjonijiet għat-trasport japplikaw għal kull jum tal-missjoni fuq bażi ta' distanza minima ta' 100 km mill-post tax-xogħol normali. L-allokazzjoni ta' sussistenza tvarja skont il-pajjiż li fih tkun qed titwettaq il-missjoni. Ir-rati ta' kuljum jikkorrispondu għas-somma tal-allokazzjoni ta' kuljum u l-prezz massimu tal-lukanda ffixat fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2004) 1313 ⁽⁵⁸⁾ kif emendata.

(2) Missjonijiet f'pajjiżi li ma jinkludux is-27 pajjiż tal-UE u l-pajjiżi mixjin lejn l-adeżjoni u l-pajjiżi applikanti kif ukoll il-pajjiżi tal-EFTA/iż-ŻEE li qed jipparteċipaw fit-tieni Programm tas-Saħħa għandhom ikunu soġġetti għall-qbil preċedenti tal-Kummissjoni. Dan il-qbil għandu jkun relatat mal-għanijiet tal-missjoni, l-ispejjeż tagħha u r-raġunijiet għalihom.

(3) L-ispejjeż tat-trasport huma eliġibbli taħt dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

- l-ivvjaġġar għandu jsir permezz tal-iżjed rotta diretta u ekonomika;
- distanza ta' mill-inqas 100 km bejn il-post fejn tkun qed issir il-laqgħa u l-post normali tax-xogħol;
- l-ivvjaġġar bil-ferrovija: l-ewwel klassi;
- l-ivvjaġġar bl-ajru: klassi ekonomika, sakemm ma tinstabx rata irħas (pereżempju Apex); l-ivvjaġġar bl-ajru huwa awtorizzat biss għal vjaġġi bir-ritorn ta' aktar minn 800 km;
- l-ivvjaġġar bil-karozza: imħallas lura fuq il-baży tal-ekwivalenti tar-rata tal-ewwel klassi bil-ferrovija.

⁽⁵⁸⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' April 2004 dwar id-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni li jadottaw il-Linji Gwida għall-missjonijiet imwettaq mill-uffiċjali u membri oħra taċ-ċivil impjegati mal-Kummissjoni Ewropea.

ANNEX IV

Kriterji għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji għal azzjonijiet konġunti taħt it-tieni programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008-13)*Id-Deċiżjoni 1350/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, Artikolu 4(3)*

1. KRITERJI TA' ESKLUŻJONI U ELIĠIBILITÀ

Azzjonijiet konġunti jistgħu jiġu implimentati ma' korpi pubbliċi jew korpi mhux governattivi:

- li ma joperawx bi skop ta' qligħ u jkunu indipendenti minn interessi industrijali, kummerċjali u ta' negozju jew interessi ta' kunflitti oħrajn;
- li jsegwu bħala l-mira primarja tagħhom għan wieħed jew aktar tal-Programm,
- li ma għandhomx għanijiet ġenerali li jmorru direttament jew indirettament kontra l-politiki tal-Unjoni Ewropea jew assoċjati ma' immaġni inadegwata;
- li taw lill-Kummissjoni rendikont sodisfaċenti tas-sħubija, ir-regoli interni u s-sorsi ta' finanzjament tagħhom;
- li mhuma fl-ebda waħda mis-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni elenkati fl-Artikoli 93 u 94 tar-Regolament Finanzjarju.

Il-kriterju "indipendenti mill-industrija, minn interessi industrijali, kummerċjali u ta' negozju jew interessi oħra kunfliġġenti" jirreferi għal tliet aspetti li kollha jridu jiġu ssodisfati mill-organizzazzjoni applikanti:

Indipendenza legali:

Żewġ entitajiet legali għandhom jitqiesu bħala indipendenti minn xulxin l-ebda waħda minnhom ma tkun taħt kontroll dirett jew indirett tal-oħra inkella taħt l-istess kontroll dirett jew indirett ta' entità terza bħall-oħra.

Il-kontroll jista' b'mod partikolari jieħu waħda minn dawn iż-żewġ forum:

- (a) Il-pussess dirett jew indiretta' aktar minn 50 % tal-valur nominali tal-kapital azzjonarju maħruġ fl-entità legali kkonċernata, jew ta' maġġoranza tad-drittijiet għall-vot tal-partijiet interessati jew tas-soċji ta' dik l-entità;
- (b) Il-pussess dirett jew indirett tas-setgħat tat-teħid tad-deċiżjonijiet, fattwalment jew legalment, fl-entità legali kkonċernata.

Madankollu, ir-relazzjonijiet li ġejjin bejn l-entitajiet legali ma għandhomx fihom infushom jitqiesu li qed jikkostitwixxu relazzjonijiet ta' kontroll:

- (c) Il-pussess dirett jew indirett ta' aktar minn 50 % tal-valur nominali tal-kapital azzjonarju maħruġ fl-organizzazzjoni applikanta jew ta' maġġoranza tad-drittijiet għall-vot tal-partijiet interessati jew tas-soċji tal-entitajiet legali jkunu għand l-istess korp pubbliku;
- (d) L-entitajiet legali kkonċernati jkunu proprjetà tal-istess korp pubbliku jew ikunu ssoveljati minnu.

Indipendenza finanzjarja:

Bħala regola ġenerali, organizzazzjonijiet applikanti li jirċievu aktar minn 20 % tal-finanzjament tagħhom mis-settur privat⁽⁵⁹⁾ jew interess ieħor ta' kunflitt għat-tħaddim tagħhom (finanzjament ta' bażi) għandhom jitqiesu bħala finanzjarjament dipendenti.Trasparenza tal-attivitajiet u l-finanzjament tal-applikant: L-attivitajiet kollha għandhom jiġu ppubblikati fir-rapport annwali tal-applikant⁽⁶⁰⁾.⁽⁵⁹⁾ It-terminu "settur privat" ikopri kumpaniji/intrapriżi/korporazzjonijiet li l-għan tagħhom hu li jagħmlu profit, organizzazzjonijiet kummerċjali jew entitajiet oħra irrispettivament min-natura legali tagħhom (irreġistrati/mhux irreġistrati), sjieda (totalment jew parzjalment tal-privat/tal-istat) jew daqs (kbar/żgħar), jekk mhumiex ikkontrollati mill-pubbliku.⁽⁶⁰⁾ Għandhom jiġu elenkati l-kollaboraturi li jkunu f'pożizzjoni li tista' twassal għal kunflitt ta' interess (l-Artikolu 52 tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikolu 34 tar-Regoli tal-Implimentazzjoni).

- (e) Adegwatezza tal-azzjoni konġunta mal-kuntest soċjali, kulturali u politiku (8 punti)

L-applikanti jridu jorbtu l-azzjoni mas-sitwazzjoni tal-pajjiżi jew iż-żoni speċifiċi involuti, filwaqt li jiżguraw il-kompatibilità tal-attivitajiet previsti mal-kultura u l-fehmiet tal-gruppi mmirati.

2. Kwalità teknika tal-azzjoni konġunta (30 punt, valur minimu: 15-il punt)

- (a) Bażi ta' prova (6 punti)

L-applikanti jridu jinkludu l-analiżi tal-problema u jiddeskrivu b'mod ċar il-fatturi, l-impatt, l-effettività u l-applikabilità tal-miżuri proposti.

- (b) Speċifikazzjoni tal-kontenut (6 punti)

L-applikanti jridu jiddeskrivu b'mod ċar l-għanijiet u l-miri, il-gruppi fil-mira, inklużi fatturi ġeografiċi rilevanti, metodi, effetti u riżultati mistennija;

- (ċ) In-natura innovattiva, il-komplementarjetà teknika u l-evitar tad-duplikazzjoni ta' azzjonijiet eżistenti oħra f'livell tal-UE (6 punti)

L-applikanti jridu jidentifikaw b'mod ċar il-progress biħsiebha tikseb l-azzjoni konġunta fl-ambitu tas-settur frabta mal-metodi l-aktar moderni u jiżguraw li la jkun hemm duplikazzjoni mhux xierqa u lanqas irkib fuq xulxin, la parzjali u lanqas totali, bejn il-proġetti u l-attivitajiet li diġà twettqu fil-livell Ewropew u fil-livell internazzjonali.

- (d) Strateġija ta' valutazzjoni (6 punti)

L-applikanti jridu jfissru b'mod ċar it-tip u l-adegwatezza ta' dawk il-metodi proposti u l-indikaturi magħżula.

- (e) Strateġija ta' tixrid (6 punti)

L-applikanti jridu jispjegaw bl-eżempji b'mod ċar l-adegwatezza tal-istrateġija prevista u l-metodoloġija proposta biex jiżguraw it-trasferibilità tar-riżultati u s-sostenibilità tat-tixrid.

3. Kwalità ta' ġestjoni tal-proġett u l-baġit (30 punt, valur minimu: 15-il punt)

- (a) Ippjanar u organizzazzjoni tal-azzjoni konġunta (5 punti)

L-applikanti jridu jiddeskrivu l-attivitajiet li għandhom jitwettqu, l-iskeda taż-żmien u l-miri intermedji, ir-riżultati tanġibbli tal-proċess tal-iżvilupp, in-natura u t-tqassim tal-kompiti, u l-analiżi tar-riskju.

- (b) Kapaċità organizzattiva (5 punti)

L-applikanti jridu jiddeskrivu l-istruttura tal-ġestjoni, il-kompetenza tal-istaff, ir-responsabilitajiet, il-komunikazzjoni interna, it-tehdid tad-deċiżjonijiet, il-monitoraġġ u s-superviżjoni;

- (ċ) Kwalità tal-kollaborazzjonijiet bi sħab (5 punti)

L-applikanti jridu jiddeskrivu l-kollaborazzjonijiet bi sħab previsti mil-lat ta' estensività, rwoli, u responsabilitajiet, relazzjonijiet fost is-soċji differenti, sinerġija u komplementarjetà tad-diversi soċji fil-proġett u l-istruttura tan-network.

- (d) Strateġija tal-komunikazzjoni (5 punti)

L-applikanti jridu jiddeskrivu l-istrateġija tal-komunikazzjoni mil-lat ta' pplanar, gruppi mmirati, adegwatezza tal-mezzi użati u viżibilità tal-kofinanzjament Komunitarju.

- (e) Baġit globali u ddettaljat, inkluża l-ġestjoni finanzjarja (10 punti, valur minimu: 5 punti)

L-applikanti jridu jiżguraw li l-baġit huwa rilevanti, xieraq, ibbilanċjat u konsistenti fih innifsu, bejn is-soċji u fir-rigward tal-għanijiet speċifiċi tal-azzjoni konġunta. Il-baġit għandu jitqassam fost is-soċji f'livell minimu raġjonevoli, waqt li tiġi evitata frammentazzjoni eċċessiva.

L-applikanti jridu jiddeskrivu ċ-ċirkuwiti finanzjarji, ir-responsabilitajiet, il-proċeduri ta' rappurtar u l-kontrolli.

Kwalunkwe proposta li ma jirnexxilhiex tikseb il-valur minimu se tiġi rrifjutata.

ANNEX V

Kriterji għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji għat-tħaddim ta' korp mhux governattiv jew ta' netwerk speċjalizzat (għotjiet operattivi) taħt it-tieni programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008-13)

Id-Deċiżjoni 1350/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-Artikolu 4(1) (b)

1. KRITERJI TA' ESKLUŻJONI U ELIĠIBILITÀ

Kontribuzzjonijiet fianzarji mill-Komunità jistgħu jiġu aġġudikati għat-tħaddim ta' korp mhux governattiv jew l-ispejjeż assoċjati mal-koordinazzjoni ta' netwerk speċjalizzat minn korp bla skop ta' qligħ. Netwerk speċjalizzat huwa netwerk Ewropew li jirrappreżenta korpi li ma għandhomx l-iskop ta' qligħ attivi fl-Istati Membri jew f'pajjiżi li jipparteċipaw fit-tieni Programm tas-Saħħa u li jippromwovu prinċipji u politiki li huma meqjusa konsistenti mal-għanijiet tal-Programm, li għandhom prestazzjoni tal-passat rilevanti ta' kisbiet konġunti u regoli stabbiliti ta' kollaborazzjoni (pereżempju SOPs (Proċeduri Standard ta' Operat) jew memorandum ta' fehma). Organizzazzjoni jew netwerk speċjalizzat jista' jirċievi fondi jekk huwa:

- ma jkunx jopera bl-iskop ta' qligħ u jkun indipendenti minn interessi industrijali, kummerċjali u ta' negozju jew interessi oħrajn ta' kunflitt;
- għandu membri f'mill-inqas nofs l-Istati Membri;
- għandu kopertura ġeografika bbilanjata;
- isegwi bħala l-għan primarju tiegħu wieħed jew aktar mill-għanijiet tal-Programm;
- ma jsegwix għanijiet ġenerali direttament jew indirettament kuntrarji għall-politiki tal-Unjoni Ewropea jew li assoċjati ma' immaġni inadegwata;
- ta lill-Kummissjoni rendikont sodisfaċenti tas-sħubija, ir-regoli interni u s-sorsi ta' finanzjament tiegħu;
- ipprova lill-Kummissjoni l-pjan ta' ħidma annwali tiegħu għas-sena finanzjarja u r-rapport tal-attività annwali tiegħu l-aktar riċenti u, jekk disponibbli, ir-rapport ta' valutazzjoni l-aktar riċenti;
- ma huwa fl-ebda waħda mis-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni elenkati fl-Artikoli 93 u 94 tar-Regolament Finanzjarju.

Kwalunkwe proposta li tasal wara li jiskadi ż-żmien li fih jintlaqgħu l-proposti, kwalunkwe proposta jew proposta mhux kompluta li tonqos milli tissodisfa r-rekwiżiti formali stipulati fis-sejħa għall-proposti mhijjex se titqies għall-finanzjament. Dan ma japplikax fil-każ ta' żbalji klerikali ovgji fis-sens tal-Artikolu 178(2) tar-regoli tal-Implimentazzjoni.

Il-kriterju "indipendenti mill-industrija, minn interessi industrijali, kummerċjali jew interessi oħra kunfliġġenti" jirreferi għal tliet aspetti li kollha jridu jiġu ssodisfati mill-organizzazzjoni applikanti:

Indipendenza legali

Żewġ entitajiet legali għandhom jitqiesu bħala indipendenti minn xulxin l-ebda waħda minnhom ma tkun taħt kontroll dirett jew indirett tal-oħra inkella taħt l-istess kontroll dirett jew indirett ta' entità terza bħall-oħra.

Il-kontroll jista' b'mod partikolari jieħu waħda minn dawn iż-żewġ forum:

- (a) L-ishma diretti jew indiretti ta' aktar minn 50 % tal-valur nominali tal-kapital azzjonarju maħruġ fl-entità legali kkonċernata, jew ta' maġġoranza tad-drittijiet għall-vot tal-partijiet interessati jew tas-soċji ta' dik l-entità;
- (b) Il-pussess dirett jew indirett tas-setgħat tat-teħid tad-deċiżjonijiet, fattwalment jew legalment, fl-entità legali kkonċernata.

Madankollu, ir-relazzjonijiet li ġejjin bejn l-entitajiet legali ma għandhomx fihom infushom jitqiesu li qed jikkostitwixxu relazzjonijiet ta' kontroll:

- (c) Il-pussess dirett jew indirett ta' aktar minn 50 % tal-valur nominali tal-kapital azzjonarju maħruġ fl-organizzazzjoni applikanta jew ta' maġġoranza tad-drittijiet għall-vot tal-partijiet interessati jew tas-soċji tal-entitajiet legali jkunu għand l-istess korp pubbliku;
- (d) L-entitajiet legali kkonċernati jkunu proprjetà tal-istess entità pubblika jew ikunu ssorveljati minnha.

Indipendenza finanzjarja

Bħala regola ġenerali, organizzazzjonijiet applikanti li jirċievu aktar minn 20 % tal-finanzjament tagħhom mis-settur privat ⁽⁶²⁾ jew interess ieħor ta' kunflitt għat-tħaddim tagħhom (finanzjament ta' bażi) għandhom jitqiesu bħala finanzjarjament dipendenti.

Trasparenza tal-attivitajiet u l-finanzjament tal-applikant

(e) L-attivitajiet kollha għandhom jiġu ppubblikati fir-rapport annwali tal-applikant ⁽⁶³⁾.

Applikanti li jaħdmu ma' operaturi mis-settur privat li huma ikkunsidrati ineliġibbli pereżempju minħabba li n-natura tal-attività tagħhom tkun inkompatibbli mal-prinċipji bażiċi tal-Unjoni Ewropea kif iddikjarati fl-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat tal-KE, jistgħu jiġu kkunsidrati bħala inaċċettabbli.

(f) L-informazzjoni kollha dwar il-finanzjament għandha tkun disponibbli għall-pubbliku permezz tal-websajt tal-applikant, ikklassifikata skont it-tip (finanzjament ta' bażi u finanzjament tal-proġett, kontribuzzjoni mhux fi flus) u skont l-entità tal-finanzjament.

(g) L-istqarrijiet tal-pożizzjoni eżistenti tal-applikanti fir-rigward tar-rekwiżit tagħhom fejn tidħol trasparenza għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.

2. KRITERJI TAL-GĦAŻLA

Il-kriterji tal-għażla joħlqu l-possibbiltà li tiġi vvalutata l-qagħda finanzjarja u l-kapaċità operattiva tal-applikant f'konnessjoni mat-tkomplija tal-programm ta' ħidma propost.

Jistgħu jirċievu għotja biss dawk l-organizzazzjonijiet li jkollhom ir-riżorsi meħtieġa biex jiżguraw il-funzjonament tagħhom. Bħala prova ta' dan iridu:

- jehmżu kopja tal-kontijiet annwali tal-organizzazzjoni għall-aħħar sena finanzjarja li għaliha l-kontijiet ikunu nġhalqu qabel ma ntefġet l-applikazzjoni. Jekk l-applikazzjoni għall-għotja tkun mingħand organizzazzjoni Ewropea ġdida, l-applikant irid jipproduċi l-kontijiet annwali (inklużi l-karta ta' bilanċ u stqarrija dwar il-qliġh u t-telf) tal-organizzazzjonijiet membri tal-korp il-ġdid għall-aħħar sena finanzjarja li għaliha l-kontijiet ikunu nġhalqu qabel ma tressqet l-applikazzjoni;
- jippreżentaw baġit bil-quddiem iddettaljat għall-organizzazzjoni, ibbilanċjat f'termini ta' dħul u ħruġ;
- jehmżu rapport estern ta' verifika maħruġ minn awdatur approvat f'każ ta' applikazzjonijiet għal għotjiet operattivi li jaqbu l-EUR 100 000, li jiċċertifika l-kontijiet għall-aħħar sena finanzjarja u li jipprovdri valutazzjoni tal-vijabbiltà finanzjarja tal-organizzazzjoni applikanti.

Jistgħu jirċievu għotja biss dawk l-organizzazzjonijiet li jkollhom ir-riżorsi operattivi, il-kompetenzi u l-esperjenza professjonali meħtieġa. Għal dan il-għan, trid tinhemeż l-informazzjoni li ġeġja bħala sostenn għall-applikazzjoni:

- ir-rapport tal-attività annwali l-iktar reċenti tal-organizzazzjoni, jew, fil-każ ta' organizzazzjoni li għadha kemm twaqqfet, il-*curricula vitae* tal-membri tal-bord tal-ġestjoni u staff ieħor u r-rapporti annwali tal-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet membri tal-korp il-ġdid;
- kwalunkwe referenza marbuta mal-parteċipazzjoni f'azzjonijiet ifffinanzjati mill-Kummissjoni Ewropea jew ma' applikazzjonijiet għalihom, konklużjoni ta' ftehimiet dwar l-għotja u konklużjoni ta' kuntratti mill-baġit Komunitarju.

3. KRITERJI TAL-ALLOKAZZJONI

Il-kriterji tal-allokazzjoni joħlqu l-possibbiltà li jintgħażlu programmi ta' ħidma li jistgħu jiġġarantixxu konformità mal-għanijiet u l-prijoritajiet tal-Komunità u jistgħu jiġġarantixxu t-tixrid u l-komunikazzjoni, inkluża l-viżibiltà tal-finanzjament Komunitarju.

Għal dan il-għan, il-programm ta' ħidma annwali ppreżentat bil-ħsieb li jinkiseb finanzjament Komunitarju jrid jissodisfa l-kriterji li ġeġjin:

⁽⁶²⁾ It-terminu "settur privat" ikopri kumpaniji/intrapriżi/korporazzjonijiet li l-għan tagħhom hu li jaġhmlu profitt, organizzazzjonijiet kummerċjali jew entitajiet oħra irrispettivament min-natura legali tagħhom (irreġistrati/mhux irreġistrati), sġieda (totalment jew parzjalment tal-privat/tal-istat) jew daqs (kbar/żgħar), jekk mhumiex ikkontrollati mill-pubbliku.

⁽⁶³⁾ Għandhom jiġu elenkati l-kollaboraturi li jkunu f'pożizzjoni li tista' twassal għal kunflitt ta' interess (l-Artikolu 52 tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikolu 34 tar-Regoli tal-Implimentazzjoni).

1. Politika u rilevanza kurrentwali tal-korp mhux governattiv jew il-programm ta' ħidma annwali tan-netwerk speċjalizzat (25 punt, valur minimu 13-il punt)
 - (a) Konsistenza tal-programm ta' ħidma annwali mat-tieni Programm tas-Saħħa u l-Pjan ta' Ħidma annwali tiegħu mil-lat ta' ssodisfar tal-għanijiet u l-prijoritajiet (10 punti)
 - (b) L-attivitatiet tal-organizzazzjoni ⁽⁶⁴⁾ iridu jkunu deskritti fir-rigward tal-prijoritajiet spjegati fid-dettall fil-Pjan ta' Ħidma għall-2010 (10 punti)
 - (c) Pertinenza tad-distribuzzjoni ġeografika tal-korp mhux governattiv jew tan-netwerk speċjalizzat. Il-programm ta' ħidma annwali tal-applikant għandu jinkludi attivitatiet f'għadd reprezentiv ta' pajjiżi parteċipanti. (5 punti)
- 2) Kwalità teknika tal-programm ta' ħidma annwali propost (40 punt, valur minimu 20 punt)
 - (a) Skop tal-programm ta' ħidma annwali. il-programm ta' ħidma tal-applikant irid jiddeskrivi b'mod ċar l-għanijiet kollha tal-organizzazzjoni jew in-netwerk speċjalizzat u s-sostenibilità tagħhom u l-adegwatezza tagħhom għall-kisba tar-riżultati mistennija. L-applikant irid juri li l-programm ta' ħidma mressaq jagħti stampa vera u ġusta tal-attivitatiet kollha ppjanati għall-organizzazzjoni/in-netwerk speċjalizzat fl-2010, inklużi dawk l-attivitatiet li ma jikkorrispondux fil-Pjan ta' Ħidma għall-2010 tat-tieni Programm ta' Ħidma. (10 punti).
 - (b) Qafas operattiv: il-programm ta' ħidma tal-applikant għandu jiddeskrivi b'mod ċar l-attivitatiet ipplanati, il-kompiti, ir-responsabilitajiet u l-iskedi tal-parti tal-programm ta' ħidma tagħhom koerenti mal-Pjan ta' Ħidma għall-2010 tat-tieni Programm tas-Saħħa u jiddeskrivi r-relazzjoni tiegħu mal-partijiet l-oħra tal-attività tagħhom. (10 punti)
 - (c) Strateġija ta' valutazzjoni: il-programm ta' ħidma tal-applikant irid jiddeskrivi l-valutazzjoni interna u esterna tal-attivitatiet tagħhom u l-indikaturi li għandhom jintużaw. (10 punti)
 - (d) Strateġija ta' tixrid: il-benefiċjarju jrid juri b'mod ċar l-adegwatezza tal-azzjonijiet u l-metodi għall-komunikazzjoni u t-tixrid. (10 punti)
- 3) Kwalità tal-Ġestjoni (35 punt, valur minimu 18-il punt)
 - (a) Ippjanar tal-ħidma annwali. l-applikant irid jiddeskrivi l-attivitatiet li għandhom jitewwqu, l-iskeda; il-lista tar-riżultati tanġibbli tal-proċess tal-iżvilupp u jipprovdi n-natura u t-tqassim tal-kompiti u analiżi tar-riskju. (10 punti)
 - (b) Kapaċità organizzattiva: l-applikant irid jiddeskrivi l-proċess tal-ġestjoni, ir-riżorsi umani u l-kompetenza tal-istaff, ir-responsabbiltajiet, il-komunikazzjoni interna, it-tehd tad-deċiżjonijiet, il-monitoraġġ u s-supervizzjoni. L-applikant irid jispjefika wkoll ir-relazzjonijiet ta' ħidma bejn is-soċji rilevanti u l-partijiet interessati. (10 punti)
 - (c) Il-baġit globali u dettaljat: l-applikant irid jiżgura li l-baġit huwa rilevanti, xieraq, ibbilanċjat u konsistenti fih innifsu u għall-attivitatiet ipplanati. (10 punti)
 - (d) Ġesjoni finanzjarja: l-applikant irid jiddeskrivi ċ-ċirkuwiti finanzjarji, ir-responsabilitajiet, il-proċeduri ta' rappurtar u, meta possibbli, il-kontrolli. (5 punti)

Kwalunkwe proposta li ma jirnexxlihiex tikseb il-valur minimu se tiġi rrifjutata.

Wara l-valutazzjoni tar-riskju, titħejja lista ta' proposti rakkomandati għall-finanzjament, klassifikati skont l-għadd totali tal-punti mogħtija. Skont id-disponibilità tal-baġit, il-proposti li jkunu ġew ikklassifikati fl-ogħla postijiet se jiġu allokati kofinanzjament. Il-bqija tal-proposti rakkomandati għal kofinanzjament jiddaħħlu f'lista ta' riżerva.

⁽⁶⁴⁾ Attivitajiet ta' lobbying esklussivament immirati lejn l-istituzzjonijiet tal-UE huma esklużi mill-finanzjament

ANNEX VI

Kriterji għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji għal konferenzi taħt it-tieni programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008-13)

Id-Deċiżjoni 1350/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-Artikolu 4(1) (a)

1. KRITERJI TA' ESKLUŻJONI U ELIĠIBILITÀ

1. L-applikanti għandhom jitħallew barra milli jipparteċipaw fi proċedura ta' għoti f'rabta mat-tieni Programm tas-Saħħa jekk:

- (a) ikunu falluti jew qed jingħalqu, għandhom in-negozju tagħhom amministrat mill-qrati, daħlu fi ftehim mal-kredituri, issospendew l-attivitàjiet ta' negozju tagħhom, huma s-suġġetti ta' proċedimenti li jikkonċernaw dawn il-kwistjonijiet jew jinsabu f'xi sitwazzjoni analoga li ġejja minn xi proċedura simili prevista fil-leġiżlazzjoni jew fir-regolamenti nazzjonali;
- (b) ikunu nstabu ħatja ta' xi offiża li tirrigwarda l-kondotta professjonali tagħhom minn sentenza li għandha s-saħħa ta' *res judicata*;
- (c) ikunu ħatja ta' kondotta professjonali ħażina serja pprovata bi kwalunkwe mezz li l-awtorità kontraenti tista' tiġġustifika;
- (d) ma jkunux jistgħu jissodisfaw l-obbligi marbuta mal-ħlas ta' kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali jew il-ħlas ta' taxxi skont id-dispożizzjonijiet legali tal-pajjiż li fih ikunu stabbiliti jew dawk tal-pajjiż tal-Uffiċjal Awtorizzanti jew dawk tal-pajjiż fejn għandu jkun attwat il-kuntratt;
- (e) kienu suġġetti għal sentenza b'saħħa ta' *res judicata* minħabba frodi, korruzzjoni, implikazzjoni f'xi organizzazzjoni kriminali jew xi attività oħra illegali ta' ħsara għall-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet;
- (f) ikunu preżentement soġġetti għall-penali amministrattivi msemmija fl-Artikolu 96(1) tar-Regolament Finanzjarju;
- (g) ikunu rċevew għajjnuna illegali, li dwarha l-Kummissjoni kienet adottat deċiżjoni negattiva li tinvolvi ordni għal irkupru, u l-għajjnuna ma tkunx ġiet irkuprata skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999.

Prova: Il-kandidati għandhom jipprovdur dikjarazzjoni fuq unurhom, iffirmata u datata kif xieraq, li tafferma li ma jkunux jinsabu fl-ebda waħda mis-sitwazzjonijiet elenkati hawn fuq.

2. Kawalunkwe proposta li tasal wara li jiskadi ż-żmien li fih jintlaqgħu l-proposti, kwalunkwe proposta jew proposti mhux kompluta li tonqos milli tissodisfa r-rekwiżiti formali stipulati fis-sejħa għall-proposti mhijiex se titqies għall-finanzjament. Dan ma japplikax fil-każ ta' żbalji klerikali ovgji fis-sens tal-Artikolu 178(2) tar-regoli tal-Implimentazzjoni.

Kull applikazzjoni jrid ikollha d-dokumenti mitluba skont is-sejħa għall-proposti, inklużi d-dokumenti li ġejjin:

- Dejta amministrattiva dwar is-soċju ewlieni;
- Deskrizzjoni teknika tal-konferenza;
- Baġit globali tal-konferenza u l-livell mitlub ta' kofinanzjament tal-Komunità.

Prova: Il-kontenut tal-applikazzjoni.

3. L-azzjonijiet li diġà jkun b'dew sad-data li fiha tkun irreġistrata l-applikazzjoni għall-għotja se jiġu esklużi milli jipparteċipaw fit-tieni Programm tas-Saħħa. It-tul ta' żmien tal-azzjoni ma jistax jaqbeż it-12-il xahar.

Prova: Id-data tal-bidu skedata u t-tul ta' żmien skedat tal-azzjoni jridu jiġu speċifikati fl-applikazzjoni għall-għotja.

2. KRITERJI TAL-GĦAŻLA

Dawk il-proposti biss li jkun ssodisfaw ir-rekwiżiti tal-kriterji ta' esklużjoni għandhom ikunu eliġibbli għall-valutazzjoni. Il-kriterji kollha ta' għażla li ġejjin għandhom ikunu sodisfatti.

1. Kapaċità finanzjarja

L-applikanti jrid ikollhom sorsi ta' finanzjament stabbli u suffiċjenti biex ikunu jistgħu jżommu l-attività tagħhom għaddejjha matul il-perjodu kollu li fih tkun qed titwettaq l-attività u biex ikunu jistgħu jipparteċipaw fil-kofinanzjament tagħha.

Prova: L-applikanti jridu jissottomettu l-kont tal-profit u t-telf u l-karti tal-bilanċ għas-sentejn finanzjarji sħaħ imgħoddija

Il-verifika tal-kapaċità finanzjarja ma tapplikax għall-entitajiet pubbliċi, jew għal organizzazzjonijiet pubbliċi internazzjonali maħluqa permezz ta' ftehimiet intergovernattivi jew għal aġenziji speċjalisti li nħolqu b'dawn il-ftehimiet.

2. Kapaċità operattiva

L-applikant irid ikollu r-riżorsi professjonali, il-kompetenzi u l-kwalifiki meħtieġa biex ikun jista' jwettaq u jtemm l-azzjoni proposta.

Prova: L-applikanti jridu jissottomettu r-rapport annwali tal-attivitajiet l-aktar riċenti tal-organizzazzjoni inklużi d-dettalji operattivi, finanzjarji u tekniċi u l-*curricula vitae* tal-istaff professjonali rilevanti fl-organizzazzjonijiet kollha involuti fil-konferenza.

3. Dokumenti addizzjonali għandhom jiġu ppreżentati fuq talba tal-Kummissjoni.

Jekk issir talba għalih, l-applikanti jridu jippreżentaw rapport ta' verifika finanzjarja esterna magħmul minn awditur approvat, li jiċċertifika l-kontijiet għall-aħħar sena finanzjarja disponibbli u li jipprovi valutazzjoni tal-vijabilità finanzjarja tal-applikant.

3. KRITERJI TAL-ALLOKAZZJONI

1. Kontenut tal-proposta (60 punt, valur minimu 30 punt)

(a) Rilevanza tal-kontenut u r-riżultati mistennija tal-avveniment fir-rigward tal-għanijiet u l-prijoritajiet deskritti fit-tieni Programm tas-Saħħa u l-Pjan ta' Ħidma annwali tiegħu (15-il punt)

(b) Parteċipazzjoni (15-il punt)

L-applikant għandu jiddeskrivi l-għadd mistenni u l-profil/funzjoni tal-parteċipanti mmirati fl-avveniment, filwaqt li ssir referenza għat-tqassim skont l-Istati Membri, l-organizzazzjoni u t-tip ta' għarfien espert.

(c) Dimensjoni Ewropea (15 il punt)

Il-konferenza għandu jkollha dimensjoni wiesgħa marbuta mal-Unjoni Ewropea, bil-parteċipazzjoni ta' rappreżentanzi minn 10 pajjiżi jew aktar jipparteċipaw fit-tieni Programm tas-Saħħa.

(d) Segwitu u metodoloġija tal-valutazzjoni (15-il punt)

L-applikanti jridu jiddeskrivu l-istrateġija tagħhom ta' tixrid.

Valutazzjoni adegwata għandha tiġi prevista fuq pjan ta' valutazzjoni bi tfassil, metodu, responsabilitajiet u skedar korrispondenti li jagħmlu użu mill-indikaturi.

2. Kwalità tal-Ġestjoni (40 punt, valur minimu 20 punt)

(a) Ippjanar tal-avveniment (15-il punt)

L-applikant irid jiddeskrivi l-metodoloġija, l-għodda, l-iskeda taż-żmien u l-miri intermedji, ir-riżultati tanġibbli tal-proċess tal-iżvilupp, in-natura u t-tqassim tal-kompiti, l-analiżi tar-riskju, u ċ-ċirkuwiti finanzjarji.

(b) Kapaċità organizzattiva (10 punti)

L-applikant irid jiddeskrivi l-istruttura tal-ġestjoni, il-kompetenza tal-istaff, ir-responsabilitajiet, it-teħid tad-deċiżjonijiet, il-monitoraġġ u s-superviżjoni.

(c) Il-baġit globali u dettaljat (15-il punt)

L-applikant irid jiżgura li l-baġit huwa rilevanti, xieraq, ibbilanċjat u konsistenti fih innifsu fir-rigward tal-għan(ijiet) tal-proġett.

Kwalunkwe proposta li ma jirnexxlihiex tikseb il-valur minimu se tiġi rrifjutata.

Wara l-valutazzjoni tar-riskju, titħejja lista ta' proposti rakkomandati għall-finanzjament, klassifikati skont l-għadd totali tal-punti mogħtija. Skont id-disponibilità tal-baġit, il-proposti li jkunu ġew ikklassifikati fl-ogħla postijiet se jiġu allokati kofinanzjament. Il-bqija tal-proposti rakkomandati għal kofinanzjament jiddaħħlu f'lista ta' riżerva.

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2009 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 000 EUR fis-sena (*)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	100 EUR fix-xahar (*)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 200 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	700 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	70 EUR fix-xahar
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	400 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	40 EUR fix-xahar
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	500 EUR fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	360 EUR fis-sena (= 30 EUR fix-xahar)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	50 EUR fis-sena

(*) Il-prezz kull kopja: bi 32 paġna: 6 EUR
minn 33 sa 64 paġna: 12 EUR
aktar minn 64 paġna: Prezz fiss għal kull każ

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li jroġġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeftiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (Serje S – Appalti u Swieq Pubbliċi) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Il-pubblikazzjonijiet bil-flus editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

MT